Taħt il-liġi pubblika internazzjonali, it-testi oriġinali tan-NU/KEE biss għandhom effett legali. L-istatus u d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu kkontrollati fl-iktar verżjoni reċenti tad-dokument tal-istatus tan-NU/KEE TRANS/WP.29/343/Rev.X, li huwa disponibbli fuq:
http://www.unece.org/trans/main/wp29/wp29wgs/wp29gen/wp29fdocstts.html

Ir-Regolament Nru 44 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/ECE) — Id-dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tat-tagħmir tat-trażżin għat-tfal li jirkbu bħala passiġġieri f'vetturi bil-magna ("Sistemi tat-Trażżin għat-Tfal")

Li jinkorpora t-test validu kollha sa:

Ir-rettifika 4 għar-Reviżjoni 2 tar-Regolament — Data tad-dħul fis-seħħ: l-10 ta' Novembru 2010

WERREJ

REGOLAMENT

1. L-ambitu

2. Id-definizzjonijiet

3. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni

4. L-immarkar

5. L-approvazzjoni

6. L-ispeċifikazzjonijiet ġenerali

7. L-ispeċifikazzjonijiet partikolari

8. Id-deskrizzjoni tat-testijiet

9. Ir-rapporti tat-test tal-approvazzjoni tat-tip u tal-kwalifikazzjoni tal-produzzjoni

10. Il-modifikazzjoni u l-estensjoni tal-approvazzjoni ta' tip ta' sistema ta' trażżin għat-tfal

11. Il-kwalifikazzjoni tal-produzzjoni

12. Il-konformità tal-produzzjoni u t-testijiet ta' rutina

13. Il-pieni għan-nuqqas ta' konformità tal-produzzjoni

14. Produzzjoni li twaqqfet għalkollox b'mod definittiv

15. L-istruzzjonijiet

16. L-ismijiet u l-indirizzi tas-Servizzi Tekniċi responsabbli mit-twettiq tat-testijiet ta' approvazzjoni, u tad-Dipartimenti Amministrattivi

17. Id-dispożizzjonijiet tranżizzjonali

ANNESSI

Anness 1 – Il-Komunikazzjoni li tikkonċerna l-approvazzjoni jew l-estensjoni jew ir-rifjut jew l-irtirar ta' approvazzjoni jew produzzjoni imwaqqfa b'mod definittiv ta' tagħmir ta' trażżin għat-tfal li jirkbu bħala passiġġieri f'vetturi bil-magna, skont ir-Regolament Nru 44

Anness 2 – L-arranġamenti tal-marka tal-approvazzjoni

Anness 3 – L-arranġament tal-apparat għat-test tar-reżistenza għat-trab

Anness 4 – It-test tal-korrużjoni

Anness 5 – It-test tal-brix u tal-microslip

Anness 6 – Id-deskrizzjoni tat-troli

Anness 7 – Il-kurvi tat-tnaqqis fil-veloċità tat-troli bħala funzjoni tal-ħin

Appendiċi 1 – Il-kurvi tat-tnaqqis fil-veloċità jew tal-aċċelerazzjoni tat-troli bħala funzjoni tal-ħin. L-impatt minn quddiem

Appendiċi 2 – Il-kurvi tat-tnaqqis fil-veloċità jew tal-aċċelerazzjoni tat-troli bħala funzjoni tal-ħin. L-impatt minn wara

Anness 8 – Id-deskrizzjoni tat-manikini

Appendiċi 1 – Id-deskrizzjoni tal-manikini ta'disa' xhur, u ta' tliet, sitt u 10 snin

Appendiċi 2 – Id-deskrizzjoni tal-manikin "tat-twelid"

Appendiċi 3 – Id-deskrizzjoni tal-manikin ta' 18-il xahar

Anness 9 – It-test tal-impatt minn quddiem kontra ostakolu

Anness 10 – Il-proċedura tat-test tal-impatt minn wara

Anness 11 – Ankraġġi addizzjonali meħtieġa biex jintrabat it-trażżin għat-tfal tal-kategorija semiuniversali ma' vetturi bil-magna

Anness 12 – Is-siġġu

Anness 13 – Iċ-ċinturin tas-sigurtà standard

Anness 14 – L-iskema tal-approvazzjoni tat-tip (flow chart ISO 9002:2000)

Anness 15 – Noti ta' spjegazzjoni

Anness 16 – Il-kontroll tal-konformità tal-produzzjoni

Anness 17 – It-test tal-materjal assorbenti tal-enerġija

Anness 18 – Il-metodu li bih tiġi ddefinita l-erja tal-impatt tar-ras tat-tagħmir b'post fejn isserraż id-dahar u għat-tagħmir li jħares lura għad-definizzjoni tad-daqs minimu tal-madgards tal-ġenb

Anness 19 – Id-deskrizzjoni tal-ikkondizzjonar tal-apparat li jaġġusta armat direttament fuq it-trażżin għat-tfal

Anness 20 – It-tagħmir tipiku tat-test tas-saħħa tal-bokkla

Anness 21 – L-installazzjoni tat-test dinamiku tal-ħbit

Anness 22 – It-test tal-blokka tal-ġisem tal-parti t'isfel tat-torso

1. L-AMBITU

1.1. Dan ir-Regolament japplika għas-sistemi tat-trażżin għat-tfal li huma adattati biex jiġu installati f'vetturi bil-magna li għandhom tliet roti jew aktar, u li mhumiex maħsuba biex jintużaw ma' sits li jintlewew (li jintrefgħu) jew li jħarsu lejn il-ġnub.

2. ID-DEFINIZZJONIJIET

Għall-fini ta' dan ir-Regolament:

2.1. Sistema tat-trażżin għat-tfal ("trażżin") tfisser arranġament ta' komponenti li jistgħu jinkludu t-taħlita ta' ċineg jew komponenti flessibbli b'bokkla ta' sigurtà, apparat għall-aġġustament, żidiet u f'ċerti każi tagħmir supplimentari bħal kerrikot, benniena għat-trabi li tinġarr, siġġu supplimentari u/jew ħarsien mill-impatt, li jistgħu jintrabtu ma' vettura li taħdem bl-enerġija. Hija ddisinjata b'tali mod li tnaqqas ir-riskju li min jilbisha jweġġa', fil-każ ta' kolliżjoni jew ta' tnaqqis f'daqqa tal-veloċità tal-vettura, minħabba li tkun limitata l-mobilità tal-ġisem ta' min jilbisha.

"ISOFIX" hija sistema għall-kollegament ta' sistemi tat-trażżin għat-tfal ma' vetturi li jkollhom żewġ ankraġġi tal-vetturi riġidi, żewġ żjidiet riġidi li jikkorrispondu fuq is-sistema tat-trażżin għat-tfal u mezz li jillimita r-rotazzjoni tal-irroljar (pitch rotation) tas-sistema tat-trażżin għat-tfal.

2.1.1. It-trażżin għat-tfal jaqa' f'ħames "gruppi ta' massa":

2.1.1.1. il-grupp 0 għal tfal li jiżnu inqas minn 10 kg;

2.1.1.2. il-grupp 0 + għal tfal li jiżnu inqas minn 13-il kg;

2.1.1.3. il-grupp I għal tfal li jiżnu bejn 9 kg u 18-il kg;

2.1.1.4. il-grupp II għal tfal li jiżnu bejn 15-il kg u 25 kg;

2.1.1.5. il-grupp III għal tfal li jiżnu bejn 22 kg u 36 kg;

2.1.1.6. Is-sistemi tat-trażżin għat-tfal ISOFIX jaqgħu f'seba' klassijiet ta' daqs ISOFIX li ġew deskritti fl-Appendiċi 2 tal-Anness 17 għar-Regolament Nru 16:

A - ISO/F3: CRS (sistema tat-trażżin għat-tfal) għal tfal li għadhom kemm telqu jimxu għall-għoli kollu li tħares 'il quddiem

B - ISO/F2: CRS għal tfal li għadhom kemm telqu jimxu għal għoli mnaqqas li tħares 'il quddiem

B1 - ISO/F2X: CRS għal tfal li għadhom kemm telqu jimxu għal tul imnaqqas li tħares 'il quddiem

C - ISO/R3: CRS għal tfal li għadhom kemm telqu jimxu ta' daqs sħiħ li tħares lura

D - ISO/R2: CRS għal tfal li għadhom kemm telqu jimxu ta' daqs imnaqqas li tħares lura

E - ISO/R1: CRS għal trabi li tħares lura

F - ISO/L1: CRS f'pożizzjoni xellugija li tħares lejn il-ġenb (kerrikot)

G - ISO/L2: CRS f'pożizzjoni leminija li tħares lejn il-ġenb (kerrikot)

Grupp ta' massa		Kategorija tad-daqs ISOFIX
Minn 0 – sa 10 kg	F	ISO/L1
	G	ISO/L2
	E	ISO/R1

Grupp ta' massa		Kategorija tad-daqs ISOFIX
Minn 0+ – sa 13-il kg	C	ISO/R3
	D	ISO/R2
	E	ISO/R1
I – 9 sa 18-il kg	A	ISO/F3
	B	ISO/F2
	B1	ISO/F2X
	C	ISO/R3
	D	ISO/R2

2.1.2. It-trażżin għat-tfal jaqa' f'erba' "kategoriji":

2.1.2.1. Kategorija "universali" biex tintuża kif speċifikat fil-paragrafi 6.1.1, 6.1.3.1 u 6.1.3.2 fuq il-parti l-kbira tal-pożizzjonijiet tas-sits tal-vetturi, u b'mod partikolari dawk li ġew ivvalutati skont ir-Regolament Nru 16 – bħala li huma kompatibbli ma' kategorija ta' trażżin għat-tfal bħal din.

2.1.2.2. kategorija "ristretta" għall-użu kif speċifikat fil-paragrafi 6.1.1 u 6.1.3.1 għall-pożizzjonijiet tas-sit indikati għal tipi ta' vetturi partikolari kif indikat jew mill-manifattur tat-trażżin għat-tfal jew mill-manifattur tal-vettura:

2.1.2.3. kategorija "semiuniversali" għall-użu kif speċifikat fil-paragrafi 6.1.1 u 6.1.3.2;

2.1.2.4. kategorija ta' "vetturi speċifiċi" għall-użu jew;

2.1.2.4.1. fuq tipi speċifiċi ta' vettura, skont il-paragrafi 6.1.2 u 6.1.3.3; jew

2.1.2.4.2. bħala trażżin għat-tfal maħsub bħala "parti mill-vettura" (built in).

2.1.3. Is-sistema taż-żamma tas-sistemi tat-trażżin għat-tfal tista' tkun ta' żewġ klassijiet:

klassi integrali jekk iż-żamma tat-tfal fis-sistema tat-trażżin tkun indipendenti minn kwalunkwe mezz ikkollegat direttament mal-vettura;

klassi mhux integrali jekk iż-żamma tat-tfal fis-sistema tat-trażżin tkun tiddependi fuq kwalunkwe mezz li jkun ikkollegat direttament mal-vettura;

2.1.3.1. "trażżin parzjali" tfisser tagħmir, bħal booster cushion (kuxxin li tippermetti lit-tfal iħarsu barra mit-tieqa u hija maħsuba biex tidħol eżatt fis-sit tal-karozza), li, meta tintuża flimkien ma' ċinturin tas-sigurtà għall-adulti, li jgħaddi madwar il-ġisem tat-tfal jew irażżan it-tagħmir li fih jitpoġġew it-tfal, jifforma sistema kompleta ta' trażżin għat-tfal;

2.1.3.2. "booster cushion" tfisser kuxxin soda, li tista' tintuża ma' ċinturin tas-sigurtà għall-adulti.

2.2. "Siġġu għas-sigurtà tat-tfal" tfisser trażżin għat-tfal li jinkludi siġġu li fih jitpoġġew it-tfal.

2.3. "Ċinturin" tfisser trażżin għat-tfal li jinkludi taħlita ta' ċineg b'bokkla ta' sigurtà, apparat għall-aġġustament u żidiet;

2.4. "Siġġu" tfisser struttura li hija parti kostitwenti mit-trażżin għat-tfal u hija maħsuba biex takkomoda tifel f'pożizzjoni bilqiegħda;

2.4.1. “kerrikot” tfisser sistema ta’ trażżin maħsuba biex takkomoda u trażżan it-tfal meta jkunu mimdudin fuq daharhom jew fuq żaqqhom bis-sinsla ta’ daharhom perpendikulari għall-pjan medjan longitudinali tal-vettura. Huwa ddisinjat b’tali mod li l-forzi tat-trażżin jitqassmu tul ir-ras u l-ġisem tat-tfal għajr għad-dirgħajn u għar-riġlejn fil-każ ta’ kolliżjoni;

2.4.2. “trażżin għall-kerrikots” tfisser tagħmir użat biex irażżan kerrikot mal-istruttura tal-vettura;

2.4.3. “benniena għat-trabi li tinġarr” tfisser sistema ta’ trażżin maħsuba biex takkomoda t-tfal f’pożizzjoni kważi mimduda li thares lura. Hija ddisinjata b’tali mod li l-forzi tat-trażżin jiġu mqassma tul ir-ras u l-ġisem tat-tfal għajr għad-dirgħajn u għar-riġlejn fil-każ ta’ kolliżjoni frontali.

2.5. “Appoġġ għas-siġġu” tfisser dik il-parti mit-trażżin għat-tfal li biha s-siġġu jista’ jittella’ ‘l fuq.

2.6. “Appoġġ għat-tfal” tfisser dik il-parti mit-trażżin għat-tfal li biha t-tfal jistgħu jittellgħu ‘l fuq fi ħdan it-trażżin għat-tfal.

2.7. “Ħarsien mill-impatt” tfisser tagħmir imwaħħal quddiem it-tfal u maħsub biex iqassam il-forzi tat-trażżin tul il-parti l-kbira tat-tul tat-tfal fil-każ ta’ impatt frontali.

2.8. “Ċinga” tfisser komponent flessibbli maħsub biex jitrażmetti l-forzi;

2.8.1. “ċinga ta’ fuq il-ħoġor” tfisser ċinga li, jew fil-forma ta’ ċinturin sħiħ jew fil-forma ta’ komponent ta’ ċinturin bħal dan, tgħaddi tul il-parti ta’ quddiem tal-pelvi tat-tfal u trażżnu;

2.8.2. “trażżin għall-ispalel” tfisser dik il-parti ta’ ċinturin li trażżan il-parti ta’ fuq tat-torso tat-tfal;

2.8.3. “ċinga għal bejn il-koxox” tfisser ċinga (jew ċineg diviżi, fejn tkun magħmula minn żewġ strixxi jew aktar) imwaħħla mat-trażżin għat-tfal u maċ-ċinga ta’ fuq il-ħoġor u mqiegħda b’mod li tgħaddi bejn il-kuxxtejn tat-tfal; hija ddisinjata biex ma tħallix lit-tfal jiżżerżqu minn taħt iċ-ċinturin ta’ fuq il-ħoġor matul l-użu normali u biex ma tħallix liċ-ċinturin ta’ fuq il-ħoġor jiċċaqlaq minn fuq il-pelvi waqt impatt.

2.8.4. “ċinga għat-trażżin tat-tfal” tfisser ċinga li hija parti kostitwenti miċ-ċinturin u trażżan biss il-ġisem tat-tfal;

2.8.5. “ċinga li twaħħal it-trażżin għat-tfal” tfisser ċinga li twaħħal it-trażżin għat-tfal mal-istruttura tal-vettura u tista’ tkun parti mit-tagħmir għat-trażżin tas-sit tal-vettura;

2.8.6. “ċinturin biex jikkontrolla ċ-ċaqliq” tfisser il-montatura ta’ ċinturin li inkludi ċinturin ta’ fuq il-ħoġor, trażżin għall-ispalla u, fejn tkun installata, ċinga ta’ bejn il-koxox;

2.8.7. “Ċinturin f’forma ta’ Y” tfisser ċinturin fejn it-taħlita ta’ ċineg hija fformata minn ċinga li għandha tiġi ggwidata bejn il-koxox tat-tfal u minn ċinga għal kull spalla.

2.8.8. “ċinga għall-gwida” tfisser ċinga li tagħfas iċ-ċinga tal-ispalla taċ-ċinturin tas-sigurtà għall-adulti f’pożizzjoni adattata għat-tfal u fejn il-pożizzjoni effettiva li fiha ċ-ċinga ta’l-ispalla tbiddel id-direzzjoni tista’ tiġi aġġustata permezz ta’ strument li jista’ jiġi mċaqlaq ’il fuq u ’l isfel mat-tul taċ-ċinga biex tinstab l-ispalla ta’ min jilbisha, u mbagħad jissakkar f’dik il-pożizzjoni. Din iċ-ċinga għall-gwida mhix maħsuba biex iġġorr parti sinifikattiva mit-tagħbija dinamika.

2.9. “Bokkla” tfisser tagħmir li jinħall malajr li jippermetti li t-tfal jinżammu mit-trażżin jew li t-trażżin jinżamm mill-istruttura tal-karozza u li jista’ jinfetaħ malajr. Il-bokkla tista’ tinkludi l-apparat għall-aġġustament;

2.9.1. “buttuna magħluqa biex tinfetaħ il-bokkla”, buttuna biex tinfetaħ il-bokkla b’mod li ma jridx ikun possibbli li tinfetaħ il-bokkla billi tintuża sfera li għandha dijametru ta’ 40 mm;

2.9.2. “buttuna mhux magħluqa biex tinfetaħ il-bokkla”, buttuna biex tinfetaħ il-bokkla b’mod li jrid ikun possibbli li tinfetaħ il-bokkla permezz ta’ sfera li għandha dijametru ta’ 40 mm.

2.10. “Apparat għall-aġġustament” tfisser apparat li jippermetti li t-trażżin jew iż-żidiet tiegħu jkunu aġġustati skont il-fiżiku ta’ min jilbsu, skont il-konfigurazzjoni tal-vettura, jew skont it-tnejn. L-apparat għall-aġġustament jista’ jew ikun parti mill-bokkla jew ikun tagħmir li jiġbed lura (retractor) jew kwalunkwe parti oħra taċ-ċinturin tas-sigurtà;

2.10.1. “apparat li jaġġusta malajr” tfisser apparat għall-aġġustement li jista’ jitħaddem b’id waħda b’moviment faċli wieħed.

2.10.2. “apparat li jaġġusta armat direttament fuq it-trażżin għat-tfal” tfisser apparat li jaġġusta għaċ-ċinga integrali li huwa armat direttament fuq it-trażżin għat-tfal, minflok ma jkun sostnut direttament mill-istrixxi li huwa maħsub biex jaġġusta.

2.11. “Żjidiet” tfisser il-partijiet tat-trażżin għat-tfal, li jinkludu l-komponenti li jorbtuhom, li jippermettu li t-trażżin għat-tfal ikun imwaħħal sew mal-istruttura tal-vettura jew b’mod dirett jew billi jgħaddi mis-sit tal-vettura.

2.11.1. “Appoġġ għar-riġlejn” tfisser żieda permanenti ma’ trażżin għat-tfal li joħloq mogħdija ta’ tagħbija kompressiva bejn it-trażżin għat-tfal u l-istruttura tal-vettura sabiex jiġu evitati l-effetti tal-kuxxin tas-sit matul it-tnaqqis fil-veloċità; l-appoġġ għar-riġlejn jista’ jkun aġġustabbli.

2.12. “Tagħmir li jassorbi l-enerġija” tfisser tagħmir li huwa maħsub biex tinħela l-enerġija b’mod indipendenti minn, jew flimkien maċ-ċinga u jifforma parti mit-trażżin għat-tfal.

2.13. “Apparat li jiġbed lura” tfisser tagħmir maħsub biex jakkomoda parti jew iċ-ċinga kollha tat-trażżin għat-tfal. Dan it-terminu jkopri t-tagħmir li ġej:

2.13.1. “apparat li jiġbed lura li jissakkar awtomatikament”, apparat li jiġbed lura li jippermetti li jinħareġ it-tul mixtieq ta’ ċinga u, meta tingħalaq il-bokkla, jaġġusta awtomatikament iċ-ċinga għal mal-fiżiku ta’ min jilbisha, filwaqt li ċ-ċinga ma titħalliex tinħareġ aktar mingħajr l-intervent volontarju ta’ min jilbisha;

2.13.2. “apparat li jiġbed lura li iissakkar f’emerġenza”, apparat li jiġbed lura li ma jirristrinġix lil min jilbes iċ-ċinturin milli jiċċaqlaq liberament f’kondizzjonijiet ta’sewqan normali. Tagħmir bħal dan għandu apparat li jaġġusta awtomatikament it-tul taċ-ċinga skont il-fiżiku ta’ min jilbisha, u mekkaniżmu li jissakkar li jkun azzjonat f’emerġenza permezz ta’:

2.13.2.1. it-tnaqqis fil-veloċità tal-vettura, il-ħruġ taċ-ċinga mill-apparat li jiġbed lura, jew kwalunkwe mezz ieħor awtomatiku (sensittività unika); jew

2.13.2.2. taħlita ta’ kwalunkwe wieħed minn dawn il-mezzi (sensittività multipla).

2.14. “Ankraġġ għat-trażżin” tfisser dawk il-partijiet tal-istruttura tal-vettura jew tal-istruttura tas-sit li magħhom jitwaħħal dan l-irbit għat-trażżin tat-tfal;

2.14.1. “ankraġġ addizzjonali” tfisser parti mill-istruttura tal-vettura jew mill-istruttura tas-sit tal-vettura, jew kwalunkwe parti oħra tal-vettura, li magħha huwa maħsub li jitwaħħal it-trażżin għat-tfal u li huwa addizzjonali għall-ankraġġ approvat taħt ir-Regolament Nru 14. Dan jinkludi l-pjanċa tal-qiegħ tat-troli kif deskritt fl-Anness 6 jew karatteristiċi strutturali oħrajn ta’ vettura(i) speċifika(speċifiċi) meta dawn ikunu mgħobbija bl-appoġġ għar-riġlejn.

2.14.2. “Ankraġġ baxx ISOFIX” tfisser żbarra orizzontali tonda u riġida b’dijametru ta’ 6 mm, li testendi mill-istruttura tal-vettura jew tas-sit sabiex taċċetta u żżomm sistema tat-trażżin għat-tfal ISOFIX b’żidiet ISOFIX.

2.14.3. “Sistema ta’ ankraġġi ISOFIX” tfisser sistema magħmula minn żewġ ankraġġi baxxi ISOFIX li jissodisfaw il-kondizzjonijiet meħtieġa tar-Regolament Nru 14 li hija mfassla sabiex tqabbad sistema tat-trażżin għat-tfal ISOFIX ma’ apparat ta’ kontra r-rotazzjoni.

2.14.4. "Apparat ta' kontra r-rotazzjoni"

(a) Apparat ta' kontra r-rotazzjoni għal sistema universali tat-trażżin għat-tfal ISOFIX jikkonsisti mill-irbit ta' fuq ISOFIX.

(b) Apparat ta' kontra r-rotazzjoni għal sistema semiuniversali tat-trażżin għat-tfal ISOFIX jikkonsisti jew minn irbit ta' fuq, mid-daxxbord tal-vettura jew minn appoġġ għar-riġlejn maħsub biex jillimita r-rotazzjoni tat-trażżin matul impatt frontali.

(c) Għas-sistemi tat-trażżin għat-tfal ISOFIX, universali u semiuniversali, is-sit tal-vettura nnifsu mhuwiex apparat ta' kontra r-rotazzjoni.

2.14.5. "Ankraġġ tal-irbit ta' fuq ISOFIX" tfisser karatteristika li tissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa tar-Regolament Nru 14, pereżempju żbarra, li tkun f'żona definita, maħsuba biex taċċetta l-kollegatur taċ-ċinga tal-irbit ta' fuq ISOFIX u biex tittrasferixxi l-forza tat-trażżin tagħha lill-istruttura tal-vettura.

2.15. "Iħares 'il quddiem" tfisser iħares fid-direzzjoni normali li fiha tivvjaġġa l-vettura.

2.16. "Iħares lura" tfisser iħares fid-direzzjoni opposta għad-direzzjoni normali li fiha tivvjaġġa l-vettura.

2.17. "Pożizzjoni inklinata" tfisser pożizzjoni speċjali tas-siġġu li jħalli lit-tfal jimteddu.

2.18. "Pożizzjoni mimduda/fuq id-dahar/fuq iż-żaqq" tfisser pożizzjoni li fiha tal-inqas ir-ras u l-ġisem, għajr għad-dirgħajn u għar-riġlejn tat-tfal jinstabu fuq superiċje orizzontali meta jkunu wieqfa fit-trażżin.

2.19. "Tip ta' trażżin għat-tfal" tfisser trażżin għat-tfal li ma jvarjax f'aspetti essenzjali bħal:

2.19.1. il-kategorija, u l-grupp(i) tal-massa li għalihom, u l-pożizzjoni u l-orjentament (kif iddefiniti fil-paragrafi 2.15 u 2.16) li fihom, huwa maħsub biex jintuża t-trażżin;

2.19.2. il-ġeometrija tat-trażżin għat-tfal;

2.19.3. id-dimensjonijiet, il-massa, il-materjal u l-kulur ta':

is-sit;

l-ikkunttunar; u

l-ħarsien mill-impatt;

2.19.4. il-materjal, in-nisġa, id-dimensjonijiet u l-kulur taċ-ċineg;

2.19.5. il-komponenti riġidi (il-bokkla, iż-żidiet, eċċ.).

2.20. "Is-sit tal-vettura" tfisser struttura, li tista' tkun jew ma tkunx integrali għall-istruttura tal-vettura, kompluta bit-tapizzerija u maħsuba biex takkomoda persuna adulta. F'dan ir-rigward:

2.20.1. "grupp ta' sits tal-vettura" tfisser jew sit għal tnejn min-nies jew aktar jew numru ta' sits li huma separati imma jinstabu wieħed ħdejn l-ieħor (jiġifieri mwaħħlin b'tali mod li l-ankraġġ ta' quddiem ta' sit wieħed huwa f'linja mal-ankraġġ ta' quddiem jew ta' wara ta' sit ieħor jew fuq linja li tgħaddi bejn dak l-ankraġġi), b'kull sit jakkomoda persuna adulta waħda bilqiegħda jew aktar;

2.20.2. "sit ta' vettura għal tnejn min-nies jew aktar" tfisser struttura kompluta bit-tapizzerija u maħsuba biex takkomoda aktar minn persuna adulta waħda;

2.20.3. "is-sits ta' quddiem tal-vettura" tfisser il-grupp ta' sits li jinstabu fl-aktar parti ta' quddiem fil-kumpartiment tal-passiġġieri, jiġifieri li m'għandhom ebda sit ieħor direttament quddiemhom;

2.20.4. "is-sits ta' wara tal-vettura" huma sits fissi, li jħarsu 'l quddiem li jinstabu wara grupp ieħor ta' sits tal-vettura.

2.20.5. "Il-pożizzjoni ISOFIX" tfisser sistema li tippermetti li tiġi installata:

(a) jew sistema universali tat-trażżin għat-tfal ISOFIX li tħares 'il quddiem kif iddefinita f'dan ir-Regolament

(b) jew sistema semiuniversali tat-trażżin għat-tfal ISOFIX li tħares 'il quddiem kif iddefinita f'dan ir-Regolament,

(c) jew sistema semiuniversali tat-trażżin għat-tfal ISOFIX li tħares lura kif iddefinita f'dan ir-Regolament,

(d) jew sistema semiuniversali tat-trażżin għat-tfal ISOFIX li tħares lejn il-ġenb kif iddefinita f'dan ir-Regolament,

(e) jew sistema tat-trażżin għat-tfal ISOFIX għal vettura speċifika kif iddefinita f'dan ir-Regolament.

2.21. "Sistema għall-aġġustament" tfisser apparat komplet li bih is-sit tal-vettura jew il-partijiet tiegħu jistgħu jiġu aġġustati biex jakkomodaw il-fiżiku tal-passiġġier adult li qiegħed bilqiegħda fis-sit; dan l-istrument jista', b'mod partikolari, jippermetti:

2.21.1. spostament lonġitudinali; u/jew

2.21.2. spostament vertikali; u/jew

2.21.3. spostament angolari.

2.22. "Ankraġġ għas-sit tal-vettura" tfisser is-sistema, inklużi l-partijiet affetwati tal-istruttura tal-vettura, li permezz tagħha s-sit għall-adult kollu kemm hu jitwaħħal mal-istruttura tal-vettura.

2.23. "Tip ta' sit" tfisser kategorija ta' sits għall-adulti li ma jvarjawx f'aspetti essenzjali bħal:

2.23.1. il-forma, id-dimensjonijiet u l-materjali tal-istruttura tas-sit,

2.23.2. it-tipi u d-dimensjonijiet tal-aġġustament tas-sokra tas-sit u tas-sistemi tal-illokkjar tas-sit, u

2.23.3. it-tip u d-dimensjonijiet tal-ankraġġ taċ-ċinturin tas-sigurtà għall-adulti fuq is-sit, tal-ankraġġ tas-sit, u tal-partijiet affetwati tal-istruttura tal-vettura.

2.24. "Sistema ta' ċaqliq" tfisser tagħmir li jippermetti li s-sit għall-adult jew waħda mill-partijiet tiegħu jiġu mċaqalqa b'mod angulari jew lonġitudinali, minghajr pożizzjoni intermedja fissa, sabiex jiġu ffaċilitati d-dħul u l-ħruġ tal-passiġġieri u li jitgħabbew u jitneħħew l-oġġetti minn fuq il-vettura.

2.25. "Sistema li tissakkar" tfisser tagħmir li jiżgura li s-sit għall-adult u l-partijiet tiegħu jinżammu fil-pożizzjoni tal-użu.

2.26. "Tagħmir tal-qfil" huwa tagħmir li jsakkar u ma jħallix iċ-ċaqliq ta' sezzjoni waħda tal-istrixxi ta' ċinturin tas-sigurtà għall-adulti li jkun relattiv għal sezzjoni oħra tal-istrixxi tal-istess ċinturin. Tagħmir bħal dan jista' jaġixxi jew fuq is-sezzjoni dijagonali jew fuq is-sezzjoni ta' fuq il-ħoġor jew jorbot flimkien kemm is-sezzjoni ta' fuq il-ħoġor kif ukoll is-sezzjoni dijagonali taċ-ċinturin għall-adulti. It-terminu jkopri l-klassijiet li ġejjin:

2.26.1. "Tagħmir tal-klassi A", tagħmir li ma jħallix lit-tfal jiġbdu l-istrixxi mill-apparat li jiġbed lura minn ġol-parti taċ-ċinturin li tiġi fuq il-ħoġor, meta jintuża ċ-ċinturin għall-adulti biex irażżan lit-tfal b'mod dirett.

2.26.2. "Tagħmir tal-klassi B", tagħmir li jippermetti li tinżamm tensjoni applikata fuq il-parti taċ-ċinturin tas-sigurtà għall-adulti li tiġi fuq il-ħoġor, meta ċ-ċinturin għall-adulti jintuża biex irażżan it-trażżin għat-tfal. It-tagħmir huwa maħsub biex ma jħallix li l-istrixxi jiżolqu mill-apparat li jiġbed lura minn ġot-tagħmir, li allura jerħi t-tensjoni u jpoġġi t-trażżin f'pożizzjoni li mhix l-aħjar waħda.

2.27. "It-trażżin għal Bżonnijiet Speċjali" hija sistema ta' trażżin għat-tfal maħsuba għal tfal bi bżonnijiet speċjali minħabba diżabilità fiżika jew mentali; b'mod partikolari, dan it-tagħmir jista' jippermetti tagħmir ta' trażżin addizzjonali għal kwalunkwe parti tat-tfal, imma jrid ikollu mill-inqas mezz primarju ta' trażżin li huwa konformi mal-kondizzjonijiet meħtieġa ta' dan ir-Regolament.

2.28. "Żieda ISOFIX" tfisser waħda miż-żewġ kollegamenti, li tissodisfa l-kondizzjoni meħtieġa tal-paragrafu 6.3.2 ta' dan ir-Regolament, li testendi mill-istruttura tas-sistema tat-trażżin għat-tfal ISOFIX, u li tkun kumpatibbli mal-ankraġġ baxx ISOFIX.

2.29. "Sistema ta' trażżin għat-tfal ISOFIX" tfisser sistema tat-trażżin għat-tfal li trid tiġi mqabbda ma' sistema ta' ankraġġ ISOFIX li tissodisfa l-kondizzjoni meħtieġa tar-Regolament Nru 14.

2.30. "Il-koljatura tas-sit" tfisser iż-żona qrib l-intersezzjoni tas-superfiċji tal-kuxxin tas-sit tal-vettura u d-dahar tas-sit.

2.31. "L-apparat iffissat tas-sit tal-vettura (VSF)" tfisser apparat iffissat, skont il-klassijiet tad-daqsijiet ISOFIX iddefiniti fil-paragrafu 2.1.1.6 u li d-dimensjonijiet tiegħu jingħataw fil-Figuri 1 sa 6 tal-Appendiċi 2 fl-Anness 17 għar-Regolament Nru 16, li jintuża minn manifattur tat-trażżin għat-tfal sabiex jiddetermina d-dimensjonijiet xierqa ta' sistema tat-trażżin għat-tfal ISOFIX kif ukoll il-post taż-żjidiet ISOFIX tagħha.

2.32. "Il-kollegatur tal-irbit ta' fuq ISOFIX" tfisser apparat maħsub biex jitwaħħal mal-ankraġġ tal-irbit ta' fuq ISOFIX.

2.33. "Il-ganċ tal-irbit ta' fuq ISOFIX" tfisser kollegatur tal-irbit ta' fuq ISOFIX li tipikament jintuża sabiex ċinga tal-irbit ta' fuq ISOFIX titwaħħal ma' ankraġġ tal-irbit ta' fuq ISOFIX kif definit fil-Figura 3 tar-Regolament Nru 14.

2.34. "Iċ-ċinga tal-irbit ta' fuq ISOFIX" tfisser ċinga bl-istrixxi (jew ekwivalenti) li testendi mill-quċċata ta' sistema tat-trażżin għat-tfal ISOFIX sal-ankraġġ tal-irbit ta' fuq ISOFIX, u li tkun mgħammra b'apparat ta' aġġustament, b'apparat li jnaqqas it-tensjoni, u b'kollegatur tal-irbit ta' fuq ISOFIX.

2.35. "Żieda tal-irbit ta' fuq ISOFIX" hija apparat li torbot sewwa iċ-ċinga tal-irbit ta' fuq ISOFIX mas-sistema tat-trażżin għat-tfal ISOFIX.

2.36. "Apparat li jnaqqas it-tensjoni" tfisser sistema li tippermetti li jinħall l-apparat li jaġġusta u li jżomm it-tensjoni fiċ-ċinga tal-irbit ta' fuq ISOFIX.

2.37. "Il-gwida tal-istrixxi taċ-ċinturin tas-sigurtà għall-adulti" tfisser apparat li minnu jgħaddi ċ-ċinturin għall-adulti għar-rotta korretta tiegħu, li jippermetti l-moviment ħieles tal-istrixxi.

2.38. "it-test tal-approvazzjoni ta' tip", tfisser test biex ikun iddeterminat sa liema punt tip ta' sistema ta' trażżin għat-tfal imressqa għall-approvazzjoni tkun kapaċi tissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa.

2.39. "it-test tal-kwalifikazzjoni tal-produzzjoni", tfisser test biex ikun iddeterminat jekk il-manifattur huwiex kapaċi jipproduċi sistema ta' trażżin għat-tfal skont is-sistemi tat-trażżin għat-tfal li tressqu għall-approvazzjoni tat-tip.

2.40. "L-ittestjar ta' rutina", tfisser l-ittestjar ta' numru ta' sistemi ta' trażżin magħżula minn grupp wieħed sabiex jiġi verifikat sa liema punt dawn jissodisfaw il-kondizzjonijiet meħtieġa.

3. L-APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI

3.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' tip ta' trażżin għat-tfal għandha titressaq mid-detentur tal-marka kummerċjali jew mir-rappreżentant akkreditat tiegħu, u għandha ssegwi l-iskema tal-approvazzjoni tat-tip deskritta fl-Anness 14.

3.2. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni, li għandha x'taqsam ma' kull tip ta' trażżin għat-tfal, għandu jkollha magħha:

3.2.1. deskrizzjoni teknika tat-trażżin għat-tfal, li tispeċifika ċ-ċineg u l-materjali l-oħra użati, flimkien ma' disinni tal-partijiet li jikkostitwixxu t-trażżin għat-tfal u fil-każ ta' apparat li jiġbed lura, l-istruzzjonijiet tal-installazzjoni għal dawn l-apparat li jiġbed lura u t-tagħmir sensittiv tagħhom, dikjarazzjoni dwar it-tossiċità (il-paragrafu 6.1.5) u kemm huwa kapaċi jaqbad malajr (il-paragrafu 6.1.6), id-disinni jridu juru l-pożizzjoni maħsuba għan-numru tal-approvazzjoni u għas-simbolu(i) addizzjonali b'relazzjoni għaċ-ċirku tal-marka tal-approvazzjoni. Id-deskrizzjoni għandha tindika l-kulur tal-mudell imressaq għall-approvazzjoni;

3.2.2. erba' kampjuni tat-trażżin għat-tfal;

3.2.3. ċinga twila 10 metri ta' kull kategorija użata fit-trażżin għat-tfal; u

3.2.4. kampjuni addizzjonali għandhom jitressqu fuq it-talba tas-Servizz Tekniku responsabbli għat-twettiq tat-test;

3.2.5. istruzzjonijiet u dettalji tal-ippakkjar skont il-paragrafu 15 t'aktar 'l isfel;

3.2.6. fil-każ tal-kerrikots, jekk it-trażżin għall-kerrikot jista' jintuża flimkien ma' numru ta' tipi ta' kerrikots, il-manifattur tat-trażżin għandu jipprovdi lista ta' dawn tal-aħħar.

3.3. Fil-każ li jintuża ċinturin tas-sigurtà għall-adulti biex jitwaħħal it-trażżin għat-tfal, l-applikazzjoni trid tistipula l-kategorija taċ-ċinturin tas-sigurtà għall-adulti li għandha tintuża, eż. iċ-ċinturini statiċi ta' fuq il-ħoġor.

3.4. L-Awtorità tal-Approvazzjoni ta' Parti Kontraenti trid tivverifika, qabel ma tagħti l-approvazzjoni tat-tip, l-eżistenza ta' arranġamenti u ta' proċeduri sodisfaċenti sabiex jiġi żgurat kontroll effettiv ħalli s-sistemi, l-apparat jew il-partijiet tat-trażżin għat-tfal, meta jiġu prodotti, ikunu konformi mat-tip approvat.

4. L-IMMARKAR

4.1. Il-kampjuni tat-trażżin għat-tfal imressqa għall-approvazzjoni f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 3.2.2 u 3.2.3 t'aktar 'l fuq għandhom jiġu mmarkati b'mod ċar u indelibbli bl-isem, bl-inizjali jew bil-marka kummerċjali tal-manifattur.

4.2. Waħda mill-partijiet tat-tagħmir għat-trażżin għat-tfal magħmula mill-plastik (bħall-qafas, bħall-ħarsien mill-impatt, bħall-booster cushion, eċċ.), minbarra ċ-ċinturin(i) jew iċ-ċinga integrali, għandha tiġi mmarkata b'mod ċar (u indelibbli) bis-sena tal-produzzjoni.

4.3. Jekk it-trażżin ser jintuża flimkien ma' ċinturin tas-sigurtà għall-adulti, ir-rotta korretta tal-istrixxi għandha tkun indikata b'mod ċar permezz ta' disinn imwaħħal mat-trażżin b'mod permanenti. Jekk it-trażżin jinżamm f'postu miċ-ċinturin tas-sigurtà għall-adulti, ir-rotot tal-istrixxi għandhom jiġu mmarkati b'mod ċar fuq il-prodott permezz ta' kowd bil-kuluri. Il-kulur għar-rotta taċ-ċinturin tas-sigurtà li għandu jintuża meta t-tagħmir jiġi installat iħares 'il quddiem għandu jkun aħmar u meta jiġi installat iħares lura għandu jkun blù. L-istess kuluri għandhom jintużaw ukoll fuq it-tikketti ta' fuq it-tagħmir li juru l-metodi kif jintuża.

Irid ikun hemm differenza ċara bejn ir-rotot maħsuba għas-sezzjoni ta' fuq il-ħoġor u għas-sezzjoni dijagonali taċ-ċinturin tas-sigurtà. Indikazzjoni bħall-kodiċi bil-kuluri, il-kliem, il-forom, eċċ., għandhom jiddistingwu kull sezzjoni taċ-ċinturin tas-sigurtà.

Fi kwalunkwe disinn tar-rotta taċ-ċinturin fuq il-prodott, l-orjentazzjoni tat-trażżin għat-tfal b'mod relattiv għall-vettura trid tkun indikata b'mod ċar. Id-disinji tar-rotot taċ-ċinturin li ma jurux is-sit tal-vettura mhumiex aċċettabbli.

L-immarkar iddefinit f'dan il-paragrafu għandu jkun viżibbli bit-trażżin installat fil-vettura. Għal trażżin tal-grupp 0, dan l-immarkar għandu jkun viżibbli wkoll bit-tfal fit-trażżin.


4.4. Fuq is-superfiċje viżibbli ta' ġewwa (inkluż il-parti tal-ġenb biswit ir-ras tat-tifel/tifla) fl-erja fejn bejn wieħed u ieħor tistrieħ ras it-tifel/tifla fit-trażżin għat-tfal, it-trażżin li jħares lura għandu jkollu t-tikketta li ġejja mwaħħla b'mod permanenti (it-test li jintwera huwa wieħed minimu).

Din it-tikketta għandha tiġi pprovduta fil-lingwa(i) tal-pajjiż fejn jinbiegħ it-tagħmir.

Id-daqs minimu tat-tikketta: 60 x 120 mm

It-tikketta għandha tiġi meħjuta mal-għata madwar il-perimetru kollu tiegħu u/jew titwaħħal b'mod permanenti mal-għata fuq is-superfiċje kollha ta' wara. Kwalunkwe forma oħra ta' twaħħil li tkun permanenti u li ma tantx hemm ċans li titneħħa minn fuq il-prodott jew li tiġi oskurata hija aċċettabbli. Tikketti tat-tip ta' bandiera huma pprojbiti b'mod speċifiku.

Jekk sezzjonijiet mit-trażżin jew kwalunkwe aċċessorju fornut mill-manifattur tat-trażżin għat-tfal jistgħu joskuraw it-tikketta, tkun meħtieġa tikketta addizzjonali. Tikketta ta' twissija waħda għandha tkun viżibbli b'mod permanenti fis-sitwazzjonijiet kollha meta t-trażżin jitħejja għall-użu fi kwalunkwe konfigurazzjoni.



4.5. Fil-każ tat-trażżin għat-tfal li jista' jintuża kemm jekk iħares 'il quddiem u kemm jekk iħares lura, inkludi l-kliem:

"IMPORTANTI - TUŻAX FIL-POŻIZZJONI LI TĦARES 'IL QUDDIEM QABEL MA L-PIŻ TAT-TFAL JEĊĊEDI ..... (Irreferi għall-istruzzjonijiet)"

4.6. Fil-każ tat-trażżin għat-tfal b'rotot alternattivi għaċ-ċinturin, il-punti tal-kuntatt alternattivi li jerfgħu l-piż bejn it-trażżin għat-tfal u ċ-ċinturin tas-sigurtà għall-adulti jridu jkunu mmarkati b'mod permanenti. Dan l-immarkar għandu jindika li din hija r-rotta alternattiva għaċ-ċinturin, u għandu jkun konformi mal-kondizzjonijiet meħtieġa għall-kowds imsemmija aktar 'il fuq għal sits li jħarsu 'l quddiem u lura.

4.7. Jekk it-trażżin għat-tfal joffri punti ta' kuntatt alternattivi li jerfgħu l-piż, l-immarkar meħtieġ fil-paragrafu 4.3 għandu jinkludi indikazzjoni li r-rotta alternattiva għaċ-ċinturin hija deskritta fl-istruzzjonijiet.

4.8. **L-immarkar ISOFIX**

Jekk il-prodott ikun jinkludi żjidiet ISOFIX, l-informazzjoni li ġejja trid tkun viżibbli b'mod permanenti għal min ikun qed jinstalla t-trażżin ġol-vettura:

Il-logo ISO ISOFIX segwit mill-ittra(i) li tkun/ikunu xierqa għall-klassi(jiet) tad-daqs ISOFIX li fiha(fihom) joqgħod il-prodott. Mill-inqas, simbolu li jikkonsisti minn ċirku b'dijametru ta' mill-inqas 13 mm u li fih piktogramma; bil-piktogramma jkollha tikkuntrasta mal-isfond taċ-ċirku. Il-piktogramma għandha tkun viżibbli b'mod ċar jew permezz ta' kuluri kuntrastanti jew permezz ta' riljiev adegwat jekk dan ikun immudellat jew ibbuzzat 'il barra.



B, C u F

L-informazzjoni li ġejja tista' titwassal permezz ta' piktogrammi u/jew test. L-immarkar irid jindika:

(a) Il-passi rilevanti essenzjali meħtieġa sabiex is-sit ikun lest għall-installazzjoni. Pereżempju, irid jiġi spjegat il-metodu ta' kif għandha tiġi estiża s-sistema ta' mqafel ISOFIX.

(b) Iridu jiġu spjegati l-pożizzjoni, il-funzjoni, u l-interpretazzjoni ta' kwalunkwe indikatur.

(c) Il-pożizzjoni u, jekk ikun meħtieġ, ir-rotta tal-irbit ta' fuq, jew ta' mezzi oħra li jillimitaw ir-rotazzjoni tas-sit li jkunu jeħtieġu azzjoni mill-utent, iridu jiġu indikati bl-użu ta' wieħed mis-simboli li ġejjin, skont kif ikun xieraq.



(d) Irid jiġi indikat l-aġġustament tal-imqafel ISOFIX u tal-irbit ta' fuq, jew mezzi oħra li jillimitaw ir-rotazzjoni tas-sit, li jkunu jeħtieġu azzjoni mill-utent.

(e) L-immarkar irid ikun imwaħħal b'mod permanenti u jkunu viżibbli għal utent li qed jinstalla s-sit.

(f) Fejn għandha ssir referenza meħtieġa għall-istruzzjonijiet tal-utent tat-trażżin għat-tfal u għall-post ta' dak id-dokument billi jintuża s-simbolu t'hawn taħt.



5. L-APPROVAZZJONI

5.1. Kull kampjun imressaq f'konformità mal-paragrafi 3.2.2 u 3.2.3 t'aktar 'il fuq għandu jissodisfa l-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 6 sa 8 ta' dan ir-Regolament f'kull aspett qabel ma tkun tista' tingħata l-approvazzjoni.

5.2. Għandu jingħata numru tal-approvazzjoni għal kull tip approvat. L-ewwel żewġ numri ta' dan (fil-preżent 04 li jikkorrispondi għas-serje 04 ta' emendi li daħlu fis-seħħ fit-12 ta' Settembru 1995) għandhom jindikaw is-serje ta' emendi li jinkludu l-emendi tekniċi prinċipali l-aktar reċenti li saru lir-Regolament meta nħarġet l-approvazzjoni. L-istess Parti Kontraenti m'għandhiex tagħti l-istess numru lil tip ieħor ta' trażżin għat-tfal kopert minn dan ir-Regolament.

5.3. L-avviż tal-approvazzjoni jew tal-estensjoni jew tar-rifjut tal-approvazzjoni tat-trażżin għat-tfal skont dan ir-Regolament għandu jiġi kkomunikat lill-Partijiet għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola li tikkonforma mal-mudell fl-Anness 1 għal dan ir-Regolament.

5.4. Barra mill-marki provduti fil-paragrafu 4t'aktar 'il fuq, id-dettalji li ġejjin għandhom jitwaħħlu fi spazju xieraq ma' kull trażżin għat-tfal li jikkonforma ma' tip approvat taħt dan ir-Regolament:

5.4.1. marka internazzjonali tal-approvazzjoni li tikkonsisti minn:

5.4.1.1. ċirku madwar l-ittra "E" segwit minn numru li jiddistingwi l-pajjiż li ta l-approvazzjoni; ([1])

5.4.1.2. numru tal-approvazzjoni;

5.4.2. is-simboli addizzjonali li ġejjin:

5.4.2.1. il-kelma(kliem) "universali", "ristrett", "semiuniversali" jew "speċifiku għall-vettura" skont il-kategorija tat-trażżin.

5.4.2.2. il-firxa tal-massa li għaliha ġie maħsub it-trażżin għat-tfal, jiġifieri, minn 0 sa 10 kg; minn 0 sa 13-il kg; minn 9 sa 18-il kg; minn 15 sa 25 kg; minn 22 sa 36 kg; minn 0 sa 18-il kg; minn 9 sa 25 kg; minn 15 sa 36 kg; minn 0 sa 25 kg; minn 9 sa 36 kg; minn 0 sa 36 kg;

([1]) 1 għall-Ġermanja, 2 għal Franza, 3 għall-Italja, 4 għall-Pajjiżi l-Baxxi, 5 għall-Isvezja, 6 għall-Belġju, 7 għall-Ungerija, 8 għar-Repubblika Ċeka, 9 għal Spanja, 10 għas-Serbja u l-Montenegro, 11 għar-Renju Unit, 12 għall-Awstrija, 13 għal-Lussemburgu, 14 għall-Iżvizzera, 15 (vojt), 16 għan-Norveġja, 17 għall-Finlandja, 18 għad-Danimarka, 19 għar-Rumanija, 20 għall-Polonja, 21 għall-Portugall, 22 għall-Federazzjoni Russa, 23 għall-Greċja, 24 għall-Irlanda, 25 għall-Kroazja, 26 għas-Slovenja, 27 għas-Slovakkja, 28 għall-Belarus, 29 għall-Estonja, 30 (vojt), 31 għall-Bosnja-Ħerzegovina, 32 għal-Latvja, 33 (vojt), 34 għall-Bulgarija, 35 (vojt), 36 għal-Litwanja, 37 għat-Turkija, 38 (vojt), 39 għall-Azerbajġan, 40 għal Dik li Kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, 41 (vojt), 42 għall-Komunità Ewropea (L-approvazzjonijiet jingħataw mill-Istati Membri tagħha li jużaw is-simbolu tal-ECE rispettiv tagħhom) 43 għall-Ġappun, 44 (vojt), 45 għall-Awstralja, 46 għall-Ukraina, 47 għall-Afrika t'Isfel, 48 għan-New Zealand, 49 għal Ċipru, 50 għal Malta, 51 għar-Repubblika tal-Korea, 52 għall-Malasja, 53 għat-Tajlandja, 54 u 55 (vojta) u 56 għall-Montenegro. Numri sussegwenti għandhom jingħataw lil pajjiżi oħra fl-ordni kronoloġiku li fih jirratifikaw jew jaderixxu għall-Ftehim li Jikkonċerna l-Adozzjoni tal-Preskrizzjonijiet Tekniċi Uniformi għall-Vetturi bir-Roti, għat-Tagħmir u għall-Partijiet li jistgħu Jitwaħħlu u/jew jintużaw fuq il-Vetturi bir-Roti u l-Kondizzjonijiet għall-Għarfien Reċiproku tal-Approvazzjonijiet Mogħtija fuq il-Bażi ta' dawn il-Preskrizzjonijiet, u n-numri assenjati b'dan il-mod għandhom jiġu kkomunikati mis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti lill-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim.

5.4.2.3. is-simbolu "Y", fil-każ ta' tagħmir li jinkludi ċinga għal bejn il-koxox, f'konformità mal-kondizzjonijiet meħtieġa tas-suppliment 3 għas-serje 02 ta' emendi għar-Regolament;

5.4.2.4. is-simbolu "S" fil-każ ta' "Trażżin għal Bżonnijiet Speċjali".

5.5. L-Anness 2 għal dan ir-Regolament jagħti eżempju tal-arranġament tal-marka tal-approvazzjoni.

5.6. Id-dettalji li jissemmew fil-paragrafu 5.4 t'aktar 'il fuq għandhom jinqraw mingħajr problemi u jkunu indelibbli, u jistgħu jitwaħħlu jew permezz ta' tikketta jew billi jiġu mmarkati direttament. It-tikketta jew l-immarkar għandha tkun reżistenti għall-użu.

5.7. It-tabelli li jissemmew fil-paragrafu 5.6 t'aktar 'il fuq jistgħu jinħarġu jew mill-awtorità li tat l-approvazzjoni jew, bla ħsara għall-awtorizzazzjoni ta' dik l-awtorità, mill-manifattur.

6. L-ISPEĊIFIKAZZJONIJIET ĠENERALI

6.1. Il-pożizzjonament u t-twaħħil fuq il-vettura

6.1.1. L-użu tat-trażżin għat-tfal fil-kategoriji "universali", "semiuniversali" u "ristrett" huwa permess għall-pożizzjonijiet tas-sits ta' quddiem u ta' wara jekk it-trażżin jitwaħħal f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-manifattur.

6.1.2. L-użu tat-trażżin għat-tfal fil-kategorija ta' "vettura speċifika" huwa permess fil-pożizzjonijiet kollha tas-sits u wkoll fl-erja tal-bagalji jekk it-trażżin jitwaħħal skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur. Fil-każ tat-trażżin li jħares lura, id-disinn irid jiżgura li jiġi pprovdut appoġġ għall-irjus tat-tfal kull meta t-trażżin huwa lest biex jintuża. Dan għandu jiġi ddeterminat bħala linja perpendikulari għad-dahar tas-sit minn ġol-linja tal-għajn, bil-punt tal-intersezzjoni għandu jkun tal-inqas 40 mm 'l isfel mill-bidu tar-radju ta' appoġġ għar-ras bħal dan.

6.1.3. Skont il-kategorija li jappartjeni għaliha, it-trażżin għat-tfal għandu jitwaħħal mal-istruttura tal-vettura jew mal-istruttura tas-sit.

IL-KONFIGURAZZJONIJIET POSSIBBLI GĦALL-APPROVAZZJONI

IT-TABELLA TAL-GRUPPI/KATEGORIJI

KATEGORIJA TAL-GRUPP		Universali [1]		Semiuniversali [2]		Ristretta		Vettura Speċifika	
		CRS:	ISOFIXCRS	CRS:	ISOFIXCRS	CRS:	ISOFIXCRS	CRS:	ISOFIXCRS
0	Kerrikot	A	MA	A	A	A	MA	A	A
	Li jħares luraearward facing	A	MA	A	A	A	MA	A	A
0+	Li jħares lura	A	MA	A	A	A	MA	A	A
I	Li jħares lura	A	MA	A	A	A	MA	A	A
	Li jħares 'il quddiem (integrali)	A	A	A	A	A	MA	A	A
	Li jħares 'il quddiem (mhux integrali)	MA	MA	MA	MA	MA	MA	MA	MA
	Li jħares 'il quddiem (mhux integrali – ara l-punt 6.1.12)	A	MA	A	MA	A	MA	A	A
II	Li jħares lura	A	MA	A	MA	A	MA	A	A
	Li jħares 'il quddiem (integrali)	A	MA	A	MA	A	MA	A	A
	Li jħares 'il quddiem (mhux integrali)	A	MA	A	MA	A	MA	A	A

KATEGORIJA TAL-GRUPP		Universali (1)		Semiuniversali (2)		Ristretta		Vettura Speċifika	
		CRS:	ISOFIXCRS	CRS:	ISOFIXCRS	CRS:	ISOFIXCRS	CRS:	ISOFIXCRS
III	Li jħares lura	A	MA	A	MA	A	MA	A	A
	Li jħares 'il quddiem (integrali)	A	MA	A	MA	A	MA	A	A
	Li jħares 'il quddiem (mhux integrali)	A	MA	A	MA	A	MA	A	A

Ma':
CRS: Sistema tat-trażżin tat-tfal
A: Applikabbli
MA: Mhux Applikabbli
(1) ISOFIX universal CRS tfisser sistemi ta' trażżin li jħarsu 'l quddiem sabiex jintużaw f'vetturi b'pożizzjonijiet mgħammra bis-sistema ta' ankoraġġi ISOFIX u ankoraġġ minn fuq.
(2) ISOFIX semi universal CRS tfisser:
— sistemi ta' trażżin li jħarsu 'l quddiem mgħammra b'appoġġ għas-saqajn jew
— sistemi ta' trażżin li jħarsu lura mgħammra b'appoġġ għas-saqajn jew ċinga minn fuq għall-użu f'vetturi b'pożizzjonijiet mgħammra bis-sistemi ta' ankoraġġ ISOFIX jew ankoraġġ minn fuq jekk meħtieġ
— jew sistemi ta' trażżin li jħarsu lura, li jżommu bid-dexbord tal-vettura, għall-użu f'vetturi li għandhom sit tal-passiġġier ta' quddiem mgħammar bis-sistema ta' ankoraġġ ISOFIX,
— jew sistemi ta' trażżin li jħarsu lejn il-ġenb mgħammra jekk meħtieġ b'tagħmir kontra d-dawran għall-użu f'vetturi b'pożizzjonijiet mgħammra bis-sistema ta' ankoraġġi ISOFIX u ankoraġġ minn fuq jekk meħtieġ.

6.1.3.1. Għall-kategoriji "universali" u "ristretta", permezz ta' ċinturin tas-sigurtà għall-adulti (li għandu jew m'għandux apparat li jiġbed lura) li jissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa tar-Regolament Nru 16 (jew wieħed ekwivalenti) li jkun imwaħħal ma' ankraġġi li jissodisfaw l-kondizzjonijiet meħtieġa tar-Regolament Nru 14 (jew wieħed ekwivalenti).

6.1.3.2. Għal sistemi ta' trażżin għat-tfal ISOFIX "universali" permezz ta' żjidiet ISOFIX u ta' ċinga tal-irbit ta' fuq ISOFIX li jissodisfaw il-kondizzjonijiet meħtieġa ta' dan ir-Regolament imwaħħla ma' sistema ta' ankraġġi ISOFIX u ma' ankraġġ tal-irbit ta' fuq ISOFIX li jissodisfaw il-kondizzjonijiet meħtieġa tar-Regolament Nru 14.

6.1.3.3. Għall-kategorija "semiuniversali": permezz tal-ankraġġi t'isfel preskritti fir-Regolament Nru 14 u ankraġġi addizzjonali li jissodisfaw ir-rakkomandazzjoni tal-Anness 11 għal dan ir-Regolament;

6.1.3.4. Għas-Sistemi tat-Trażżin għat-Tfal ISOFIX "semiuniversali" permezz ta' żjidiet ISOFIX u ta' ċinga tal-irbit ta' fuq ISOFIX jew ta' appoġġ għar-riġlejn jew ta' daxxbord ta' vettura, li jissodisfaw il-kondizzjonijiet meħtieġa ta' dan ir-Regolament imwaħħla ma' ankraġġi ISOFIX u/jew ankraġġ tal-irbit ta' fuq ISOFIX li jissodisfaw il-kondizzjonijiet meħtieġa tar-Regolament Nru 14.

6.1.3.5. Għall-kategorija "vettura speċifika": permezz tal-ankraġġ iddisinjat mill-manifattur tal-vettura jew mill-manifattur tat-trażżin għat-tfal;

6.1.3.6. Fil-każ ta' ċineg li jrażżnu t-tfal jew ċinga li twaħħal it-trażżin għat-tfal li jużaw l-ankraġġ taċ-ċinturin li magħhom diġà hemm imwaħħal ċinturin jew ċinturini għall-adulti, is-Servizz Tekniku għandu jikkontrolla li:

Il-pożizzjoni effettiva tal-ankraġġ tal-adulti qiegħda skont kif approvata fir-Regolament Nru 14 jew f'wieħed ekwivalenti;

It-thaddim effettiv taż-żewġ biċċiet apparat ma jiġix imtellef mill-iehor;

Il-bokkli tas-sistema tal-adulti u ta' dik addizzjonali ma jistgħux jintużaw minflok xulxin.

Għandhom japplikaw il-punti li ġejjin fil-każ ta' tagħmir ta' trażżin għat-tfal li juża l-iżbarri, jew tagħmir ieħor imwaħħal mal-ankraġġ approvat skont ir-Regolament Nru 14, li jċaqilqu l-pożizzjoni effettiva tal-ankraġġ 'il barra mill-ambitu tar-Regolament Nru 14:

Tagħmir bħal dan ser ikun approvat biss bħala tagħmir semiuniversali jew għal vettura speċifika;

Is-Servizz Tekniku għandu japplika l-kondizzjonijiet meħtieġa tal-Anness 11 għal dan ir-Regolament għall-iżbarra u għall-qfil;

L-iżbarra ser tiġi inkluża fit-test dinamiku, bit-tagħbija tiġi applikata fuq il-pożizzjoni tannofs u fuq l-iżbarra u l-akbar estensjoni tagħha, jekk tista' tiġi aġġustata;

M'għandhiex tiġi mxekkla l-pożizzjoni effettiva u t-tħaddim ta' kwalunkwe ankraġġ għall-adulti, li permezz tiegħu ġiet iffissata l-iżbarra.

6.1.3.7. It-trażżin għat-tfal li juża appoġġ għar-riġlejngħandu jiġi approvat biss taħt il-kategorija "semiuniversali" jew "vettura speċifika" u għandhom jiġu applikati l-kondizzjonijiet meħtieġa tal-Anness 11 għal dan ir-Regolament. Il-manifattur tas-sistema tat-trażżin għat-tfal għandu jqis il-ħtiġiet tal-appoġġ għar-riġlejn għall-funzjonament korrett tiegħu f'kull vettura u għandu jforni din l-informazzjoni.

6.1.4. Booster cushion trid titrażżan jew permezz ta' ċinturin għall-adulti, billi jintuża t-test kif speċifikat fil-paragrafu 8.1.4, jew permezz ta' mezzi separati.

6.1.5. Il-manifattur tat-trażżin għat-tfal jrid jiddikjara bil-miktub li t-tossiċità tal-materjali użati fil-manifattura tas-sistemi għat-trażżin u li huma aċċessibbli għat-tfal imrażżna hija f'konformità mal-partijiet rilevanti tal-parti 3 tas-Sigurtà għall-Ġugarelli tal-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN), (Ġunju 1982) ([1]). It-testijiet li jikkonfermaw il-validità tad-dikjarazzjoni jistgħu jitwettqu fid-diskrezzjoni tal-awtorità tal-ittestjar. Dan il-paragrafu ma japplikax għat-tagħmir tat-trażżin tal-gruppi II u III.

6.1.6. Il-manifattur tat-trażżin għat-tfal għandu jiddikjara bil-miktub li l-kapaċità tal-materjali użati fil-manifattura tas-sistema tat-trażżin li jieħdu n-nar hija f'konformità mal-paragrafi rilevanti tar-Riżoluzzjoni Konsolidata tal-ECE dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3) (il-paragrafu 1.20 tad-dokument TRANS/WP.29/78/Rev.1). It-testijiet li jikkonfermaw il-validità tad-dikjarazzjoni jistgħu jitwettqu fid-diskrezzjoni tal-awtorità tal-ittestjar.

6.1.7. Fil-każ tat-trażżin għat-tfal li jħares lura li jkun sostnut mid-daxxbord tal-vettura, għall-fini tal-approvazzjoni għal dan ir-Regolament huwa mifhum li d-daxxbord huwa iebes biżżejjed.

6.1.8. Fil-każ ta' sistema ta' trażżin għat-tfal tal-kategorija "universali", ħlief is-sistemi universali tat-trażżin għat-tfal ISOFIX, il-punt tal-kuntatt prinċipali li jerfa' t-tagħbija bejn it-trażżin għat-tfal u ċ-ċinturin tas-sigurtà għall-adulti m'għandux ikun inqas minn 150 mm mill-assi Cr meta mkejjel bit-trażżin għat-tfal fuq il-bank tat-test dinamiku. Dan għandu japplika għal konfigurazzjonijiet tal-aġġustament kollha. Rotot alternattivi taċ-ċinturini huma permessi. Meta jkun hemm rotta alternattiva taċ-ċinturin, il-manifattur għandu jagħmel referenza speċifika għar-rotta alternattiva fl-istruzzjonijiet dwar l-użu, kif inhu mitlub fil-paragrafu 15. Meta jsiru testijiet, bl-użu ta' tali rotta(rotot) alternattiva(i), it-trażżin għandu jissodisfa r-rekwiżiti kollha tar-Regolament, bl-eċċezzjoni ta' dan il-paragrafu.

6.1.9. Jekk iċ-ċinturin għall-adulti jkun meħtieġ sabiex jorbot trażżin għat-tfal tal-kategorija "universali", it-tul massimu tiegħu li għandu jintuża fuq il-bank tat-test dinamiku huwa definit fl-Anness 13 għal dan ir-Regolament.

Sabiex tiġi kkontrollata l-konformità ma' din il-kondizzjoni meħtieġa, is-sistema ta' trażżin tat-tfal għandha tkun marbuta fuq il-bank tal-ittestjar billi jintuża ċ-ċinturin standard deskritt fl-Anness 13. Il-manikin m'għandux jiġi installat sakemm it-trażżin ma jkunx diżinjat b'tali mod li l-installazzjoni tal-manikin iżżid l-ammont ta' ċinturin użat. Bis-sistema ta' trażżin ta' tfal fil-pożizzjoni installata m'għandux ikun hemm tensjoni fuq iċ-ċinturin apparti minn dik magħmula b'mod standard meta dan jiġi ffittjat. Meta jintuża r-retractor belt, din il-kundizzjoni għandha tintlaħaq u għandu għall-anqas jibqa' 150 mm żejda fil-bejta.

6.1.10. It-trażżin għat-tfal tal-gruppi 0 u 0 + m'għandux jintuża jħares 'il quddiem.

([1]) L-indirizz sabiex tikseb l-istandards rilevanti CEN huwa dan: CEN, 2 rue Bréderode, B.P. 5, B 1000 Brussell, il-Belġju.

6.1.11. Sistemi ta' trażżin għat-tfal tal-gruppi 0 u 0 +, bl-eċċezzjoni tal-kerrikots kif definiti fil-paragrafu 2.4.1, għandhom jaqgħu fil-klassi integrali.

6.1.12. Sistemi ta' trażżin għat-tfal tal-grupp I għandhom jaqgħu fil-klassi integrali, sakemm ma jiġux mgħammra b'ħarsien mill-impatt kif definit fil-paragrafu 2.7.

6.2. Il-konfigurazzjoni

6.2.1. Il-konfigurazzjoni tat-trażżin għandha tkun b'tali mod li

6.2.1.1. it-trażżin jagħti l-ħarsien meħtieġ fi kwalunkwe pożizzjoni maħsuba għas-sistema tat-trażżin; għat-"Trażżin għal Bżonnijiet Speċjali" il-mezz primarju ta' trażżin għandu jagħti l-ħarsien meħtieġ fi kwalunkwe pożizzjoni maħsuba tas-sistema tat-trażżin mingħajr ma jintuża t-tagħmir għat-trażżin addizzjonali li jista' jkun preżenti.

6.2.1.2. it-tfal jistgħu jitpoġġew fi, u jitneħħew faċilment u malajr mit-trażżin; fil-każ ta' sistema ta' trażżin għat-tfal li fiha t-tfal huma mrażżna permezz ta' ċinturin li jikkontrolla ċ-ċaqliq jew ta' ċinturin f'forma ta' Y mingħajr apparat li jiġbed lura, kull trażżin ta' fuq l-ispalla u kull ċinga ta' fuq il-ħoġor għandha tkun tista' tiċċaqlaq b'mod relattiv waħda għall-oħra matul il-proċedura deskritta fil-paragrafu 7.2.1.4.

F'dawn il-każi il-montatura taċ-ċinturin tas-sistema tat-trażżin għat-tfal tista' tkun iddisinjata b'żewġ partijiet jew aktar li huma kollegati ma' xulxin. Għat-"Trażżin għal Bżonnijiet Speċjali" huwa magħruf li t-tagħmir addizzjonali tat-trażżin ser jirrestrinġi l-veloċità li biha t-tfal jistgħu jitpoġġew u jitneħħew. Madankollu, it-tagħmir addizzjonali għandu jkun iddisinjat biex jinfetaħ malajr kemm jista' jkun.

6.2.1.3. Jekk ikun possibbli li tinbidel l-inklinazzjoni tat-trażżin, din il-bidla fl-inklinazzjoni m'għandhiex teħtieġ aġġustament mill-ġdid taċ-ċineg b'mod manwali. Hija meħtieġa azzjoni apposta tal-id biex titbiddel l-inklinazzjoni tat-trażżin.

6.2.1.4. is-sistemi tat-trażżin tal-gruppi 0, 0 + u I għandhom iżommu t-tfal f'pożizzjoni tali li jingħata l-ħarsien meħtieġ anki meta t-tfal ikunu reqdin;

6.2.1.5. għall-prevenzjoni ta' inżul żejjed 'l isfel, jew minħabba impatt jew permezz ta' irrekwitezza, għandha tkun meħtieġa ċinga li tgħaddi minn bejn il-koxox fuq it-trażżin kollu tal-grupp I li jħares 'il quddiem li jinkorpora sistema ta' ċinturini integrali li jikkontrollaw iċ-ċaqliq. Biċ-ċinga li tgħaddi minn bejn il-koxox imwaħħla, u fil-pożizzjoni l-aktar twila tagħha jekk din tista' tiġi aġġustata, m'għandux ikun possibbli li tiġi aġġustata ċ-ċinga li tgħaddi minn fuq il-ħoġor sabiex toqgħod 'il fuq mill-pelvi kemm fil-manikin ta' 9 kg kif ukoll f'dak ta' 15-il kg.

6.2.2. Għall-gruppi I, II u III, it-tagħmir kollu tat-trażżin li juża "ċinga ta' fuq il-ħoġor" irid jiggwida ċ-"ċinga ta' fuq il-ħoġor" biex ikun żgurat li t-tagħbijiet trażmessi miċ-"ċinga ta' fuq il-ħoġor" jiġu trasmessi minn ġol-pelvi.

6.2.3. Iċ-ċineg kollha tat-trażżin għandhom jitpoġġew b'tali mod li ma' jdejqux lil min jilbishom waqt l-użu normali jew li ma jħdux konfigurazzjoni perikoluża. Id-distanza bejn iċ-ċineg għall-ispalla li jinstabu viċin tal-għonq għandha tkun tal-inqas daqs il-wisa' tal-għonq tal-manikin xieraq.

6.2.4. Il-montatura m'għandhiex tissoġġetta lill-partijiet dgħajfa tal-ġisem tat-tfal (l-addome, il-parti ta' bejn il-koxox, eċċ.) għal forzi eċċessivi. Id-disinn għandu jkun b'tali mod li t-tagħbijiet tal-kompressjoni m'għandhomx jiġu imposti fuq il-qurriegħa tal-irjus tat-tfal fil-każ ta' kolliżjoni.

6.2.4.1. Iċ-ċinturini bil-forma ta' Y jistgħu jintużaw biss fis-sistemi tat-trażżin għat-tfal li jħarsu lura u lejn il-ġenb (kerrikots).

6.2.5. It-trażżin għat-tfal għandu jkun iddisinjat b'tali mod u installat sabiex:

6.2.5.1. inaqqas kemm jista' jkun il-periklu li t-tfal jew il-passiġġieri l-oħra li jinsabu ġol-vettura iweġġgħu permezz ta' trufijiet jew partijiet li jisporġu 'l barra li jaqtgħu (kif definit fir-Regolament Nru 21, pereżempju);

6.2.5.2. ma jurix trufijiet jew partijiet li jisporġu 'l barra li jaqtgħu li jistgħu jikkawżaw ħsara lill-kisi tas-sits tal-vettura jew lill-ħwejjeġ ta' min jokkupahom;

6.2.5.3. ma jissoġġettax lill-partijiet dgħajfa tal-ġisem tat-tfal (l-addome, il-parti ta' bejn il-koxox, eċċ) għal forzi ta' inerzja supplimentari li joħloq huwa stess;

6.2.5.4. jiżgura li l-partijiet riġidi tiegħu, f'punti fejn huma f'kuntatt maċ-ċineg, ma jurux trufijiet li jaqtgħu li jistgħu jisolħu ċ-ċineg.

6.2.6. Kwalunkwe parti magħmula b'mod li tista' tiġi separata biex tippermetti li l-komponenti jitwaħħlu u jinqalgħu għandha tkun iddisinjata b'tali mod biex tevita kemm jista' jkun possibbli kull riskju ta' armar u użu mhux korrett. "It-trażżin għal Bżonnijiet Speċjali" jista' jkollu tagħmir addizzjonali għat-trażżin; dawn għandhom jiġu ddisinjati biex jevitaw kwalunkwe riskju ta' armar mhux korrett u li l-mezz biex dawn jinħallu u l-mod li bih jitħaddmu għandhom ikunu immedjatament ovvji għal xi ħadd li qed iwettaq salvataġġ f'emerġenza.

6.2.7. Fejn it-trażżin għat-tfal maħsub għall-grupp I, għall-grupp II u għall-gruppi I u II flimkien jinkludi dahar għas-siġġu, l-għoli intern ta' dan tal-aħħar, iddeterminat skont id-disinn fl-Anness 12, m'għandux ikun inqas minn 500 mm.

6.2.8. Jistgħu jintużaw biss l-apparat li jiġbed lura li jissakkar awtomatikament jew apparat li jiġbed lura li jissakkar f'każ ta' emerġenza.

6.2.9. Għal tagħmir maħsub biex jintuża fil-Grupp I ma jridx ikun possibbli għat-tfal li jillaxkaw faċilment dik il-parti tas-sistema li trażżan il-pelvi wara li dawn jitpoġġew fiha; għal dan il-għan ir-rekwiżiti tal-paragrafu 7.2.5 (it-tagħmir tal-qfil) għandhom jiġu ssodisfati; kwalunkwe tagħmir li huwa maħsub biex jikseb dan irid ikun imwaħħal b'mod permanenti mas-sistema tat-trażżin għat-tfal.

6.2.10. Trażżin għat-tfal jista' jkun iddisinjat biex jintuża f'aktar minn grupp ta' massa wieħed u/jew għal aktar minn tifel(tifla) wieħed(waħda), sakemm jista' jissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa stabbiliti għal kull wieħed mill-gruppi konċernati. Trażżin għat-tfal fil-kategorija "universali" irid jissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa ta' dik il-kategorija għall-gruppi tal-mases kollha li għalihom ġie approvat.

6.2.11. It-trażżin għat-tfal bl-apparat li jiġbed lura

Fil-każ ta' trażżin għat-tfal li jinkludi apparat li jiġbed lura, l-apparat li jiġbed lura għandu jissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa tal-paragrafu 7.2.3t'aktar 'l isfel.

6.2.12. Fil-każ tal-booster cushions, trid tiġi eżaminata l-faċilità li biha ċ-ċineg u l-ilsien taċ-ċinturin għall-adulti jgħaddu mill-punti tal-iffissar. Dan għandu jsir b'mod partikolari għall-booster cushions li huma maħsuba għas-sits ta' quddiem tal-karozzi, li jista' jkollhom irfid twil li jkun semi-riġidu. Il-bokkla fissa m'għandhiex titħalla tgħaddi mill-punti tal-iffissar tal-booster seats (sits li jippermettu lit-tfal iħarsu barra mit-tieqa tal-vettura u huma maħsuba biex saħansitra mingħajr dahar jista' jagħmluha ta' booster cushions), jew li tippermetti qagħda ta' ċinturin kompletament differenti minn dik tat-troli tat-test.

6.2.13. Jekk it-trażżin għat-tfal huwa maħsub għal aktar minn tifel(tifla) wieħed(waħda), kull sistema tat-trażżin għandha tkun totalment indipendenti fir-rigward tat-trasferiment tat-tagħbija u tal-aġġustamenti.

6.2.14. It-trażżin għat-tfal li jinkludi elementi li jintefħu għandu jkun iddisinjat b'tali mod li l-kondizzjonijiet għall-użu (pressjoni, temperatura, umdità) m'għandu jkollhom l-ebda effett fuq il-kapaċità tiegħu li jikkonforma mal-kondizzjonijiet meħtieġa ta' dan ir-Regolament.

6.3. L-ispeċifikazzjonijiet ISOFIX fir-rigward tat-trażżin

6.3.1. Il-karatteristiċi ġenerali

6.3.1.1. Id-dimensjonijiet

Id-dimensjonijiet massimi laterali, 'l isfel, u lura għas-sistema tat-trażżin għat-tfal ISOFIX u l-postijiet tas-sistema ta' ankraġġi ISOFIX li fiha jridu jiddaħħlu ż-żjidiet ta' din, għall-manifattur tas-sistema tat-trażżin għat-tfal ISOFIX jiġu definiti permezz tal-Apparat Iffissat tas-Sit tal-Vettura (VSF) ifdefinit mill-paragrafu 2.31 ta' dan ir-Regolament.

6.3.1.2. Il-massa


Il-massa ta' sistema tat-trażżin għat-tfal ISOFIX tal-kategoriji universali u semiuniversali u tal-grupp ta' massa 0, 0+, I m'għandhiex teċċedi l-15-il kg.

6.3.2. Iż-żidiet ISOFIX

6.3.2.1. It-tip

Iż-Żidiet ISOFIX jistgħu jkunu skont l-eżempji murija fil-Figura 0 (a), jew skont disinji xierqa oħra li jkunu parti minn mekkaniżmu riġidu li jista' jiġi aġġustat, li n-natura ta' dawn tiġi ddeterminata mill-manifattur tas-sistema tat-trażżin għat-tfal ISOFIX.

Figura 0 (a)



Dimensjonijiet f'mm

Spjegazzjoni


1. Żieda ta' sistema tat-trażżin għat-tfal ISOFIX – eżempju 1

2. Żiieda ta' sistema tat-trażżin għat-tfal ISOFIX – eżempju 2

6.3.2.2. Id-dimensjonijiet

Id-dimensjonijiet għall-parti miż-żieda tas-sistema tat-trażżin għat-tfal ISOFIX li jiddaħħlu fis-sistema ta' ankraġġi ISOFIX ma jridux jeċċedu d-dimensjonijiet massimi mogħtija mill-invilops fil-Figura 0 (b)

Figura 0 (b)



Dimensjonijiet f'mm

6.3.2.3. L-indikazzjoni tal-qfil parzjali

Is-sistema tat-trażżin għat-tfal ISOFIX għandha tinkorpora mezzi li permezz tagħhom ikun hemm indikazzjoni ċara li ż-żewġ żjidiet ISOFIX inqaflu kompletament mal-ankraġġi t'isfel ISOFIX li jikkorrispondu. Il-mezzi ta' indikazzjoni jistgħu jinstemgħu, jintmessu jew jidhru jew kombinazzjoni ta' tnejn jew aktar. F'każ ta' indikazzjoni li tidher, din tista' tkun osservata taħt il-kondizzjonijiet normali kollha ta' dawl.

6.3.3. L-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċinga tal-irbit ta' fuq tat-trażżin għat-tfal ISOFIX

6.3.3.1. Il-kollegatur tal-irbit ta' fuq

Il-kollegatur tal-irbit ta' fuq għandu jkun ganċ tal-irbit ta' fuq ISOFIX kif jintwera fil-figura 0 (c), jew apparat simili li joqgħodu fl-invilops mogħti mill-figura 0 (c).

6.3.3.2. Il-karatteristiċi taċ-ċineg tal-irbit ta' fuq ISOFIX

Iċ-ċinga tal-irbit ta' fuq ISOFIX għandha tkun appoġġjata minn strixxi (jew l-ekwivalenti tagħhom), li jkunu jistgħu jiġu aġġustati u jkunu jistgħu jnaqqsu t-tensjoni.

6.3.3.2.1. Il-karatteristiċi taċ-ċineg tal-irbit ta' fuq ISOFIX

It-tul taċ-ċinga tal-irbit ta' fuq tat-trażżin għat-tfal ISOFIX għandu jkun mill-inqas 2 000 mm.

6.3.3.2.2. L-indikatur ta' nuqqas ta' partijiet imdendla (no-slack indicator)


Iċ-ċinga tal-irbit ta' fuq ISOFIX jew is-sit tat-tfal ISOFIX għandha tkun mgħammra b'apparat li se jindika li tneħħiet kull parti mdendla miċ-ċinga. L-apparat jista' jkun parti minn tagħmir ta' aġġustament u li jnaqqas it-tensjoni.

6.3.3.2.3. Id-dimensjonijiet

Id-dimensjonijiet tad-dħul għall-ganċijiet tal-irbit ta' fuq ISOFIX jintwerew fil-figura 0 (c).

Figura 0 (c)

Id-dimensjonijiet tal-kollegatur tal-irbit ta' fuq ISOFIX (tip ta' ganċ)



Dimensjonijiet f'mm

6.3.4. Dispożizzjonijiet dwar l-aġġustament

Iż-żjidiet ISOFIX, jew is-sistema tat-trażżin għat-tfal ISOFIX stess, għandhom ikunu aġġustabbli sabiex jakkomodaw il-medda ta' postijiet ta' ankraġġ ISOFIX deskritti fir-Regolament Nru 14.

6.4. Il-Kontroll tal-Immarkar

6.4.1. Is-Servizz Tekniku li jwettaq it-testijiet tal-approvazzjoni għandu jivverifika li l-immarkar ikun konformi mal-kondizzjonijiet meħtieġa tal-paragrafu 4.

6.5. Il-Kontroll tal-Istruzzjonijiet dwar l-Installazzjoni u l-Istruzzjonijiet tal-Użu

6.5.1. Is-Servizz Tekniku li jwettaq it-testijiet tal-approvazzjoni għandu jivverifika li l-istruzzjonijiet dwar l-installazzjoni u l-istruzzjonijiet għall-użu jkunu konformi mal-paragrafu 15.

7. L-ISPEĊIFIKAZZJONIJIET PARTIKOLARI

7.1. Id-dispożizzjonijiet applikabbli għat-trażżin armat

7.1.1. Ir-reżistenza għall-korrużjoni

7.1.1.1. Trażżin għat-tfal komplut, jew il-partijiet tiegħu li huma suxxettibbli għall-korrużjoni, għandhom jiġu soġġetti għat-test tal-korrużjoni speċifikat fil-paragrafu 8.1.1 t'aktar 'l isfel.

7.1.1.2. Wara t-test tal-korrużjoni kif provdut fil-paragrafi 8.1.1.1 u 8.1.1.2, m'għandu jkun viżibbli għal għajnejn osservatur kwalifikat l-ebda sinjal ta' deterjorament li huwa probabbli li se jtellef il-funzjonament tajjeb tat-trażżin għat-tfal u l-ebda korrużjoni sinifikanti.

7.1.2. L-assorbiment tal-enerġija

7.1.2.1. Għat-tagħmir kollu b'partijiet fejn isserraħ id-daħar, l-erjas definiti fl-Anness 18 ta' dan ir-Regolament, meta jiġu ttestjati skont l-Anness 17, għandhom jagħtu aċċelerazzjoni massima ta' inqas minn 60 g. Dan ir-rekwiżit japplika anki għall-erjas tal-ħarsien mill-impatt li qegħdin fl-erja fejn tista' tintlaqat ir-ras.

7.1.2.2. Fil-każ ta' sistemi ta' trażżin għat-tfal b'apparat ta' appoġġ għar-ras aġġustabbli u permanenti li jitwaħħal b'mod mekkaniku, fejn l-għoli jew taċ-ċinturin tas-sigurtà għall-adulti jew tat-tagħmir li jikkontrolla ċ-ċaqliq tat-tfal ikun ikkontrollat direttament mill-appoġġ għar-ras aġġustabbli, mhuwiex meħtieġ li jintalab li jkun hemm materjal li jassorbi l-enerġija fiż-żoni kif iddefinit fl-Anness 18, fejn ir-ras tal-manikin ma tagħmilx kuntatt magħhom, jiġifieri wara l-appoġġ għar-ras.

7.1.3. Jinqaleb ta' taħt fuq

7.1.3.1. It-trażżin għat-tfal għandu jiġi ttestjat kif provdut fil-paragrafu 8.1.2; il-manikin m'għandux jaqa' 'l barra mit-tagħmir u, meta s-sit tat-test ikun fil-pożizzjoni ta' taħt fuq, ir-ras tal-manikin m'għandhiex tiċċaqlaq b'aktar minn 300 mm mill-pożizzjoni oriġinali tagħha f'direzzjoni vertikali relattiva għas-sit tat-test.

7.1.4. It-test dinamiku

7.1.4.1. Ġenerali. It-trażżin għat-tfal għandu jiġi suġġett għal test dinamiku f'konformità mal-paragrafu 8.1.3 t'aktar 'l isfel.

7.1.4.1.1. It-trażżin għat-tfal tal-kategoriji "universali", "ristretta" u "semiuniversali" għandu jiġi ttestjat fuq it-troli tat-test permezz tas-sit tat-test provdut fil-paragrafu 6, u f'konformità mal-paragrafu 8.1.3.1.

7.1.4.1.2. It-trażżin għat-tfal tal-kategorija "vettura speċifika" għandu jiġi ttestjat b'kull mudell tal-vettura li għaliha huwa maħsub it-trażżin għat-tfal. Is-Servizz Tekniku responsabbli milli jwettaq it-testijiet jista' jnaqqas in-numru tal-mudelli ta' vetturi jekk dawn ma jvarjawx ħafna fl-aspetti elenkati fil-paragrafu 7.1.4.1.2.3. It-trażżin għat-tfal jista' jiġi ttestjat b'wieħed mill-metodi li ġejjin:

7.1.4.1.2.1. Fuq vettura kompleta, kif provdut fil-paragrafu 8.1.3.3;

7.1.4.1.2.2. F'qafas tal-bodi tal-vettura fuq it-troli tat-test, kif provdut fil-paragrafu 8.1.3.2; jew,

7.1.4.1.2.3. F'partijiet suffiċjenti tal-qafas tal-bodi tal-vettura tant li jirrappreżentaw l-istruttura tal-vettura u s-superfiċji tal-impatt. Jekk it-trażżin għat-tfal huwa maħsub biex jintuża fis-sit ta' wara, il-partijiet għandhom jinkludu d-dahar tas-sit ta' quddiem, is-sit ta' wara, il-pjanċa tal-qiegħ, il-kolonni B u C u s-saqaf. Jekk it-trażżin huwa maħsub biex jintuża fis-sit ta' quddiem, il-partijiet għandhom jinkludu d-daxxbord, il-kolonna A, il-windskrin, kwalunkwe lieva jew pum installat fil-qiegħ jew fuq panil tal-kontrolli, is-sit ta' quddiem, il-pjanċa tal-qiegħ u s-saqaf. Barra minn dan, jekk it-trażżin għat-tfal huwa maħsub biex jintuża flimkien maċ-ċinturin tas-sigurtà għall-adulti, il-partijiet għandhom jinkludu ċ-ċinturin(i) għall-adulti xieraq(xierqa). Is-Servizz Tekniku responsabbli mit-twettiq tat-test jista' jippermetti li jiġu eskluži ċerti oġġetti jekk jinstab li dawn huma żejda. L-ittestjar għandu jsir kif provdut fil-paragrafu 8.1.3.2.

7.1.4.1.3. It-test dinamiku għandu jitwettaq fuq it-trażżin għat-tfal li qabel ma kienx mgħobbi.

7.1.4.1.4. Matul it-testijiet dinamiċi, l-ebda parti mit-trażżin għat-tfal li fil-fatt qed tgħin biex iżżomm it-tfal fil-pożizzjoni xierqa m'għandha tinkiser, u m'għandha tinfetaħ l-ebda bokkla jew sistema ta' mblukkar jew sistema ta' ċaqliq.

7.1.4.1.5. Fil-każ ta' "tip mhux integrali" iċ-ċinturin tas-sigurtà użat għandu jkun iċ-ċinturin standard u s-saljaturi tal-ankraġġ tiegħu skont kif provdut fl-Anness 13 għal dan ir-Regolament. Dan ma japplikax għall-approvazzjonijiet ta' "vettura speċifika" fejn għandu jintuża ċ-ċinturin reali tal-vettura.

7.1.4.1.6. Jekk sistema tat-trażżin għat-tfal ta' "vettura speċifika" tiġi installata fl-erja ta' wara l-pożizzjonijiet tas-sits għall-adulti li l-aktar li qegħdin lura u li jħarsu 'l quddiem (per eżempju, l-erja tal-bagalji), għandu jitwettaq test wieħed bl-akbar manikin/manikini fuq vettura kompleta kif provdut fil-paragrafu 8.1.3.3.3. It-testijiet l-oħra, inkluż dak tal-konformità tal-produzzjoni, jistgħu jsiru kif provdut fil-paragrafu 8.1.3.2, jekk il-manifattur jixtieq hekk.

7.1.4.1.7. Fil-każ ta' "Trażżin għal Bżonnijiet Speċjali" kull test dinamiku speċifikat minn dan ir-Regolament għal kull grupp ta' massa għandu jitwettaq darbtejn: l-ewwel billi jintużaw il-mezzi primarji tat-trażżin u wara bit-tagħmir kollu tat-trażżin li qed jintuża. F'dawn it-testijiet, għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-kondizzjonijiet meħtieġa fil-paragrafi 6.2.3 u 6.2.4.

7.1.4.1.8. Matul it-testijiet dinamiċi, iċ-ċinturin tas-sigurtà standard użat biex jiġi installat it-trażżin għat-tfal m'għandux jinħall minn kwalunkwe gwida jew tagħmir li jissakkar utilizzat għat-test imwettaq.

7.1.4.1.9. Trażżin għat-tfal b'appoġġ għar-riġlejn għandu jiġi ttestjat kif ġej:

(a) Fil-każ ta' kategorija semiuniversali, it-testijiet għal impatt frontali għandhom isiru bl-appoġġ għar-riġlejn aġġustat, kemm għall-aġġustament massimu kif ukoll għal dak minimu, li jkunu kumpatibbli mal-pożizzjoni tal-pjanċa tal-qiegħ tat-troli. It-testijiet tal-impatt minn wara għandhom isiru bl-agħar pożizzjoni possibbli magħżula mis-Servizz Tekniku. Matul it-testijiet l-appoġġ għar-riġlejn għandu jkun appoġġjat mill-pjanċa tal-qiegħ tat-troli kif deskritt fil-Figura 2 tal-Appendiċi 3 għall-Anness 6. Jekk ikun hemm spazju bejn l-iqsar tul tar-riġel u l-ogħla livell tal-pjanċa tal-qiegħ, ir-riġel jiġi aġġustat għal-livell tal-pjanċa tal-qiegħ ta' 140 mm taħt iċ-Cr. Jekk it-tul massimu tar-riġel ikun akbar minn dak li l-iktar livell baxx tal-pjanċa tal-qiegħ jippermetti li jintuża, ir-riġel jiġi aġġustat għal dak l-aktar livell baxx tal-pjanċa tal-qiegħ ta' 280 mm taħt Cr. Fil-każ ta' riġel ta' appoġġ b'passi aġġustabbli, it-tul tar-riġel ta' appoġġ għandu jiġi aġġustat għall-pożizzjoni tal-aġġustament li jmiss, sabiex jiġi żgurat li r-riġel ta' appoġġ ikun f'kuntatt mal-qiegħ.

(b) Fil-każ ta' riġlejn ta' appoġġ barra mill-pjan tas-simmetrija, is-Servizz Tekniku għandu jagħżel l-agħar każ għat-test.

(c) Fil-każ ta' kategorija ta' vettura speċifika, l-appoġġ għar-riġlejn għandu jiġi aġġustat kif speċifikat mill-manifattur tat-trażżin għat-tfal.

7.1.4.1.10. Fil-każ ta' trażżin għat-tfal li juża sistema ta' ankraġġ ISOFIX u apparat ta' kontra r-rotazzjoni, jekk ikun hemm, għandu jsir it-test dinamiku:

7.1.4.1.10.1. Għal CRS ISOFIX tal-klassijiet tad-daqs A u B:

7.1.4.1.10.1.1. bl-apparat ta' kontra r-rotazzjoni waqt li qed jintuża, u

7.1.4.1.10.1.2. mingħajr ma jintuża l-apparat ta' kontra r-rotazzjoni. Din il-kondizzjoni meħtieġa ma tapplikax meta riġel ta' appoġġ permanenti u mhux aġġustabbli jintuża bħala apparat ta' kontra r-rotazzjoni.

7.1.4.1.10.2. Għal sistema ta' trażżin għat-tfal ISOFIX ta' klassijiet ta' daqs oħrajn waqt li qed jintuża l-apparat ta' kontra r-rotazzjoni.

7.1.4.2. L-aċċelerazzjoni tas-sider ([1])

7.1.4.2.1. L-aċċellerazzjoni tas-sider li tirriżulta m'għandhiex teċċedi l-55 g ħlief matul il-perjodi li s-somma tagħhom ma teċċedix 3 m/sek.

7.1.4.2.2. Il-komponent vertikali tal-aċċellerazzjoni mill-addome lejn ir-ras m'għandux jeċċedi 30 g ħlief matul il-perjodi li s-somma tagħhom ma teċċedix 3 m/sek.

7.1.4.3. Il-penetrazzjoni addominali ([2])

7.1.4.3.1. Matul il-verifika deskritta fil-paragrafu 5.3 tal-Appendiċi 1 tal-Anness 8, m'għandu jkun hemm l-ebda sinjal viżibbli ta' penetrazzjoni fit-tafal artab tal-addome kkawżat minn kwalunkwe parti tat-tagħmir tat-trażżin.


7.1.4.4. Iċ-ċaqliq tal-manikin

7.1.4.4.1. It-trażżin għat-tfal tal-kategoriji "universali", "ristretta" u "semiuniversali":

7.1.4.4.1.1. It-trażżin għat-tfal li jħares 'il quddiem: ir-ras tal-manikin m'għandhiex tgħaddi lil hinn mill-pjani BA u DA kif iddefinit fil-Figura 1 t'hawn taħt, bl-eċċezzjoni tal-*booster seats* (sits li jippermettu lit-tfal iħarsu barra mit-tieqa tal-vettura u huma maħsuba biex saħansitra mingħajr dahar jistgħu jagħmluha ta' *booster cushions*) meta jintuża l-ikbar manikin P10 fejn il-valur b'relazzjoni mal-pjan DA huwa ta' 840 mm.

Figura 1

L-arranġament għall-ittestjar ta' tagħmir li jħares 'il quddiem



([1]) Għall-finijiet tat-test speċifikat fil-paragrafu 7.1.4.1.10.1.1, din id-dimensjoni għandha tkun 500 mm.

Dimensjonijiet f'mm

7.1.4.4.1.2. It-trażżin għat-tfal li jħares lura:


7.1.4.4.1.2.1. It-trażżin għat-tfal sostnut mid-daxxbord: ir-ras tal-manikin m'għandhiex tgħaddi lil hinn mill-pjani AB, AD u DCr, kif iddefinit fil-Figura 2 t'hawn taħt. Dan għandu jiġi ġġudikat sa 300 ms jew il-mument li fih il-manikin jieqaf kompletament liema minnhom iseħħ l-ewwel.

([1]) Il-limiti għall-aċċellerazzjoni tas-sider ma japplikawx meta jintuża l-manikin "tat-tarbija tat-twelid" għax dan m 'għandux tagħmir li jkejjel.

([2]) Il-manikin tat-tarbija tat-twelid mhuwa mgħammar bl-ebda inserzjoni tal-addominali. Għalhekk tista' tintuża biss analiżi suġġettiva bħala gwida għall-penetrazzjoni tal-addome.

Figura 2

L-arranġament għall-ittestjar tat-tagħmir li jħares lura




Dimensjonijiet f'mm

7.1.4.4.1.2.2. It-trażżin għat-tfal fil-grupp 0 mhux sostnut mid-daxxbord, u l-kerrikots: Ir-ras tal-manikin m'għandhiex tgħaddi lil hinn mill-pjani AB, AD u DE, kif muri fil-Figura 3 t'aktar 'l isfel. Dan għandu jiġi ġġudikat sa 300 ms jew il-mument li fih il-manikin jieqaf kompletament liema minnhom iseħħ l-ewwel.

Figura 3

L-arranġament għall-ittestjar tat-tagħmir tat-trażżin għat-tfal tal-grupp 0, mhux sostnut mid-daxxbord



Dimensjonijiet f'mm


7.1.4.4.1.2.3. It-trażżin għat-tfal li mhux tal-grupp 0 u li mhux sostnut mid-daxxbord:

Ir-ras tal-manikin m'għandhiex tgħaddi lil hinn mill-pjani FD, FG u DE, kif muri fil-Figura 4 t'aktar 'l isfel. Dan għandu jiġi ġġudikat sa 300 ms jew il-mument li fih il-manikin jieqaf kompletament liema minnhom iseħħ l-ewwel.

Fil-każ li jkun hemm kuntatt bejn trażżin għat-tfal bħal dan u l-iżbarra b'dijametru ta' 100 mm u jintlaħqu l-kriterji kollha tar-rendiment, għandu jsir test dinamiku ieħor (l-impatt minn quddiem) bl-aktar manikin tqil maħsub għal trażżin għat-tfal bħal dan u mingħajr l-iżbarra b'dijametru ta' 100 mm; il-kondizzjonijiet meħtieġa għal dan it-test huma li jintlaħqu l-kriterji kollha minbarra dak tal-ispostament 'il quddiem.

Figura 4

L-arranġament għall-ittestjar tat-tagħmir li jħares lura, minbarra l-grupp 0, li mhux sostnut mid-daxxbord



Dimensjonijiet f'mm

7.1.4.4.2. It-trażżin għat-tfal tal-kategorija "vettura speċifika": meta jiġi ttestjat f'vettura kompluta jew f'qafas ta' bodi ta' vettura, ir-ras m'għandha tiġi f'kuntatt mal-ebda parti tal-vettura. Madankollu, jekk ikun hemm kuntatt, il-veloċità tal-impatt tar-ras għandha tkun ta' inqas minn 24 km/sek u l-parti li magħha jsir il-kuntatt għandha tissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa tat-test tal-assorbiment tal-enerġija stabbilit fl-Anness 4 tar-Regolament Nru 21. F'testijiet b'vetturi kompluti għandu jkun possibbli li wara t-test jitneħħew il-manikini mit-trażżin għat-tfal mingħajr ma jintużaw għodod.

7.1.5. Ir-reżistenza għat-temperatura

7.1.5.1. Il-montatura tal-bokkla, l-apparat li jiġbedu lura, l-apparat li jaġġusta u t-tagħmir tal-qfil li hemm probabbiltà li jiġu affetwati mit-temperatura, għandhom jiġu soġġetti għat-test tat-temperatura speċifikat fil-paragrafu 8.2.8 t'aktar 'l isfel.

7.1.5.2. Wara t-test tat-temperatura kif provdut fil-paragrafu 8.2.8.1, m'għandu jkun viżibbli għal għajnejn osservatur kwalifikat l-ebda sinjal ta' deterjorament, li hemm probabbiltà li se jtellef mill-funzjonament xieraq tat-trażżin għat-tfal.

7.2. Id-dispożizzjonijiet applikabbli għall-komponenti individwali tat-trażżin

7.2.1. Il-bokkla

7.2.1.1. Il-bokkla għandha tkun iddisinjata b'tali mod li tkun prekluża kull possibbiltà ta' manipulazzjoni mhux korretta. Dan ifisser, fost ħwejjeġ oħra, li ma jridx ikun possibbli li l-bokkla titħalla f'pożizzjoni mhux magħluqa għalkollox; ma jridx ikun possibbli li b'mod involontarju jiġu skambjati partijiet mill-bokkla meta l- bokkla qed tingħalaq; il-bokkla trid tingħalaq biss meta l-partijiet kollha jkunu mdaħħla f'posthom. Kull fejn il-bokkla hija f'kuntatt mat-tfal, din m'għandhiex tkun idjaq mill-wisa' minima taċ-ċinga kif speċifikat fil-paragrafu 7.2.4.1.1 t'aktar 'l isfel. Dan il-paragrafu mhux applikabbli għall-montatur taċ-ċinturini li diġà ġew approvati skont ir-Regolament tal-ECE Nru 16 jew kwalunkwe standard ekwivalenti fis-seħħ. Fil-każ ta' "Trażżin għal Bżonnijiet Speċjali" hija l-bokkla fuq il-mezz primarju tat-trażżin biss li jeħtieġ li tikkonforma mal-kondizzjonijiet meħtieġa tal-paragrafi 7.2.1.1 sa 7.2.1.9 biż-żewġ paragrafi msemmija inklużi.

7.2.1.2. Il-bokkla, anki meta mhix taħt tensjoni, għandha tibqa' magħluqa tkun xi tkun il-pożizzjoni tagħha. Għandha titħaddem u tinqabad mingħajr problemi. Għandu jkun possibbli li tinfetaħ billi tkun eżerċitata pressjoni fuq buttuna jew fuq xi tagħmir simili. Is-superfiċje li fuqha trid tiġi eżerċitata din il-pressjoni jrid ikollha fil-pożizzjoni tal-ftuħ reali u meta tiġi projettata fi pjan perpendikolari għad-direzzjoni inizjali tal-moviment tal-buttuna: għal tagħmir magħluq, erja ta' mhux inqas minn 4,5 cm b'wisa' ta' mhux inqas minn 15-il mm; għal tagħmir mhux magħluq, erja ta' 2,5 cm u wisa' ta' mhux inqas minn 10 mm. Il-wisa' għandha tkun l-iżgħar waħda miż-żewġ dimensjonijiet li jifformaw l-erja preskritta u għandha titkejjel b'mod rettangolari għad-direzzjoni tal-moviment tal-buttuna li tħoll il-bokkla.

7.2.1.3. L-erja tal-ftuħ tal-bokkla għandha tkun miżbugħa ħamra. L-ebda parti oħra mill-bokkla m'għandu jkollha dan il-kulur.

7.2.1.4. Għandu jkun possibbli li t-tfal jinħallu mit-trażżin billi bokkla waħda titħaddem darba. Għall-gruppi 0 u 0 + huwa permess li jitneħħew it-tfal flimkien ma' tagħmir bħal benniena għat-trabi li tinġarr/kerrikot/trażżin għall-kerrikot jekk is-sistema tat-trażżin għat-tfal tista' tinħall billi jitħaddmu mhux aktar minn żewġ bokkli.

7.2.1.4.1. Kollegament b'molla bejn iċ-ċineg tal-ispalla ta' ċinturin li jikkontrolla ċ-ċaqliq jitqies bħala li mhux konformi mal-kondizzjoni meħtieġa ta' tħaddim ta' darba mogħtija fil-paragrafu 7.2.1.4 t'aktar fuq.

7.2.1.5. Għall-gruppi II u III il-bokkla għandha titpoġġa b'tali mod li t-tifel(it-tifla) li jkun (tkun) passiġġier jista' (tista') jilħaqha(tilħaqha). Barra minn dan, għandha titpoġġa b'tali mod, għall-gruppi kollha, li l-għan u l-mod tat-tħaddim tagħha huma immedjatament ovvji għal persuna li qed twettaq salvataġġ f'emerġenza.

7.2.1.6. Il-ftuħ tal-bokkla għandu jagħti l-opportunità biex it-tifel(it-tifla) jitneħħa(titneħħa) b'mod indipendenti mis-"siġġu", mill-"appoġġ tas-siġġu" jew mill-"ħarsien mill-impatt" jekk imwaħħal, u jekk it-tagħmir jinkludi ċinga li tgħaddi minn bejn il-koxox, din iċ-ċinga għandha tinħall billi titħaddem l-istess bokkla.

7.2.1.7. Il-bokkla għandha tkun kapaċi tirreżisti għall-kondizzjonijiet meħtieġa tat-tħaddim tat-test tat-temperatura mogħtija fil-paragrafu 8.2.8.1 u għal tħaddim ripetut, u qabel it-test dinamiku provdut fil-paragrafu 8.1.3 għandha tgħaddi minn test li jinkludi 5 000 ± 5 ċiklu ta' ftuħ u għeluq taħt il-kondizzjonijiet normali għall-użu.

7.2.1.8. Il-bokkla għandha tiġi suġġetta għat-testijiet tal-ftuħ li ġejjin:

7.2.1.8.1. It-test meta mgħobbija

7.2.1.8.1.1. Għal dan it-test għandu jintuża trażżin għat-tfal li diġà għadda mit-test dinamiku provdut fil-paragrafu 8.1.3 t'aktar 'l isfel.

7.2.1.8.1.2. Il-forza meħtieġa biex tinfetaħ il-bokkla fit-test provdut fil-paragrafu 8.2.1.1 t'aktar 'l isfel m'għandhiex teċċedi 80 N.

7.2.1.8.2. It-test mingħajr tagħbija

7.2.1.8.2.1. Għal dan it-test għandha tintuża bokkla li preċedentement ma ġietx suġġetta għal tagħbija. Il-forza meħtieġa biex tinfetaħ il-buttuna meta mhix mgħobbija għandha tkun ta' bejn 40-80 N fit-testijiet provduti fil-paragrafu 8.2.1.2 t'aktar 'l isfel.

7.2.1.9. Is-saħħa.

7.2.1.9.1. Skont il-paragrafu 8.2.1.3.2 matul it-test l-ebda parti mill-bokkla jew miċ-ċineg ta' ħdejha jew mill-apparat li jaġġusta m'għandhom jinkisru jew jinqalgħu.

7.2.1.9.2. Bokkla taċ-ċinga integrali fil-gruppi tal-massa 0 u 0 + għandha tirreżisti għal 4 000 N.

7.2.1.9.3. Bokkla taċ-ċinga integrali fil-grupp tal-massa I u ogħla għandha tirreżisti għal 10 000 N.

7.2.1.9.4. L-awtorità kompetenti tista' ma twettaqx it-test tas-saħħa tal-bokkla jekk infomazzjoni li diġà hija disponibbli tagħmel it-test żejjed.

7.2.2. L-apparat li jaġġusta

7.2.2.1. Il-medda tal-aġġustament għandha tkun suffiċjenti biex tippermetti l-aġġustament korrett tat-trażżin għat-tfal bil-manikini kollha tal-grupp tal-piż li t-tagħmir huwa maħsub għalih u biex tippermetti l-installazzjoni sodisfaċenti fil-mudelli kollha tal-vetturi speċifikati.

7.2.2.2. L-apparat kollu għall-aġġustament għandhom ikunu tat-tip "li jaġġustaw malajr", minbarra l-apparat għall-aġġustament użat biss għall-installazzjoni inizjali tat-trażżin fil-vettura li jista' jkun ta' tip ieħor għajr dak tat-tip "li jaġġusta malajr".

7.2.2.3. It-tagħmir tat-tip "li jaġġusta malajr" għandu jintlaħaq faċilment meta t-trażżin għat-tfal ikun installat kif suppost u meta tfal jew il-manikin ikunu f'posthom.

7.2.2.4. Tagħmir tat-tip "li jaġġusta malajr" għandu jkun wieħed li jiġi aġġustat faċilment skont il-fiżiku tat-tifel(tifla). B'mod partikolari, f'test imwettaq skont il-paragrafu 8.2.2.1., il-forza meħtieġa biex jitħaddem apparat għall-aġġustament manwali m'għandhiex teċċedi 50 N.

7.2.2.5. Żewġ kampjuni ta' apparat għall-aġġustament tat-trażżin għat-tfal għandhom jiġu ttestjati kif provdut mill-kondizzjonijiet meħtieġa għat-tħaddim tat-test tat-temperatura mogħtija fil-paragrafu 8.2.8.1 u fil-paragrafu 8.2.3 t'aktar 'l isfel.

7.2.2.5.1. L-ammont żgħir ta' ċinga m'għandux jeċċedi l-25 mm għal apparat għall-aġġustament wieħed jew 40 mm għall-apparat għall-aġġustament kollu.

7.2.2.6. It-tagħmir m'għandux jinkiser jew jinqala' meta jiġi ttestjat kif provdut fil-paragrafu 8.2.2.1 t'aktar 'l isfel.

7.2.2.7. Apparat li jaġġusta armat direttament fuq it-trażżin għat-tfal għandu jkun kapaċi jirreżisti tħaddim ripetut u qabel it-test dinamiku provdut fil-paragrafu 8.1.3 għandu jgħaddi minn test li jinkludi 5 000 ± 5 ċiklu kif speċifikat fil-paragrafu 8.2.7.

7.2.3. L-apparat li jiġbed lura

7.2.3.1. L-apparat li jiġbed lura li jissakkar awtomatikament

7.2.3.1.1. Iċ-ċinga taċ-ċinturin tas-sigurtà mgħammar b'apparat li jiġbed lura li jissakkar awtomatikament m'għandiex tinħall b'aktar minn 30 mm bejn il-pożizzjonijiet ta' imblokk tal-apparat li jiġbed lura. Wara moviment lura ta' min jilbsu, iċ-ċinturin irid jew jibqa' fil-pożizzjoni inizjali tiegħu jew jerġa' lura awtomatikament għal dik il-pożizzjoni meta min jilbsu susseġwentement jagħmel(tagħmel) moviment quddiem.

7.2.3.1.2. Jekk l-apparat li jiġbed lura huwa parti minn ċinturin ta' fuq il-ħoġor, il-forza li tiġbed lura taċ-ċinga m'għandhiex tkun ta' inqas minn 7 N kif imkejla fit-tul ħieles bejn il-manikin u l-apparat li jiġbed lura kif provdut fil-paragrafu 8.2.4.1. Jekk l-apparat li jiġbed lura huwa parti mit-trażżin tas-sider, il-forza li tiġbed lura m'għandhiex tkun inqas minn 2 N jew aktar minn 7 N kif imkejla b'mod simili. Jekk iċ-ċinga tgħaddi minn gwida jew taljola, il-forza li tiġbed lura għandha titkejjel fit-tul ħieles bejn il-manikin u l-gwida jew taljola. Jekk il-montatura tinkludi tagħmir, li jitħaddem b'mod manwali jew b'mod awtomatiku, li ma jħallix li ċ-ċinga tinġibed lura kompletament, dak it-tagħmir m'għandux ikun qed jaħdem meta jittieħed dan il-kejl.

7.2.3.1.3. Iċ-ċinga għandha tinġibed b'mod ripetut mill-apparat li jiġbed lura u titħalla tinġibed lura, fil-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 8.2.4.2 t'aktar 'l isfel, sakemm jiġu kompluti 5 000 ċiklu. L-apparat li jerġa' jiġbed lura imbagħad għandu jiġi suġġett għall-kondizzjonijiet meħtieġa għat-tħaddim tat-test tat-temperatura mogħtija fil-paragrafu 8.2.8.1 u għat-test tal-korrużjoni deskritt fil-paragrafu 8.1.1 u għat-test tar-reżistenza għat-trab deskritt fil-paragrafu 8.2.4.5. Imbagħad għandu jerġa' jikkompleta b'mod sodisfaċenti 5 000 ċiklu ieħor fejn tinħall u tinġibed lura. Wara t-testijiet t'aktar 'il fuq l-apparat li jerġa' jiġbed lura għandu jkompli jaħdem b'mod korrett u għandu jissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa tal-paragrafi 7.2.3.1.1 u 7.2.3.1.2 t'aktar 'il fuq.

7.2.3.2. L-apparat li jiġbedu lura li jissakkar f'emerġenza

7.2.3.2.1. Apparat li jiġbed lura li jissakkar f'emerġenza għandu jissodisfa l-kondizzjonijiet t'aktar 'l isfel meta jiġi ttestjat kif provdut fil-paragrafu 8.2.4.3:

7.2.3.2.1.1. Għandu jissakkar meta t-tnaqqis tal-veloċità fil-vettura jilħaq 0,45 g.

7.2.3.2.1.2. M'għandux jissakkar għal aċċellerazzjonijiet taċ-ċinga ta' inqas minn 0,8 g kif imkejla fl-assi tal-ħruġ taċ-ċinga.

7.2.3.2.1.3. M'għandux jissakkar meta t-tagħmir sensittiv tiegħu jiġi inklinat b'mhux aktar minn 12° fi kwalunkwe direzzjoni mill-pożizzjoni tal-installazzjoni speċifikata mill-manifattur tiegħu.

7.2.3.2.1.4. Għandu jissakkar meta t-tagħmir sensittiv tiegħu jiġi inklinat b'aktar minn 27° fi kwalunkwe direzzjoni mill-pożizzjoni tal-installazzjoni speċifikata mill-manifattur.

7.2.3.2.2. Fejn it-tħaddim tal-apparat li jiġbed lura jiddependi minn sinjal jew sors ta' enerġija estern, id-disinn għandu jiżgura li l-apparat li jiġbed lura jissakkar awtomatikament jekk dak is-sinjal jew sors ta' enerġija jiġrilu xi ħsara jew jiġu interrott.

7.2.3.2.3. Apparat li jiġbed lura li jissakkar f'emerġenza li għandu sensittività multipla għandu jissodisfa l-kondizzjonjiet meħtieġa stabbiliti aktar fuq. Barra minn dan, jekk wieħed mill-fatturi tas-sensittività jirrelata mal-ħruġ taċ-ċinga, l-apparat irid ikun issakkar f'aċċellerazzjoni taċ-ċinga ta' 1,5 g kif imkejla fl-assi tal-ħruġ taċ-ċinga.

7.2.3.2.4. Fit-testijiet li jissemmew fil-paragrafi 7.2.3.2.1.1 u 7.2.3.2.3 t'aktar fuq, l-ammont ta' ħruġ taċ-ċinga li jseħħ qabel ma jissakkar l-apparat li jiġbed lura m'għandux jeċċedi l-50 mm, bil-50 mm jibdew mit-tul maħlul speċifikat fil-paragrafu 8.2.4.3.1. Fit-test li jissemma fil-paragrafu 7.2.3.2.1.2 t'aktar fuq, l-apparat m'għandux jissakkar matul il-50 mm tal-ħruġ taċ-ċinga bil-50 mm jibdew mit-tul maħlul speċifikat fil-paragrafu 8.2.4.3.1 t'aktar 'l isfel.

7.2.3.2.5. Jekk l-apparat li jiġbed lura huwa parti minn ċinturin ta' fuq il-ħoġor, il-forza li tiġbed lura taċ-ċinga m'għandhiex tkun ta' inqas minn 7 N kif imkejla fit-tul ħieles bejn il-manikin u l-apparat li jiġbed lura kif provdut fil-paragrafu 8.2.4.1. Jekk l-apparat li jiġbed lura huwa parti mit-trażżin tas-sider, il-forza li tiġbed lura m'għandhiex tkun inqas minn 2 N jew aktar minn 7 N kif imkejla b'mod simili. Jekk iċ-ċinga tgħaddi minn gwida jew taljola, il-forza li tiġbed lura għandha titkejjel fit-tul ħieles bejn il-manikin u l-gwida jew taljola. Jekk il-montatura tinkludi tagħmir, li jitħaddem b'mod manwali jew b'mod awtomatiku, li ma jħallix li ċ-ċinga tinġibed lura kompletament, dak it-tagħmir m'għandux ikun qed jaħdem meta jittieħed dan il-kejl.

7.2.3.2.6. Iċ-ċinga għandha tinġibed b'mod ripetut mill-apparat li jiġbed lura u titħalla tinġibed lura, fil-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 8.2.4.2, sakemm jiġu kompluti 40 000 ċiklu. L-apparat li jerġa' jiġbed lura imbagħad għandu jiġi suġġett għall-kondizzjonijiet meħtieġa għat-tħaddim tat-test tat-temperatura mogħtija fil-paragrafu 8.2.8.1 u għat-test tal-korrużjoni deskritt fil-paragrafu 8.1.1 u għat-test tar-reżistenza għat-trab deskritt fil-paragrafu 8.2.4.5. Imbagħad għandu jerġa' jikkompleta b'mod sodisfaċenti 5 000 ċiklu ieħor fejn tinħall u tinġibed lura (jiġifieri 45 000 ċiklu b'kollox). Wara t-testijiet t'aktar fuq l-apparat li jiġbed lura għandu jkompli jaħdem b'mod korrett u għandu jissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa tal-paragrafi 7.2.3.2.1 u 7.2.3.2.5 t'aktar fuq.

7.2.4. Iċ-ċineg

7.2.4.1. Il-wisa'

7.2.4.1.1. Il-wisa' minima taċ-ċineg tat-trażżin għat-tfal li jiġu f'kuntatt mal-manikin għandha tkun ta' 25 mm għall-gruppi 0, 0 + u I, u ta' 38 mm għall-gruppi II u III. Dawn id-dimensjonijiet għandhom jitkejlu matul it-test tas-saħħa taċ-ċinga provdut fil-paragrafu 8.2.5.1., mingħajr ma titwaqqaf il-magna u b'tagħbija daqs 75 fil-mija tat-tagħbija li biha tinqata' ċ-ċinga.

7.2.4.2. Is-saħħa wara l-ikkondizzjonar tal-kamra

7.2.4.2.1. Għandha tkun iddeterminata t-tagħbija li biha tinqata' ċ-ċinga, kif provdut fil-paragrafu 8.2.5.2.1t'aktar 'l isfel, fuq żewġ kampjuni ta' ċineg ikkondizzjonati kif stipulat fil-paragrafu 8.2.5.1.2.

7.2.4.2.2. Id-differenza bejn it-tagħbijiet li bihom tinqata' ċ-ċinga taż-żewġ kampjuni m'għandhiex teċċedi l-10 fil-mija tal-akbar tagħbija li biha tinqata' ċ-ċinga fost it-tnejn imkejla.

7.2.4.3. Is-saħħa wara l-ikkondizzjonar speċjali

7.2.4.3.1. Fuq żewġ ċineg ikkondizzjonati kif stipulat f'waħda mid-dispożizzjonijiet provduti fil-paragrafu 8.2.5.2. (minbarra l-paragrafu 8.2.5.2.1.), it-tagħbija li biha tinqata' ċ-ċinga għandha tkun ta' mhux inqas minn 75 fil-mija tal-medja tat-tagħbijiet iddeterminati fit-test li jissemma fil-paragrafu 8.2.5.1t'aktar 'l isfel.

7.2.4.3.2. Barra minn dan, it-tagħbija li biha tinqata' ċ-ċinga m'għandhiex tkun ta' inqas minn 3,6 kN għat-trażżin tal-gruppi 0, 0 + u I, 5 kN għal dak tal-grupp II, u 7,2 kN għal dak tal-grupp III.

7.2.4.3.3. L-awtorità kompetenti tista' ma twettaqx wieħed jew aktar minn dawn it-testijiet jekk il-kompożizzjoni tal-materjal użat, jew informazzjoni diġà disponibbli, tagħmel it-test jew it-testijiet żejjed(żejda).

7.2.4.3.4. Il-proċedura tal-ikkondizzjonar tal-brix tat-tip 1 iddefinita fil-paragrafu 8.2.5.2.6 għandha titwettaq biss meta t-test tal-microslip definit fil-paragrafu 8.2.3 t'aktar 'l isfel jagħti riżultat ta' 'l fuq minn 50 fil-mija tal-limitu provdut fil-paragrafu 7.2.2.5.1 t'aktar fuq.

7.2.4.4. M'għandux ikun possibbli li tinġibed iċ-ċinga sħiħa minn ġo kwalunkwe apparat li jaġġusta, bokkla jew punt ta' ankraġġ.

7.2.5. It-tagħmir tal-qfil

7.2.5.1. It-tagħmir tal-qfil irid ikun imwaħħal b'mod permanenti mat-trażżin għat-tfal.

7.2.5.2. It-tagħmir tal-qfil m'għandux itellef minn kemm idum iservi ċ-ċinturin għall-adulti u għandu jgħaddi mill-kondizzjonijiet meħtieġa għat-thaddim tat-test tat-temperatura mogħtija fil-paragrafu 8.2.8.1.

7.2.5.3. It-tagħmir tal-qfil m'għandux iwaqqaf milli t-tfal jinħelsu malajr.

7.2.5.4. It-tagħmir tal-Klassi A

L-ammont ta' kemm jiżolqu l-istrixxi m'għandux jeċċedi l-25 mm wara t-test provdut fil-paragrafu 8.2.6.1 t'aktar 'l isfel.

7.2.5.5. It-tagħmir tal-Klassi B

L-ammont ta' kemm jiżolqu l-istrixxi m'għandux jeċċedi l-25 mm wara t-test provdut fil-paragrafu 8.2.6.2 t'aktar 'l isfel.

7.2.6. L-ispeċifikazzjonijiet ISOFIX fir-rigward taż-żidiet

Iż-"żidiet ISOFIX" u l-indikaturi tal-qfil għandhom ikunu kapaċi jifilħu għal operazzjonijiet ripetuti u, qabel it-test dinamiku preskritt fil-paragrafu 8.1.3, għandhom jgħaddu minn test li jinkludi 2 000 ± 5 ċiklu ta' ftuħ u ta' għeluq f'kondizzjonijiet normali ta' użu.

8. ID-DESKRIZZJONI TAT-TESTIJIET [1]

8.1. It-testijiet tat-trażżin armat

8.1.1. Il-korrużjoni

8.1.1.1. Il-biċċiet tal-metall tat-trażżin għat-tfal għandhom jitpoġġew f'kumpartiment tat-testijiet kif provdut fl-Anness 4. Fil-każ ta' trażżin għat-tfal li jinkludi apparat li jiġbed lura, iċ-ċinga għandha tinħall għalkollox għajr għal 100 ± 3 mm. Minbarra għal interruzzjonijiet qosra li jistgħu jkunu neċessarji, per eżempju għall-kontroll u biex timtela' mill-ġdid is-soluzzjoni tal-melħ, it-test tal-espożizzjoni għandu jipproċedi kontinwament għal perjodu ta' 50 ± 0,5 siegħa.

8.1.1.2. Meta jitlesta t-test tal-kxif, il-biċċiet tal-metall tat-trażżin għat-tfal għandhom jinħaslu bil-mod, jew jiġu mgħaddsa f'ilma mill-vit nadif b'temperatura ta' mhux aktar minn 38 °C biex jitneħħa kull depożitu tal-melħ li seta' fforma u mbagħad jitħallew jinxfu b'temperatura tal-kamra ta' bejn 18 u 25 °C għal 24 ± 1 siegħa qabel l-ispezzjoni skont il-paragrafu 7.1.1.2 t'aktar fuq.

8.1.2. Jinqaleb ta' taħt fuq

8.1.2.1. Il-manikin għandu jitpoġġa fit-trażżin installat skont dan ir-Regolament filwaqt li jitqiesu l-istruzzjonijiet tal-manifattur u bil-parti mdendla tat-trażżin merħi standard kif speċifikat fil-paragrafu 8.1.3.6 t'aktar 'l isfel.

8.1.2.2. It-trażżin għandu jintrabat mas-sit tat-test jew mas-sit tal-vettura. Is-sit kollu għandu jiddawwar madwar assi orizzontali li qiegħed fil-pjan medjan longitudinali tas-sit f'angolu ta' 360° b'veloċità ta' 2-5 gradi/sekonda. Għall-finijiet ta' dan it-test, it-tagħmir maħsub biex jintuża f'karrozzi speċifiċi jista' jitwaħħal mas-sit tat-test deskritt fl-Anness 6.

8.1.2.3. Dan it-test għandu jerġa' jitwettaq b'rotazzjoni fid-direzzjoni kuntrarja wara li l-manikin jerġa' jitpoġġa, jekk ikun meħtieġ, fil-pożizzjoni inizjali tiegħu. Bl-assi tar-rotazzjoni fil-pjan orizzontali u f'90° għal dik taż-żewġ testijiet preċedenti, il-proċedura għandha terġa' tiġi ripetuta fiż-żewġ direzzjonijiet tar-rotazzjoni.

8.1.2.4. It-testijiet għandhom jitwettqu billi jintużaw kemm l-iżgħar u kemm l-akbar manikini xierqa għall-grupp jew għall-gruppi li għalih(om) huwa maħsub it-tagħmir għat-trażżin.

8.1.3. It-testijiet dinamiċi

8.1.3.1. It-testijiet fuq it-troli u s-sit tat-test

8.1.3.1.1. Li jħares quddiem

8.1.3.1.1.1. It-troli u s-sit tat-test użati fit-test dinamiku għandhom jissodisfaw il-kondizzjonijiet meħtieġa tal-Anness 6 għal dan ir-Regolament, u l-proċedura tal-installazzjoni għat-test dinamiku tal-kraxx għandha tkun skont l-Anness 21.

8.1.3.1.1.2. It-troli għandu jibqa' orizzontali matul it-tnaqqis fil-veloċità jew l-aċċellerazzjoni.

8.1.3.1.1.3. Apparat tat-tnaqqis fil-veloċità jew tal-aċċelerazzjoni

L-applikant għandu jagħżel li juża apparat wieħed mit-tnejn li ġejjin:

[1] It-tolleranzi fuq id-dimensjonijiet, sakemm mhux speċifikat mod ieħor, li mhumiex validi għal-limiti

Medda tad-dimensjonijiet (mm)	inqas minn 6	aktar minn 6 sa 30	aktar minn 30 sa 120	aktar minn 120 sa 315	aktar minn 315 sa 1 000	aktar minn 1 000
Tolleranza (mm)	± 0,5	± 1	± 1.5	± 2	± 3	± 4

Tolleranzi angulari sakemm mhux iddikjarat mod ieħor: ± 1°

8.1.3.1.1.3.1. Apparat tat-test tat-tnaqqis fil-veloċità:

It-tnaqqis fil-veloċità tat-troli għandu jinkiseb billi jintuża l-apparat provdut fl-Anness 6 għal dan ir-Regolament jew kwalunkwe tagħmir ieħor li jagħti riżultati ekwivalenti. Dan l-apparat għandu jkun kapaċi li jwettaq dak li huwa speċifikat fil-paragrafu 8.1.3.4 u iktar quddiem.

Il-proċedura tal-ikkalibrar:

Il-kurva tat-tnaqqis fil-veloċità tat-troli, fil-każ tat-testijiet tat-trażżin għat-tfal imwettqa skont il-paragrafu 8.1.3.1, li jintrabtu miegħu masses inerti li jiżnu sa 55 kg sabiex issir riproduzzjoni ta' trażżin għat-tfal fl-użu, u fil-każ ta' testijiet tat-trażżin għat-tfal f'qafas ta' vettura mwettqa skont il-paragrafu 8.1.3.2, fejn it-troli jkun marbut mal-istruttura tal-vettura u masses interti li jiżnu sa 55 kg għal x drabi u b'ħekk jiġi riprodott l-għadd ta' x sistemi ta' trażżin għat-tfal fl-użu, għandha tibqa', fil-każ tal-impatt minn quddiem fl-erja skura tal-graff fl-Appendiċi 1 tal-Anness 7 ta' dan ir-Regolament, u fil-każ tal-impatt minn wara, għandha tibqa' fl-erja skura tal-graff tal-Appendiċi 2 tal-Anness 7 ta' dan ir-Regolament.

Matul l-ikkalibrar tat-tagħmir li jwaqqaf, id-distanza tat-twaqqif għandha tkun ta' 650 ± 30 mm għall-impatt minn quddiem, u 275 ± 20 mm għall-impatt minn wara.

8.1.3.1.1.3.2. Apparat tat-test tal-aċċellerazzjoni

Il-kondizzjonijiet għall-ittestjar dinamiku:

Għall-impatt minn quddiem, it-troli għandu jkun imbuttat quddiem b'tali mod li, waqt it-test, il-bidla fil-veloċità totali tiegħu ΔV tkun ta' 52 + 0/ − 2 km/h u l-kurva tal-aċċellerazzjoni tiegħu ma taqbiżx l-erja skura tal-graff fl-Appendiċi 1 tal-Anness 7 u tibqa' 'l fuq mis-segment iddefinit mill-koordinati (5 g, 10 ms) u (9 g, 20 ms). Il-bidu tal-impatt (T0) huwa ddefinit, skont l-ISO 17 373 għal livell ta' aċċelerazzjoni ta' 0,5 g.

Għall-impatt minn wara, it-troli għandu jkun imbuttat quddiem b'tali mod li, waqt it-test, il-bidla fil-veloċità totali tiegħu ΔV tkun ta' 32 +2/ − 0 km/h u l-kurva tal-aċċellerazzjoni tiegħu ma taqbiżx l-erja skura tal-graff fl-Appendiċi 2 tal-Anness 7 u tibqa' 'l fuq mis-segment iddefinit mill-koordinati (5 g, 10 ms) u (10 g, 10 ms). Il-bidu tal-impatt (T0) huwa ddefinit, skont l-ISO 17 373 għal livell ta' aċċelerazzjoni ta' 0,5 g.

Minkejja li jintlaħqu r-rekwiżiti ta' fuq, is-Servizz Tekniku għandu juża troli (mgħammar bis-sit), kif speċifikat fil-paragrafu 1 fl-Anness 6, ta' massa li taqbeż it-380 kg.

Madankollu, kieku t-testijiet ta' fuq twettqu b'veloċità ogħla u/jew il-kurva tal-aċċellerazzjoni taqbeż il-valur ta' limitu tal-erja skura u t-trażżin għat-tfal jissodisfa r-rekwiżiti, it-test għandu jitqies bħala sodisfaċenti.

8.1.3.1.1.4. Għandhom jitkejlu:

8.1.3.1.1.4.1. il-veloċità tat-troli immedjatament qabel l-impatt (għal slitti tat-tnaqqis fil-veloċità biss, meħtieġa għal kalkolazzjoni tad-distanza tat-twaqqif),

8.1.3.1.1.4.2. id-distanza tat-twaqqif (għal slitti tat-tnaqqis fil-veloċità biss), li tista' tinħadem bl-integrazzjoni doppja tat-tnaqqis fil-veloċità rreġistrat tal-islitta,

8.1.3.1.1.4.3. l-ispostament tar-ras tal-manikin fil-pjani vertikali u orizzontali għall-gruppi I, II u III u għall-gruppi 0 u 0 + l-ispostament tal-manikin mingħajr ma jitqiesu dirgħajh u riġlejh,

8.1.3.1.1.4.4. it-tnaqqis fil-veloċità tas-sider fi tliet direzzjonijiet perpendikulari b'mod reċiproku; minbarra l-manikini tat-tarbija tat-twelid,

8.1.3.1.1.4.5. kwalunkwe sinjali viżibbli ta' penetrazzjoni tat-tafal artab fl-addome (ara l-paragrafu 7.1.4.3.1.); minbarra l-manikini tat-tarbija tat-twelid,

8.1.3.1.1.4.6. l-aċċellerazzjoni jew it-tnaqqis fil-veloċità tat-troli tal-anqas għall-ewwel 300 ms.

8.1.3.1.1.5. Wara l-impatt, it-trażżin għat-tfal għandu jiġi spezzjonat viżwalment, mingħajr ma tinfetaħ il-bokkla, biex jiġi ddeterminat jekk kienx hemm xi ħsara jew ksur.

8.1.3.1.2. Li jħares lura

8.1.3.1.2.1. Is-sit tat-test għandu jiddawwar 180° meta jsir it-test f'konformità mal-kondizzjonijiet meħtieġa tat-test tal-impatt minn wara.

8.1.3.1.2.2. Meta qed jiġi ttestjat trażżin għat-tfal li jħares lura maħsub biex jintuża għall-postijiet ta' bilqiegħda ta' quddiem, id-daxxbord tal-vettura għandha tiġi rrapreżentata minn żbarra riġida mwaħħla mat-troli b'tali mod li l-assorbiment kollu tal-enerġija jseħħ fit-trażżin għat-tfal.

8.1.3.1.2.3. Il-kondizzjonijiet tat-tnaqqis fil-veloċità għandhom jissodisfaw il-kondizzjonijiet meħtieġa tal-paragrafu 8.1.3.1.1.3.1.

Il-kondizzjonijiet tal-aċċellerazzjoni għandhom jissodisfaw il-kondizzjonijiet meħtieġa tal-paragrafu 8.1.3.1.1.3.2.

8.1.3.1.2.4. Il-kejl li jrid jittieħed għandu jkun simili għal dak elenkat fil-paragrafi 8.1.3.1.1.4 sa 8.1.3.1.1.4.6 t'aktar fuq.

8.1.3.2. It-test fuq it-troli u l-qafas tal-bodi tal-vettura

8.1.3.2.1. Li jħares quddiem

8.1.3.2.1.1. Il-metodu użat biex tintrabat sew il-vettura matul it-test m'għandux ikun tali li jsaħħaħ l-ankraġġ tas-sits tal-vettura, iċ-ċinturini tas-sigurtà għall-adulti u kwalunkwe ankraġġ addizzjonali meħtieġ biex jintrabat sew it-trażżin għat-tfal jew li jnaqqas id-deformazzjoni normali tal-istruttura. M'għandha tkun preżenti l-ebda parti mill-vettura li, billi tillimita l-moviment tal-manikin, tista' tnaqqas it-tagħbija imposta fuq it-trażżin għat-tfal matul it-test. Il-partijiet tal-istruttura li tneħħew jistgħu jiġu sostitwiti minn partijiet ta' saħħa ekwivalenti, sakemm dawn ma jtellfux il-moviment tal-manikin.

8.1.3.2.1.2. Tagħmir li jorbot sew għandu jitqies bħala sodisfaċenti jekk dan ma jipproduċi l-ebda effett fuq erja li testendi tul il-wisa' kollha tal-istruttura u jekk il-vettura jew l-istruttura jiġu bblokkati jew imwaħħla quddiem f'distanza ta' mhux inqas minn 500 mm minn fejn hija marbuta s-sistema tat-trażżin. Fuq in-naħa ta' wara l-istruttura għandha tintrabat f'distanza suffiċjenti wara l-ankraġġ biex ikun żgurat li l-kondizzjonijiet meħtieġa kollha tal-paragrafu 8.1.3.2.1.1 t'aktar fuq jiġu sodisfatti.

8.1.3.2.1.3. Is-sit tal-vettura u t-trażżin għat-tfal għandhom jitwaħħlu u jitpoġġew f'pożizzjoni magħżula mis-Servizz Tekniku li qed iwettaq it-testijiet tal-approvazzjoni sabiex jinkisbu l-kondizzjonijiet l-aktar avversi fir-rigward tas-saħħa, li huma kompatibbli mal-installazzjoni tal-manikin fil-vettura. Il-pożizzjoni tad-dahar tas-sit tal-vettura u tat-trażżin għat-tfal għandhom jiġu ddikjarati fir-rapport. Id-dahar tas-sit tal-vettura, jekk jista' jiġi aġġustat għall-inklinazzjoni, għandu jissakkar kif speċifikat mill-manifattur jew, fin-nuqqas ta' kwalunkwe speċifikazzjoni, f'angolu reali tad-dahar tas-sit kemm jista' jkun viċin il-25°.

8.1.3.2.1.4. Sakemm l-istruzzjonijiet għall-installazzjoni u għall-użu ma jeħtiġux mod ieħor, is-sit ta' quddiem għandu jitpoġġa fil-pożizzjoni l-aktar quddiem li tintuża normalment għat-trażżin għat-tfal maħsub biex jintuża fil-pożizzjoni li fiha jpoġġu bilqiegħda l-passiġġieri ta' quddiem, u fil-pożizzjoni l-aktar lura li tintuża normalment għat-trażżin għat-tfal fil-pożizzjoni li fiha jpoġġu bilqiegħda l-passiġġieri ta' fuq wara.

8.1.3.2.1.5. Il-kondizzjonijiet tat-tnaqqis fil-veloċità għandhom jissodisfaw il-kondizzjonijiet meħtieġa tal-paragrafu 8.1.3.4 t'aktar 'l isfel. Is-sit tat-test ser ikun is-sit tal-vettura reali.

8.1.3.2.1.6. Għandhom jitkejlu:

8.1.3.2.1.6.1. il-veloċità tat-troli immedjatament qabel l-impatt (għal slitti tat-tnaqqis fil-veloċità biss, meħtieġa għal kalkolazzjoni tad-distanza tat-twaqqif),

8.1.3.2.1.6.2. id-distanza tat-twaqqif (għal slitti tat-tnaqqis fil-veloċità biss), li tista' tinħadem bl-integrazzjoni doppja tat-tnaqqis fil-veloċità rreġistrat tal-islitta,

8.1.3.2.1.6.3. kwalunkwe kuntatt bejn ir-ras tal-manikin u l-intern tal-qafas tal-bodi tal-vettura;

8.1.3.2.1.6.4. it-tnaqqis fil-veloċità tas-sider fi tliet direzzjonijiet perpendikulari b'mod reċiproku; minbarra l-manikini tat-tarbija tat-twelid,

8.1.3.2.1.6.5. kwalunkwe sinjal viżibbli ta' penetrazzjoni tat-tafal artab fl-addome (ara l-paragrafu 7.1.4.3.1) minbarra għall-manikin tat-tarbija tat-twelid,

8.1.3.2.1.6.6. l-aċċellerazzjoni jew it-tnaqqis fil-veloċità tat-troli u l-qafas tal-bodi tal-vettura tal-anqas għall-ewwel 300 ms.

8.1.3.2.1.7. Wara l-impatt, it-trażżin għat-tfal għandu jiġi spezzjonat viżwalment, mingħajr ma tinfetaħ il-bokkla, biex jiġi determinat jekk kienx hemm xi ħsara.

8.1.3.2.2. Li jħares lura

8.1.3.2.2.1. Għal testijiet ta' impatt minn wara, il-qafas tal-istruttura tal-vettura għandu jiddawwar 180° fuq it-troli tat-test.

8.1.3.2.2.2. L-istess kondizzjonijiet meħtieġa bħall-impatt minn quddiem.

8.1.3.3. It-test bil-vettura kompluta

8.1.3.3.1. Il-kondizzjonijiet tat-tnaqqis fil-veloċità għandhom jissodisfaw il-kondizzjonijiet meħtieġa tal-paragrafu 8.1.3.4t'aktar 'l isfel.

8.1.3.3.2. Il-proċedura għat-testijiet tal-impatt minn quddiem għandha tkun dik stabbilita fl-Anness 9 għal dan ir-Regolament.

8.1.3.3.3. Il-proċedura għat-testijiet tal-impatt minn wara għandha tkun dik stabbilita fl-Anness 10 għal dan ir-Regolament.

8.1.3.3.4. Għandhom jitkejlu:

8.1.3.3.4.1. il-veloċità tal-vettura/tal-apparat tal-impatt immedjatament qabel l-impatt;

8.1.3.3.4.2. kwalunkwe kuntatt bejn ir-ras tal-manikin (fil-każ tal-grupp 0 tal-manikin mingħajr ma jitqiesu dirgħajh u riġlejh) u l-intern tal-vettura;

8.1.3.3.4.3. l-aċċellerazzjoni tas-sider fi tliet direzzjonijeit perpendikulari għal xulxin, ħlief għall-manikin tat-tarbija tat-twelid;

8.1.3.3.4.4. kwalunkwe sinjal viżibbli ta' penetrazzjoni tat-tafal artab fl-addome (ara l-paragrafu 7.1.4.3.1.) minbarra għall-manikin tat-tarbija tat-twelid.

8.1.3.3.5. Is-sits ta' quddiem, jekk jistgħu jiġu aġġustati għall-inklinazzjoni, għandhom jissakkru kif speċifikat mill-manifattur jew, fin-nuqqas ta' kwalunkwe speċifikazzjoni, f'angolu reali tad-dahar tas-sit kemm jista' jkun viċin il-25°.

8.1.3.3.6. Wara l-impatt, it-trażżin għat-tfal għandu jiġi spezzjonat viżwalment, mingħajr ma tinfetaħ il-bokkla, biex jiġi ddeterminat jekk kienx hemm xi ħsara jew ksur.

8.1.3.4. Il-kondizzjonijiet għat-test dinamiku huma miġbura fil-qosor fit-tabella t'hawn taħt:

		L-IMPATT MINN QUDDIEM			L-IMPATT MINN WARA		
It-test	It-trażżin	Il-veloċità (km/h)	It-test pulse	Id-distanza tat-twaqqif waqt it-test (mm)	Il-veloċità (km/h)	It-test pulse	Id-distanza tat-twaqqif waqt it-test (mm)
Troli b' sit tat-test	Sits li jħarsu 'l quddiem ta' quddiem u ta' wara universal, semiuniversal jew ristretti (*)	50 + 0 -2	1	650 ± 50	—	—	—
	Sits li jħarsu lura ta' quddiem u ta' wara universali, semiuniversal jew ristretti (**)	50 + 0 - 2	1	650 ± 50	30 + 2 - 0	2	275 ± 25
Il-bodi tal-vettura fuq it-troli	Li jħarsu 'l quddiem (*)	50 + 0 - 2	1 jew 3	650 ± 50	—	—	—
	Li jħarsu lura (*)	50 + 2 - 2	1 jew 3	650 ± 50	30 + 2 - 0	2 jew 4	275 ± 25
It-test kontra ostakolu tal-vettura kollha	Li jħarsu 'l quddiem	50 + 0 -2	3	mhux speċifikat	—	—	—
	Li jħarsu lura	50 + 0 - 2	3	mhux speċifikat	30 + 2 - 0	4	mhux speċifikat

(*) Matul l-ikkalibrar tat-tagħmir li jwaqqaf, id-distanza tat-twaqqif għandha tkun ta' 650 ± 30 mm.
(**) Matul l-ikkalibrar tat-tagħmir li jwaqqaf, id-distanza tat-twaqqif għandha tkun ta' 275 ± 20 mm

Nota: Is-sistemi kollha tat-trażżin għall-gruppi 0 u 0 + għandhom jiġu ttestjati skont il-kondizzjonijiet "Li jħarsu lura" f'impatt minn quddiem u minn wara.

Spjegazzjoni:

Il-livell tat-test Nru 1- Kif stipulat fl-Anness 7 – impatt minn quddiem.
Il-livell tat-test Nru 2- Kif stipulat fl-Anness 7 – impatt minn wara.
Il-livell tat-test Nru 3- Il-livell tat-tnaqqis fil-veloċità tal-vettura soġġetta għal impatt minn quddiem.
Il-livell tat-test Nru 4- Il-livell tat-tnaqqis fil-veloċità tal-vettura soġġetta għal impatt minn wara.

8.1.3.5. It-trażżin għat-tfal li jinkludi l-użu tal-ankraġġi addizzjonali

8.1.3.5.1. Fil-każ tat-trażżin għat-tfal maħsub biex jintuża kif speċifikat fil-paragrafu 2.1.2.3 u li jinkludi l-użu ta' ankraġġi addizzjonali, il-kondizzjoni meħtieġa għal test tal-impatt minn quddiem, skont il-paragrafu 8.1.3.4., għandu jitwettaq kif ġej:

8.1.3.5.2. Għat-tagħmir biċ-ċineg tal-irbit ta' fuq qosra, per eżempju li huma maħsuba biex jitwaħħlu mal-ixkaffa għall-pakketti ta' wara, il-konfigurazzjoni tal-ankraġġi ta' fuq it-troli tat-test għandha tkun kif provdut fl-Appendiċi 3 tal-Anness 6.

8.1.3.5.3. Għat-tagħmir biċ-ċineg tal-irbit ta' fuq twal, per eżempju li huma maħsuba biex jintużaw fejn m'hemmx xkaffa riġida għall-pakketti u fejn iċ-ċineg tal-irbit ta' fuq huma mwaħħla mal-qiegħ tal-vettura, l-ankraġġi fuq it-troli tat-test għandu jkun kif provdut fl-Appendiċi 3 tal-Anness 6.

8.1.3.5.4. Għat-tagħmir maħsub biex jintuża fiż-żewġ konfigurazzjonijiet, għandhom jitwettqu t-testijiet stipulati fil-paragrafi 8.1.3.5.2 u 8.1.3.5.3 bl-eċċezzjoni li, fil-każ tat-test imwettaq skont il-kondizzjonijiet meħtieġa tal-paragrafu 8.1.3.5.3t'aktar fuq, għandu jintuża biss manikin aktar tqil.

8.1.3.5.5. Għal tagħmir li jħares lura, l-ankraġġi t'isfel tal-konfigurazzjoni fuq it-troli tat-test għandu jkun kif stipulat fl-Appendiċi 3 tal-Anness 6.

8.1.3.5.6. Għal kerrikots li jużaw ċineg addizzjonali li jintrabtu ma' żewġ ċinturini tas-sigurtà għall-adulti, fejn il-mogħdija tat-tagħbija għandha tiġi applikata direttament miċ-ċinturin tas-sigurtà għall-adulti għall-ankraġġ t'isfel taċ-ċinturin tas-sigurtà għall-adulti, l-ankraġġ fuq it-troli tat-test għandu jkun kif preskritt fil-paragrafu 7 tal-Appendiċi 3 għall-Anness 6 (A1, B1). L-installazzjoni fuq il-bank tat-test għandha ssir kif deskritt fin-nota 5 tal-Anness 21. Din is-sistema trid taħdem b'mod korrett anki biċ-ċinturini tas-sigurtà għall-adulti maħlula, u titqies bħala Universali meta tkun konformi mal-pargrafu 6.1.8.

8.1.3.6. Il-manikini tat-test

8.1.3.6.1. It-trażżin għat-tfal u l-manikini għandhom jiġu installati b'tali mod li jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet meħtieġa tal-paragrafu 8.1.3.6.3.

8.1.3.6.2. It-trażżin għat-tfal għandu jiġi ttestjat billi jintużaw il-manikini provduti fl-Anness 8 għal dan ir-Regolament.

8.1.3.6.3. L-installazzjoni tal-manikin.

8.1.3.6.3.1. Il-manikin għandu jitpoġġa b'tali mod li l-ispazju jkun bejn il-parti ta' wara tal-manikin u t-trażżin. Fil-każ tal-kerrikots il-manikin jitpoġġa f'pożizzjoni orizzontali dritta viċin kemm jista' jkun tal-linja taċ-ċentru tal-kerrikot.

8.1.3.6.3.2. Poġġi s-siġġu tat-tfal fuq is-sit tat-test.

Poġġi l-manikin fis-siġġu tat-tfal.

Poġġi bord biċ-ċappetti jew tagħmir flessibbli simili bi ħxuna ta' 2,5 cm u b'wisa' ta' 6 cm u b'tul ugwali għall-għoli tal-ispalla (bilqiegħda, l-Anness 8) li minnu jitnaqqas l-għoli taċ-ċentru tal-ġenbejn (bilqiegħda, fl-Anness 8 l-għoli tal-popliteus miżjud ma' nofs l-għoli tal-koxxa, bilqiegħda) rilevanti għad-daqs tal-manikin li qed jiġi ttestjat bejn il-manikin u d-daħar tas-sit tas-siġġu. Il-bord għandu jkun kemm jista' jkun simili għall-kurvatura tas-siġġu u l-parti t'isfel tiegħu għandha tkun għolja daqs il-ġog tal-ġenbejn tal-manikin.

Aġġusta ċ-ċinturin skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur, imma għal tensjoni ta' 250 ± 25 N aktar mill-forza tal-apparat li jaġġusta, bl-angolu tal-liwja taċ-ċinga fl-apparat li jaġġusta ta' 45 ± 5°, jew inkella bl-angolu provdut mill-manifattur.

Lesti l-installazzjoni tas-siġġu għat-tfal mas-sit tat-test skont l-Anness 21 għal dan ir-Regolament.

Neħħi t-tagħmir flessibbli.

Dan japplika biss għal trażżin li jikkontrolla ċ-ċaqliq u għal-trażżin fejn it-tfal jitrażżnu miċ-ċinturin bi tliet ankraġġi (three-point) għall-adulti u fejn jintuża tagħmir tal-qfil u ma japplikax għaċ-ċineg li jrażżnu t-tfal imqabbda direttament ma' apparat li jiġbed lura.

8.1.3.6.3.3. Il-pjan lonġitudinali li jgħaddi mil-linja taċ-ċentru tal-manikin għandu jiġi stabbilit fin-nofs bejn iż-żewġ ankraġġi taċ-ċinturini t'isfel, madankollu għandu wkoll jitqies il-paragrafu 8.1.3.2.1.3. Fil-każ tat-trażżin għat-tfal li għandu jiġi ttestjat bil-manikin li jirrapreżenta tifel(tifla) ta' 10 snin, il-pjan lonġitudinali li jgħaddi mil-linja taċ-ċentru tal-manikin għandu jitqiegħed sa 80 mm lejn il-ġenb tal-punt tal-ankraġġ C fir-rigward tal-punt li jinstab fin-nofs bejn iż-żewġ ankraġġi taċ-ċinturini t'isfel. Is-servizz tekniku għandu jiddeċiedi dwar l-ammont ta' spostament sabiex tittejjeb ir-rotta taċ-ċinturin tal-ispalla fuq il-manikin.

8.1.3.6.3.4. Fil-każ ta' tagħmir li jeħtieġ l-użu ta' ċinturin standard, ir-rotta taċ-ċinga tal-ispalla tista' tinżamm fuq il-manikin qabel it-test dinamiku billi jintuża tejp ħafif li jgħatti ta' tul massimu ta' 250 mm u wisa' massima ta' 20 mm. Fil-każ ta' tagħmir li jħares lura, ir-ras tista' titwaħħal mal-post fejn jisserraħ id-dahar tas-sistema tat-trażżin bl-użu ta' tejp ħafif li jgħatti li jkun twil biżżejjed u b'wisa' massima ta' 20 mm.

8.1.3.7. Il-kategorija tal-manikin li għandu jintuża

8.1.3.7.1. It-tagħmir għall-grupp 0: It-test bl-użu tal-manikin tat-"tarbija tat-twelid" u manikin ta' 9 kg;

8.1.3.7.2. It-tagħmir għall-grupp 0+: it-test bl-użu tal-manikin tat-tarbija tat-twelid u manikin ta' 11-il kg;

8.1.3.7.3. It-tagħmir għall-grupp I: It-testijiet bl-użu ta' manikin b'massa ta' 9 kg u 15-il kg rispettivament;

8.1.3.7.4. It-tagħmir għall-grupp II: It-testijiet bl-użu ta' manikin b'massa ta' 15-il kg u 22 kg rispettivament;

8.1.3.7.5. It-tagħmir għall-grupp III: It-testijiet bl-użu ta' manikin b'massa ta' 22 kg u 32 kg rispettivament.

8.1.3.7.6. Jekk is-sistema tat-trażżin għat-tfal hija xierqa għal żewġ gruppi ta' mases jew aktar, it-testijiet għandhom jitwettqu billi jintużaw l-eħfef u l-itqal manikini speċifikati aktar fuq għall-gruppi kollha kkonċernati. Madankollu, jekk il-konfigurazzjoni tat-tagħmir tvarja b'mod konsiderevoli minn grupp għall-ieħor, per eżempju meta l-konfigurazzjoni taċ-ċinga integrali jew it-tul taċ-ċinga integrali tinbidel, il-laboratorju li qed iwettaq it-testijiet jista', jekk iqis li jkun għall-aħjar, iżid test b'manikin ta' piż intermedju.

8.1.3.7.7. Jekk is-sistema tat-trażżin għat-tfal hija maħsuba għal żewġt itfal jew aktar, għandu jitwettaq test wieħed fejn l-itqal manikini jokkupaw il-postijiet tas-sits kollha. Għandu jitwettaq test ieħor bl-eħfef u bl-itqal manikini speċifikati aktar fuq. It-testijiet għandhom jitwettqu billi jintuża s-sit tat-test kif muri fil-figura 3 tal-Appendiċi 3 tal-Anness 6. Il-laboratorju li qed iwettaq it-testijiet jista', jekk iqis li jkun għall-aħjar, iżid test ieħor bi kwalunkwe kombinazzjoni ta' manikini jew postijiet tas-sits vojta.

8.1.3.7.8. Jekk sistema tat-trażżin għat-tfal fil-grupp 0 jew 0 + toffri konfigurazzjonijiet differenti skont il-massa tat-tifel/tifla, kull konfigurazzjoni għandha tiġi ttestjata biż-żewġ manikini tal-grupp tal-massa rispettiv.

8.1.3.7.9. Jekk is-sistema tat-trażżin għat-tfal ISOFIX trid tuża rbit ta' fuq, test wieħed għandu jsir bl-iżgħar manikin bl-iqsar distanza tal-irbit ta' fuq (il-punt tal-ankraġġ G1). It-tieni test għandu jsir b'manikin li jkun itqal b'distanza itwal tal-irbit ta' fuq (il-punt tal-ankraġġ G2). Aġġusta l-irbit ta' fuq sabiex tikseb tagħbija ta' tensjoni ta' 50 ± 5 N.

8.1.3.7.10. It-test speċifikat fil-paragrafu 7.1.4.1.10.1.2. jeħtieġ li jsir biss bl-ikbar manikin li għalih ikun ġie mfassal it-trażżin għat-tfal.

8.1.4. It-trażżin tal-booster cushions

Poġġi biċċa drapp tal-qoton fuq is-superfiċje fejn wieħed jista' jpoġġi bilqiegħda tal-bank tat-test. Qiegħed il-booster cushion fuq il-bank tat-test, qiegħed il-blokka tal-ġisem tal-parti t'isfel tat-torso kif deskritt fil-Figura 1 tal-Anness 22, fuq is-superfiċje fejn wieħed jista' jpoġġi bilqiegħda, qiegħdha f'postha u applika ċ-ċinturin tas-sigurtà bi tliet ankraġġi għall-adulti u t-tensjoni kif provdut fl-Anness 21. B'biċċa strixxa wiesa' 25 mm jew oġġett simili marbut madwar il-booster, applika tagħbija ta' 250 ± 5 N fid-direzzjoni tal-vleġġa A, ara l-Figura 2 tal-Anness 22, f'linja mas-superfiċje ta' fejn wieħed jista' jpoġġi bilqiegħda fuq il-bank tat-test.

8.2. It-testijiet tal-komponenti individwali

8.2.1. Il-bokkla

8.2.1.1. It-test tal-ftuħ meta mgħobbija

8.2.1.1.1. Għal dan it-test għandu jintuża trażżin għat-tfal li li diġà ġie soġġett għat-test dinamiku kif speċifikat fil-paragrafu 8.1.3.

8.2.1.1.2. It-trażżin għat-tfal għandu jitneħħa mit-troli tat-test jew mill-vettura mingħajr ma tinfetaħ il-bokkla. Għandha tiġi applikata tensjoni ta' 200 ± 2 N fuq il-bokkla. Jekk il-bokkla tkun imwaħħla ma' parti riġid, il-forza għandha tiġi applikata billi jiġi riprodott l-angolu fformat bejn il-bokkla u dik il-parti riġida matul it-test dinamiku.

8.2.1.1.3. Għandha tiġi applikata tagħbija b'veloċità ta' 400 ± 20 mm/min fuq iċ-ċentru ġeometriku tal-buttuna li tħoll il-bokkla tul assi fiss li huwa parallel għad-direzzjoni inizjali tal-moviment tal-buttuna; iċ-ċentru ġeometriku japplika għal dik il-parti tas-superfiċje tal-bokkla li fuqha trid tiġi applikata l-pressjoni. Il-bokkla għandha tkun marbuta sew ma' appoġġ riġidu matul l-applikazzjoni tal-forza tal-ftuħ.

8.2.1.1.4. Il-forza tal-ftuħ fuq il-bokkla għandha tiġi applikata, billi jintuża dinamometru jew tagħmir simili bil-mod u fid-direzzjoni tal-użu normali. It-tarf tal-kuntatt għandu jkun emisfera tal-metall ippolixxjat b'radju ta' 2,5 ± 0,1 mm.

8.2.1.1.5. Il-forza tal-ftuħ fuq il-bokkla għandha titkejjel u kwalunkwe nuqqas għandu jiġi nnotat.

8.2.1.2. It-test tal-ftuħ meta mhux mgħobbija

8.2.1.2.1. Montatura ta' bokkla li preċedentement ma kenitx mgħobbija għandha tintrama u titqiegħed taħt kondizzjoni ta' "ebda tagħbija".

8.2.1.2.2. Il-metodu tal-kejl tal-forza tal-ftuħ tal-bokkla għandu jkun kif stipulat fil-paragrafi 8.2.1.1.3 u 8.2.1.1.4.

8.2.1.2.3. Il-forza tal-ftuħ tal-bokkla għandha titkejjel.

8.2.1.3. It-test tas-saħħa.

8.2.1.3.1. Għat-test tas-saħħa għandhom jintużaw żewġ kampjuni. L-apparat li jaġġusta kollu, minbarra dawk l-apparat li jaġġusta armat direttament fuq trażżin għat-tfal huwa inkluż fit-test.

8.2.1.3.2. L-Anness 20 juri tagħmir tipiku għal test tas-saħħa tal-bokkla. Il-bokkla titpoġġa fuq il-pjanċa tonda ta' fuq (A) fi ħdan ir-riljiev. Iċ-ċineg kollha ta' ħdejha għandhom tul ta' mill-inqas 250 mm u huma rranġati mdendlin 'l isfel mill-pjanċa ta' fuq rispettivament għall-pożizzjoni tagħhom mal-bokkla. It-truf ħielsa taċ-ċineg imbagħad iduru madwar il-pjanċa tonda t'isfel (B) sakemm joħorġu mill-fetħa ta' ġewwa tal-pjanċa. Iċ-ċineg kollha jridu jkunu vertikali bejn A u B. Il-pjanċa tonda li torbot (C) imbagħad tintrabat ħafif mal-wiċċ t'isfel ta' (B), għalkemm xorta tippermetti ċertu moviment taċ-ċineg bejniethom. B'forza żgħira fil-magna tat-tensjoni, iċ-ċineg jitqiegħdu taħt tensjoni u dawn jinġibdu bejn (B) u (C) sakemm iċ-ċineg kollha jitgħabbew rispettivament għall-arranġament tagħhom. Il-bokkla trid tibqa' ħielsa mill-pjanċa (A) jew minn kwalunkwe parti li qiegħda f' (A) matul din il-ħidma u t-test innifsu. (B) u (C) imbagħad jintrabtu sew flimkien u l-forza tat-tensjoni tiżdied b'veloċità tat-traversa ta' 100 ± 20 mm/min sakemm jintlaħqu l-valuri meħtieġa.

8.2.2. L-apparat li jaġġusta

8.2.2.1. Il-faċilità tal-aġġustament

8.2.2.1.1. Meta jiġi ttestjat apparat manwali għall-aġġustament, filwaqt li tingħata attenzjoni għall-kondizzjonijiet normali tal-użu, iċ-ċinga għandha tinġibed b'mod stabbli mill-apparat għall-aġġustament b'rata ta' 100 ± 20 mm/min u l-forza massima għandha titkejel sal-eqreb valur sħiħ ta' N wara l-ewwel 25 ± 5 mm ta' moviment taċ-ċinga.

8.2.2.1.2. It-test għandu jitwettaq fiż-żewġ direzzjonjiet li fihom timxi ċ-ċinga minn ġot-tagħmir, biċ-ċinga timxi ċ-ċiklu shiħ għal 10 darbiet qabel il-kejl.

8.2.3. It-test tal-microslip (ara l-Figura 3 tal-Anness 5)

8.2.3.1. Il-komponenti jew it-tagħmir li jridu jiġu soġġetti għat-test tal-microslip għandhom jinżammu għal minimu ta' 24 siegħa qabel l-ittestjar f'atmosfera b'temperatura ta' 20 ± 5 C u b'umdità relattiva ta' 65 ± 5 fil-mija. It-test għandu jitwettaq f'temperatura bejn 15 u 30 °C.

8.2.3.2. It-tarf ħieles taċ-ċinga għandu jiġi rranġat fl-istess konfigurazzjoni bħal meta t-tagħmir jintuża fil-vettura, u m'għandu jitwaħħal mal-ebda parti oħra.

8.2.3.3. L-apparat għall-aġġustament għandu jitpoġġa fuq biċċa ċinga vertikali li tarf minnha hija mgħobbija b'50 ± 0.5 N (iggwidata b'mod li t-tagħbija ma tithalliex titbandal u ċ-ċinga tinbaram). It-tarf ħieles taċ-ċinga mill-apparat għall-aġġustament għandu jintrama b'mod vertikali 'l fuq jew 'l isfel kif inhu fil-vettura. It-tarf l-ieħor għandu jgħaddi minn fuq romblu li jilwi bl-assi orizzontali tiegħu parallel għall-pjan tas-sezzjoni taċ-ċinga li ssostni t-tagħbija, bis-sezzjoni tgħaddi minn fuq ir-romblu li jkun f'pożizzjoni orizzontali.

8.2.3.4. It-tagħmir li qed jiġi ttestjat għandu jiġi rranġat b'tali mod li ċ-ċentru tiegħu, fl-ogħla pożizzjoni li jista' jittella' fiha, ikun 300 ± 5 mm minn mejda tal-appoġġ, u t-tagħbija ta' 50 N għandha tkun 100 ± 5 mm minn dik il-mejda tal-appoġġ.

8.2.3.5. Imbagħad għandhom jitwettqu 20 ± 2 ċiklu ta' qabel it-test u wara għandhom jitwettqu 1 000 ± 5 ċiklu bi frekwenza ta' 30 ± 10 ċiklu fil-minuta, bl-estensjoni totali tkun ta' 300 ± 20 mm jew kif speċifikat fil-paragrafu 8.2.5.2.6.2. It-tagħbija ta' 50 N għandha tiġi applikata biss matul il-ħin li jikkorrispondi għaċ-ċaqliq ta' 100 ± 20 mm għal kull nofs perjodu. Il-microslip għandha titkejjel mill-pożizzjoni fit-tmiem tal-20 ċiklu ta' qabel it-test.

8.2.4. L-apparat li jiġbed lura

8.2.4.1. Il-forza tal-ġbid lura

8.2.4.1.1. Il-forzi li jiġbdu lura għandhom jitkejlu bil-montatura taċ-ċinturin tas-sigurtà, imwaħħal mal-manikin bħal fit-test dinamiku stipulat fil-paragrafu 8.1.3. It-tensjoni taċ-ċinga għandha titkejjel fil-punt tal-kuntatt (imma eżatt qabel) mal-manikin waqt li ċ-ċinga tkun qed tinġibed lura bir-rata approssimattiva ta' 0,6 m/min.

8.2.4.2. Kemm idum iservi l-mekkaniżmu tal-apparat li jiġbed lura

8.2.4.2.1. Iċ-ċinga għandha tiġi rtirata u tiħalla tinġibed lura għan-numru meħtieġ ta' ċikli b'rata ta' mhux aktar minn 30 ċiklu fil-minuta. Fil-każ ta' apparat li jiġbed lura li jissakkar f'emerġenza, għandu jiġi introdott skoss f'kull ħames ċiklu biex jissakkar l-apparat li jiġbed lura. L-iskossi jseħħu f'numri ugwali f'kull waħda mill-ħames ġibdiet differenti, jiġifieri, 90, 80, 75, 70 u 65 fil-mija tat-tul totali taċ-ċinga fuq l-apparat li jiġbed lura. Madankollu, fejn it-tul taċ-ċinga jeċċedi d-900 mm il-persentaġġi msemmija aktar fuq għandhom jiġu relatati mal-aħħar 900 mm taċ-ċinga li tista' tiġi rtirata mill-apparat li jiġbed lura.

8.2.4.3. L-imblukkar tal-apparat li jiġbed lura li jissakkar f'emerġenza

8.2.4.3.1. L-apparat li jiġbed lura għandu jiġi ttestjat darba għall-imblukkar, meta t-tul kollu taċ-ċinga jkun inħall ħlief għal 300 ± 3 mm.

8.2.4.3.2. Fil-każ ta' apparat li jiġbed lura li jibda jaħdem permezz ta' moviment taċ-ċinga, il-qligħ għandu jkun fid-direzzjoni li fiha jseħħ normalment meta l-apparat li jiġbed lura huwa installat fil-vettura.

8.2.4.3.3. Meta l-apparat li jiġbed lura qed jiġi ttestjat għas-sensittività għall-aċċellerazzjonijiet tal-vettura, għandu jiġi ttestjat fuq it-tul tal-qligħ imsemmi aktar fuq fiż-żewġ direzzjonijiet tul żewġ assi perpendikolari għal xulxin li huma orizzontali jekk l-apparat li jiġbed lura ser jiġi installat f'vettura kif speċifikat mill-manifattur tat-trażżin għat-tfal. Meta din il-pożizzjoni ma tiġix speċifikata, l-awtorità tal-ittestjar għandha tikkonsulta lill-manifattur tat-trażżin għat-tfal. Għandha tintagħżel waħda minn dawn id-direzzjonijiet tat-test mis-Servizz Tekniku li qed iwettaq it-testijiet tal-approvazzjoni biex jinħolqu l-aktar kondizzjonijiet avversi fir-rigward tal-attwazzjoni tal-mekkaniżmu li jsakkar.

8.2.4.3.4. Id-disinn tal-apparat użat għandu jkun tali li l-aċċellerazzjoni meħtieġa tingħata b'rata medja ta' żieda fl-aċċellerazzjoni ta' mill-inqas 25 g/sek. ([1])

8.2.4.3.5. Għall-konformità fl-ittestjar mal-kondizzjonijiet meħtieġa tal-paragrafi 7.2.3.2.1.3 u 7.2.3.2.1.4 l-apparat li jiġbed lura għandu jintrama fuq mejda orizzontali u l-mejda għandha tiġi mmejla b'veloċità li ma teċċedix 2° għal kull sekonda sakemm jissakkar l-apparat. It-test għandu jiġi ripetut billi l-mejda tiġi mmejla f'direzzjonijiet oħra biex ikun żgurat li l-kondizzjonijet meħtieġa jiġu sodisfatti.

8.2.4.4. It-test tal-korrużjoni

8.2.4.4.1. It-test tal-korrużjoni huwa deskritt fil-paragrafu 8.1.1 t'aktar fuq.

8.2.4.5. It-test tar-reżistenza għat-trab

8.2.4.5.1. L-apparat li jiġbed lura għandu jitqiegħed f'kumpartiment għall-ittestjar kif deskritt fl-Anness 3 għal dan ir-Regolament. Għandu jintrama f'orjentazzjoni simili għal dik li jkun armat fiha fuq il-vettura. Il-kumpartiment għall-ittestjar għandu jkun fih it-trab kif speċifikat fil-paragrafu 8.2.4.5.2 t'aktar 'l isfel. Tul ta' 500 mm miċ-ċinga għandu jinqala' mill-apparat li jiġbed lura u jinżamm maqlugħ, ħlief li għandu jkun soġġett għal 10 ċikli kompleti ta' ġbid lura u rtirar fi żmien minuta jew tnejn wara kull darba li jiġi mċaqlaq it-trab. Għal perjodu ta' ħames sigħat, it-trab għandu jiġi mċaqlaq kull 20 minuta għal ħames sekondi permezz ta' arja kompressata ħielsa miż-żejt u mill-umdità b'kejl ta' pressjoni ta' 5,5 ± 0,5 bars li jidħlu minn fetħa b'dijametru ta' 1,5 ± 0,1 mm.

8.2.4.5.2. It-trab użat fit-test deskritt fil-paragrafu 8.2.4.5.1. għandu jikkonsisti minn madwar 1 kg ta' kwartz xott. Id-distribuzzjoni tad-daqs tal-partikuli għandha tkun kif ġejja:

(a) jgħaddu minn fetħa ta' 150 μm, minn wajer b'dijametru ta' 104 μm: 99 sa 100 fil-mija;

(b) jgħaddu minn fetħa ta' 105 μm, minn wajer b'dijametru ta' 64 μm: 76 sa 86 fil-mija;

(c) jgħaddu minn fetħa ta' 75 μm, minn wajer b'dijametru ta' 52 μm: 60 sa 70 fil-mija.

8.2.5. It-test statiku għaċ-ċineg

8.2.5.1. It-test tas-saħħa taċ-ċineg

8.2.5.1.1. Kull test għandu jitwettaq fuq żewġ kampjuni ġodda ta' ċineg, ikkondizzjonati kif speċifikat fil-paragrafu 7.2.4.

8.2.5.1.2. Kull ċinga għandha tinqabad bejn il-klamps ta' magna li tittestja s-saħħa tat-tensjoni. Il-klamps għandhom ikunu ddisinjati b'tali mod li jiġi evitat li tinqata' ċ-ċinga fihom jew ħdejhom. Il-veloċità tat-traversa għandha tkun 100 ± 20 mm/min. It-tul ħieles tal-kampjun bejn il-klamps tal-magna fil-bidu tat-test għandu jkun ta' 200 mm ± 40 mm.

8.2.5.1.3. It-tensjoni għandha tiġi miżjuda sakemm tinqata' ċ-ċinga u tiġi nnotata t-tagħbija li qattgħet iċ-ċinga.

8.2.5.1.4. Jekk iċ-ċinga tiżloq jew tinqata' f'xi waħda mill-klamps jew fi ħdan 10 mm minn xi waħda minnhom, it-test m'għandux ikun validu u għandu jitwettaq test ġdid fuq kampjun ieħor.

([1]) g = 9,81 m/sek^2.

8.2.5.2. Il-kampjuni miċ-ċineg, kif jissemmew fil-paragrafu 3.2.3., għandhom jiġu kkondizzjonati kif ġej:

8.2.5.2.1. L-ikkondizzjonar tal-kamra

8.2.5.2.1.1. Iċ-ċinga għandha tinżamm għal 24 ± 1 siegħa f'atmosfera b'temperatura ta' 23 ± 5° u b'umdità relattiva ta' 50 ± 10 fil-mija. Jekk it-test ma jitwettaqx immedjatament wara l-ikkondizzjonar, il-kampjun għandu jitpoġġa f'kontenitur magħluq ermetikament sakemm jibda t-test. It-tagħbija li tqatta' ċ-ċinga għandha tiġi ddeterminata fi żmien ħames minuti wara li titneħħa ċ-ċinga mill-atmosfera tal-ikkondizzjonar jew mill-kontenitur.

8.2.5.2.2. L-ikkondizzjonar tad-dawl

8.2.5.2.2.1. Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tar-Rakkomandazzjoni ISO/105-B02(1978). Iċ-ċinga għandha tkun esposta għad-dawl matul il-ħin meħtieġ biex tintefa' ż-Żebgħa Blù Standard Nru 7 għal kuntrast ugwali għall-Grad 4 fuq l-iskala tal-griż.

8.2.5.2.2.2. Wara li tiġi esposta, iċ-ċinga għandha tinżamm għal minimu ta' 24 siegħa f'atmosfera b'temperatura ta' 23 ± 5 °C u b'umdità relattiva ta' 50 ± 10 fil-mija. It-tagħbija li tqatta' ċ-ċinga għandha tiġi determinata fi żmien ħames minuti wara li ċ-ċinga titneħħa mill-installazzjoni tal-ikkondizzjonar.

8.2.5.2.3. L-ikkondizzjonar tal-kesħa

8.2.5.2.3.1. Wara li tiġi esposta, iċ-ċinga għandha tinżamm għal minimu ta' 24 siegħa f'atmosfera b'temperatura ta' 23E ± 5 °C u b'umdità relattiva ta' 50 ± 10 fil-mija.

8.2.5.2.3.2. Iċ-ċinga mbagħad għandha tinżamm għal 90 ± 5 minuta fuq superfiċje ordinarja f'kompartiment b'temperatura baxxa fejn it-temperatura tal-arja hija ta' -30 ± 5°C. Din imbagħad għandha tintewa u t-tinja għandha titgħabba b'piż ta' 2 ± 0.2 kg li qabel tkun tkesshet għal -30 ± 5°C. Meta ċ-ċinga tkun inżammet mgħobbija għal 30 ± 5 minuta fl-istess kumpartiment tat-temperatura baxxa, għandu jitneħħa l-piż u t-tagħbija li tqatta' ċ-ċinga għandha titkejjel fi żmien ħames minuti wara li titneħħa ċ-ċinga mill-kumpartiment tat-temperatura baxxa.

8.2.5.2.4. L-ikkondizzjonar tas-sħana

8.2.5.2.4.1. Iċ-ċinga għandha tinżamm għal 180 ± 10 minuta f'atmosfera ta' kumpartiment li jsaħħan b'temperatura ta' 60 ± 5 °C u b'umdità relattiva ta' 65 ± 5 fil-mija.

8.2.5.2.4.2. It-tagħbija li tqatta' ċ-ċinga għandha tiġi determinata fi żmien ħames minuti wara li ċ-ċinga titneħħa mill-kumpartiment li jsaħħan.

8.2.5.2.5. L-espożizzjoni għall-ilma

8.2.5.2.5.1. Iċ-ċinga għandha tinżamm mgħaddsa totalment fl-ilma għal 180 ± 10 minuta f'ilma distillat, b'temperatura ta' 20 ± 5 °C, li żdidietlu traċċa ta' aġent li jxarrab. Jista' jintuża kwalunkwe aġent li jxarrab adattat għall-fibra li qed tiġi ttestjata.

8.2.5.2.5.2. It-tagħbija li tqatta' ċ-ċinga għandha tiġi determinata fi żmien 10 minuti wara li ċ-ċinga titneħħa mill-ilma.

8.2.5.2.6. L-ikkondizzjonar għall-brix

8.2.5.2.6.1. Il-komponenti jew it-tagħmir li jridu jintbagħtu għat-test tal-brix għandhom jinżammu għal minimu ta' 24 siegħa qabel l-ittestjar f'atmosfera b'temperatura ta' 23 ± 5 °C u b'umdità relattiva ta' 50 ± 10 fil-mija. It-temperatura tal-kamra matul l-ittestjar għandha tkun bejn 15° u 30 °C.

8.2.5.2.6.2. It-tabella t'hawn taħt tistabbilixxi l-kondizzjonijiet ġenerali għal kull test:

	Tagħbija (N)	Ċikli fil-minuta	Ċikli (Nru)
Il-proċedura tat-tip 1	10 ± 0,1	30 ± 10	1 000 ± 5
Il-proċedura tat-tip 2	5 ± 0,05	30 ± 10	5 000 ± 5

Fil-każ li ma jkunx hemm biżżejjed ċinga biex jiġu ttestjati aktar minn 300 mm ta' ċaqliq, it-test jista' jiġi applikat fuq biċċa iżgħar li ma tridx tkun inqas minn 100 mm.

8.2.5.2.6.3. Il-kondizzjonijiet partikolari għat-test

8.2.5.2.6.3.1. Il-proċedura tat-tip 1: għall-każijiet fejn iċ-ċinga tiżloq mill-apparat li jaġġusta malajr. It-tagħbija ta' 10 N għandha tiġi applikata b'mod vertikali u permanenti fuq waħda miċ-ċineg. Iċ-ċinga l-oħra, imqiegħda b'mod orizzontali, għandha titwaħħal ma' tagħmir, biex jagħti moviment quddiem u lura lill-istrixxi. L-apparat għall-aġġustament għandu jitpoġġa b'tali mod li ċ-ċinga orizzontali tal-istrixxi tibqa' taħt tensjoni (ara l-Figura 1 tal-Anness 5).


8.2.5.2.6.3.2. Il-proċedura tat-tip 2: għall-każijiet li fihom iċ-ċinga tbiddel id-direzzjoni meta tgħaddi minn parti riġida. Matul dan it-test, l-angoli taż-żewġ ċineg tal-istrixxi għandhom ikunu kif jintwera fil-Figura 2 tal-Anness 5. It-tagħbija ta' 5 N għandha tiġi applikata b'mod permanenti. Għall-każijiet fejn iċ-ċinga tbiddel id-direzzjoni għal aktar minn darba meta tgħaddi minn parti riġida, it-tagħbija ta' 5 N tista' tiġi miżjuda sabiex jinkiseb il-moviment provdut ta' 300 mm miċ-ċinga minn ġol-parti riġida.

8.2.6. It-tagħmir tal-qfil

8.2.6.1. It-tagħmir tal-Klassi A

Għandhom jiġu installati t-trażżin għat-tfal u l-akbar manikin li t-trażżin għat-tfal huwa maħsub għalih kif muri fil-Figura 5 t'hawn isfel. L-istrixxi użati għandhom ikunu kif speċifikat fl-Anness 13 għal dan ir-Regolament. It-tagħmir tal-qfil għandu jiġi applikat bis-sħiħ u ssir marka fuq iċ-ċinturin fejn iċ-ċinturin jidħol fit-tagħmir tal-qfil. It-tagħmir li jkejjel il-forza għandu jitwaħħal maċ-ċinturin permezz ta' anell D *(D ring)*, u għandha tiġi applikata, tal-inqas għal sekonda, forza daqs darbtejn (± 5 fil-mija) il-massa tal-itqal manikin tal-grupp I. Il-pożizzjoni t'isfel għandha tintuża għat-tagħmir tal-qfil fil-pożizzjoni A u l-pożizzjoni ta' fuq għat-tagħmir tal-qfil fil-pożizzjoni B. Il-forza għandha tiġi applikata għal 9 darbiet oħra. Għandha ssir marka oħra fuq iċ-ċinturin fejn dan jidħol fit-tagħmir tal-qfil u għandha titkejjel id-distanza bejn iż-żewġ marki. Matul dan it-test, l-apparat li jiġbed lura m'għandux ikun imsakkar.

Figura 5




8.2.6.2. It-tagħmir tal-Klassi B

It-trażżin għat-tfal għandu jintrabat sew u l-istrixxi, kif speċifikat fl-Anness 13 għal dan ir-Regolament, għandhom jiġu mgħoddija mill-qfil u mill-qafas skont ir-rotta deskritta fl-istruzzjonijiet tal-manifattur. Iċ-ċinturin għandu jgħaddi mill-apparat tal-ittestjar kif deskritt fil-Figura 6 t'hawn taħt u jitwaħħal ma' massa ta' 5,25 ± 0,05 kg. Għandu jkun hemm 650 ± 40 mm ta' strixxi ħielsa bejn il-massa u l-punt fejn l-istrixxi jħallu l-qafas. It-tagħmir tal-qfil għandu jiġi applikat kompletament u għandha ssir marka fejn iċ-ċinturin jidħol fit-tagħmir tal-qfil. Il-massa għandha tiġi mgħollija u tinħeles sabiex taqa' liberament fuq distanza ta' 25 ± 1 mm. Dan għandu jiġi ripetut għal 100 darba ± 2 bi frekwenza ta' 60 ± 2 ċiklu fil-minuta, biex tiġi simulata l-azzjoni ta' ċaqliq bl-iskossi fuq it-trażżin għat-tfal f'karozza. Għandha ssir marka oħra fuq iċ-ċinturin fejn dan jidħol fit-tagħmir tal-qfil u għandha titkejjel id-distanza bejn iż-żewġ marki.

It-tagħmir tal-qfil irid ikopri l-wisa' kollha tal-istrixxi meta installat b'manikin ta' 15-il kg installat. Dan it-test għandu jitwettaq billi jintużaw l-istess angoli tal-istrixxi bħal dawk li jiġu fformati waqt l-użu normali. It-tarf ħieles tal-parti taċ-ċinturin li jgħaddi minn fuq il-ħoġor għandu jkun imwaħħal. It-test għandu jitwettaq bis-sistema tat-trażżin għat-tfal imwaħħla sew mal-bank tat-test użat fit-test tal-qlib ta' taħt fuq jew fit-test dinamiku. Iċ-ċinga tat-tagħbija tista' titwaħħal mal-bokkla simulata.

Figura 6

It-tqassim skematiku tat-test tat-tagħmir tal-qfil tal-Klassi B.



L-għoli tal-waqgħa tal-massa = 25 mm
Id-distanza mill-iżbarra tar-romblu għall-gwida tar-romblu = 300 mm

Tintuża ċ-ċinga tal-istrixxi speċifikata għaċ-ċinturin tas-sigurtà standard kif definit fl-Anness 13.

8.2.7. It-test tal-ikkondizzjonar għall-apparat li jaġġusta armat direttament fuq it-trażżin għat-tfal

Installa l-akbar manikin li huwa maħsub it-trażżin għalih, bħallikieku għat-test dinamiku, bil-parti mdendla tat-tagħmir illaxkat standard, kif speċifikat fil-paragrafu 8.1.3.6, inkluża. Immarka linja ta' referenza fuq l-istrixxi fejn it-tarf ħieles tal-istrixxi jidħol fl-apparat li jaġġusta.

Neħħi l-manikin u poġġi t-trażżin fit-tagħmir tal-ikkondizzjonar kif muri fl-Anness 19 tal-Figura 1.

L-istrixxi jridu jgħaddu minn ċikli għal distanza totali ta' mhux inqas minn 150 mm minn ġewwa l-apparat li jaġġusta. Dan il-moviment għandu jkun tali li tal-inqas 100 mm mill-istrixxi fuq in-naħa tal-linja tar-referenza lejn it-tarf ħieles tal-istrixxi u l-bqija tad-distanza tal-movimenti (appross. 50 mm) fuq in-naħa tal-ċinga integrali tal-linja tar-referenza jgħaddi mill-apparat li jaġġusta.

Jekk it-tul tal-istrixxi mil-linja ta' referenza għat-tarf ħieles tal-istrixxi mhux biżżejjed għall-moviment deskritt aktar fuq, il-150 mm ta' moviment minn ġo l-apparat li jaġġusta għandu jkun mill-pożizzjoni totalment stirata taċ-ċinga integrali.

Il-frekwenza taċ-ċikli għandha tkun ta' 10 ± 1 cikli/minuta, b'veloċità fuq "B" ta' 150 ± 10 mm/sek.

8.2.8. It-test tat-temperatura

8.2.8.1. Il-komponenti speċifikati fil-paragrafu 7.1.5.1 għandhom jiġu esposti għal ambjent fuq superfiċje tal-ilma fi spazju magħluq, bl-ambjent ikollu temperatura ta' mhux inqas minn 80 oC, għal perjodu kontinwu ta' mhux inqas minn 24 siegħa u mbagħad jitkessħu f'ambjent b'temperatura li ma teċċedix it-23 °C. Il-perjodu tat-tkessiħ għandu jkun segwit minn tliet ċikli konsekuttivi ta' 24 siegħa, fejn kull ċiklu jinkludi dawk is-sekwenzi konsekuttivi li ġejjin:

(a) ambjent b'temperatura ta' mhux inqas minn 100 °C għandu jinżamm għal perjodu kostanti ta' 6 sigħat u dan l-ambjent għandu jintlaħaq fi żmien 80 minuta mill-bidu taċ-ċiklu; imbagħad

(b) ambjent b'temperatura ta' mhux aktar minn 0 °C għandu jinżamm għal perjodu kontinwu ta' 6 sigħat u dan l-ambjent għandu jintlaħaq fi żmien 90 minuta; imbagħad

(c) ambjent b'temperatura ta' mhux aktar minn 23 °C għandu jinżamm matul il-bqija taċ-ċiklu ta' 24 siegħa.

8.3. Iċ-Ċertifikazzjoni tal-Kuxxin tal-Bank tat-Test

8.3.1. Il-kuxxin tas-sit tat-test għandha tiġi ċċertifikata meta tkun għadha ġdida sabiex jiġu stabbiliti l-valuri inizjali tal-penetrazzjoni tal-impatt u t-tnaqqis massimu tal-veloċità, u mbagħad wara kull 50 test dinamiku jew tal-inqas kull xahar, skont liema minnhom jiġi l-ewwel, jew qabel kull test jekk it-tagħmir tat-test jintuża b'mod frekwenti.

8.3.2. Il-proċeduri taċ-ċertifikazzjoni u tal-kejl għandhom jikkorrispondu ma' dawk speċifikati fil-verżjoni l-aktar reċenti tal-ISO 6487; it-tagħmir tal-kejl għandu jikkorrispondi mal-ispeċifikazzjoni ta' kanal tad-data bil-klassi tal-filtru tal-kanal ta' (CFC) 60.

Wettaq 3 testijiet permezz tat-tagħmir tat-test iddefinit fl-Anness 17 għal dan ir-Regolament, f'distanza ta' 150 ± 5 mm mit-tarf ta' quddiem tal-kuxxin fuq il-linja taċ-ċentru u f'distanza ta' 150 ± 5 mm f'kull direzzjoni mil-linja taċ-ċentru.

Poġġi t-tagħmir f'pożizzjoni vertikali fuq wiċċ lixx u riġidu. Baxxi l-massa tal-impatt sakemm tiġi f'kuntatt mal-wiċċ u qiegħed il-markatur tal-penetrazzjoni fuq il-pożizzjoni żero. Poġġi t-tagħmir b'mod vertikali 'l fuq mill-punt tat-test, għolli l-massa b'500 ± 5 mm u ħalliha taqa' liberament sabiex tagħmel impatt fuq il-wiċċ tas-sit. Irreġistra l-penetrazzjoni u l-kurva tat-tnaqqis fil-veloċità.

8.3.3. Il-valuri massimi rreġistrati m'għandhomx jiddevjaw b'aktar minn 15 fil-mija mill-valuri inizjali.

8.4. Ir-reġistrazzjoni tal-imġiba dinamika

8.4.1. Sabiex jiġu ddeterminati l-imġiba tal-manikin u l-ispostamenti tiegħu, it-testijiet dinamiċi kollha għandhom jiġu rreġistrati skont il-kondizzjonijiet li ġejjin:

8.4.1.1. Il-kondizzjonijiet tal-iffilmjar u tal-irrekordjar:

(a) il-frekwenza għandha tkun ta' mill-inqas 500 fotogramm kull sekonda;

(b) it-test għandu jiġi rrekkordjat fuq pellikola, vidjo jew ġarrier tad-data diġitali;

8.4.1.2. L-istima tal-inċertezza:

Il-laboratorji tal-ittestjar għandu jkollhom u għandhom japplikaw proċeduri sabiex jistmaw l-inċertezza tal-kejl tal-ispostament tar-ras tal-manikin. L-inċertezza għandha tkun fi ħdan ± 25 mm.

Eżempji ta' standards internazzjonali ta' proċedura bħal din huma EA-4/02 tal-Organizzazzjoni Ewropea għall-Akkreditazzjoni jew ISO 5725:1994 jew il-metodu tal-Kejl Ġenerali tal-Inċertezza (GUM).

8.5. Il-proċeduri tal-kejl għanhom jikkorrispondu ma' dawk iddefiniti fl-ISO 6487. 2002. Il-klassijiet tal-frekwenza tal-kanal għandhom ikunu:

Tip ta' kejl	CFC(F_H)	Frekwenza tal-qtugħ (F_N)
L-aċċellerazzjoni tat-troli	60	ara ISO 6487:2002 l-Anness A
It-tagħbijiet taċ-ċinturini	60	ara ISO 6487:2002 l-Anness A
L-aċċellerazzjoni tas-sider	180	ara ISO 6487:2002 l-Anness A
L-aċċellerazzjoni tar-ras	1 000	1 650

Ir-rata tat-teħid tal-kampjuni għandha tkun mill-inqas 10 darbiet il-klassi tal-frekwenza tal-kanal (jiġifieri, f'installazzjonijiet bi klassi tal-frekwenza ta' 1 000, dan jikkorrispondi għal rata minima tat-teħid tal-kampjuni ta' 10 000 kampjun fis-sekonda għal kull kanal).

9. IR-RAPPORTI TAT-TEST TAL-APPROVAZZJONI TAT-TIP U TAL-KWALIFIKAZZJONI TAL-PRODUZZJONI

9.1. Fir-rapport tat-test għandhom jitniżżlu r-riżultati tat-testijiet u tal-kejl kollu inkluża d-dejta tat-test li ġejja:

(a) it-tip ta' tagħmir użat għat-test (it-tagħmir tal-aċċellerazzjoni jew tat-tnaqqis fil-veloċità),

(b) il-bidla fil-veloċità totali,

(c) il-veloċità tat-troli immedjatament qabel l-impatt għall-islitti tat-tnaqqis fil-veloċità biss,

(d) il-kurva tal-aċċellerazzjoni jew it-tnaqqis fil-veloċità waqt il-bidla fil-veloċità tat-troli u tal-inqas 300 ms,

(e) il-ħin (f'ms) li fih ras il-manikin tilħaq l-ispostament massimu tagħha waqt it-twettiq tat-test dinamiku,

(f) il-post okkupat mill-bokkla waqt it-testijiet, jekk dan jista' jkun differenti, u

(g) kwalunkwe ħaġa li ma taħdimx jew ksur.

9.2. Jekk ma ġewx irrispettati d-dispożizzjonijiet relatati mal-ankraġġi, li jinsabu fl-Appendiċi 3 tal-Anness 6 għal dan ir-Regolament, ir-rapport tat-test għandu jiddeskrivi kif huwa installat it-trażżin għat-tfal u għandu jispeċifika l-angoli u d-dimensjonijiet importanti.

9.3. Meta t-trażżin għat-tfal huwa ttestjat f'vettura jew fi struttura ta' vettura, ir-rapport tat-test għandu jispeċifika kif twaħħlet l-istruttura tal-vettura mat-troli, il-pożizzjoni tat-trażżin għat-tfal u s-sit tal-vettura u l-inklinazzjoni tad-dahar tas-sit tal-vettura.

9.4. Ir-rapporti tat-test tal-approvazzjoni ta' tip u tal-kwalifikazzjoni tal-produzzjoni għandhom jirreġistraw il-verifika tal-immarkar u tal-istruzzjonijiet dwar l-installazzjoni u l-użu.

10. IL-MODIFIKI U L-ESTENSJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' TIP TA' SISTEMA TA' TRAŻŻIN GĦAT-TFAL

10.1. Kull modifika ta' trażżin għat-tfal għandha tiġi nnotifikata lid-dipartiment amministrattiv li approva t-trażżin għat-tfal. Id-dipartiment jista' mbagħad jew:

10.1.1. iqis li l-modifiki magħmula ma tantx huwa probabbli li jkollhom effett avvers li jista' jiġi nnutat u li fi kwalunkwe każ it-trażżin għat-tfal għadu konformi mal-kondizzjonijiet meħtieġa; jew

10.1.2. jeħtieġ rapport tat-test ieħor mis-Servizz Tekniku responsabbli għat-twettiq tat-testijiet.

10.2. Il-konferma jew ir-rifjut tal-approvazzjoni, bit-tibdil ikun speċifikat, għandha tiġi kkomunikata permezz tal-proċedura speċifikata fil-paragrafu 5.3ť'aktar fuq lill-Partijiet għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament.

10.3. L-awtorità kompetenti li toħroġ l-estensjoni tal-approvazzjoni għandha tagħti numru ta' serje għal estensjoni bħal din u għandha tinforma b'dan lill-Partijiet l-oħra għall-Ftehim tal-1958 li qed japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola tal-komunikazzjoni li tikkonforma mal-mudell fl-Anness 1 għal dan ir-Regolament.

11. IL-KWALIFIKAZZJONI TAL-PRODUZZJONI

11.1. Sabiex jiġi żgurat li s-sistema tal-produzzjoni tal-manifattur hija sodisfaċenti, is-Servizz Tekniku, li jkun wettaq it-testijiet tal-approvazzjoni tat-tip, irid jagħmel testijiet sabiex jikkwalifika l-produzzjoni skont il-paragrafu 11.2.

11.2. Il-kwalifikazzjoni tal-produzzjoni tas-sistemi tat-trażżin għat-tfal

Il-produzzjoni ta' kull tip ġdid approvat ta' sistema ta' trażżin għat-tfal tal-kategoriji "universali", "semiuniversali", u "ristretta" trid titressaq għat-testijiet tal-kwalifikazzjoni tal-produzzjoni.

Għal dan il-għan, ser jittieħed kampjun bl-addoċċ ta' ħames sistemi ta' trażżin għat-tfal millewwel grupp tal-produzzjoni.

L-ewwel grupp tal-produzzjoni jitqies bħala l-produzzjoni tal-ewwel blokk li jkun fih minimu ta' 50 sistema ta' trażżin għat-tfal u massimu ta' 5 000 sistema ta' trażżin għat-tfal.

11.2.1. It-testijiet dinamiċi

11.2.1.1. Għat-test dinamiku deskritt fil-paragrafu 8.1.3., iridu jitressqu ħames sistemi ta' trażżin għat-tfal. Is-Servizz Tekniku li jkun wettaq it-testijiet tal-approvazzjoni tat-tip għandu jagħżel il-kondizzjonijiet li pproduċew id-devjazzjoni orizzontali massima tar-ras matul it-testijiet dinamiċi tal-approvazzjoni tat-tip, ħlief il-kondizzjonijiet deskritti fil-paragrafu 7.1.4.1.10.1.2ť'aktar fuq. Il-ħames sistemi ta' trażżin għat-tfal għandhom jiġu ttestjati kollha fl-istess kondizzjonijiet.

11.2.1.2. Għal kull test deskritt fi 11.2.1.1. għandhom jitkejlu d-devjazzjoni orizzontali tar-ras u l-aċċellerazzjonijiet tas-sider.

11.2.1.3. (a) Id-devjazzjoni orizzontali massima tar-ras għandha tkun konformi maż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

L-ebda valur m'għandu jeċċedi 1,05 L, u

X + S m'għandhomx jeċċedu L,

Fejn: L = il-valur ta' limitu preskritt
X = il-medja tal-valuri
S = id-devjazzjoni standard tal-valuri

(b) Ir-riżultati tal-aċċelerazzjoni tas-sider għandhom ikunu konformi mal-kondizzjonijiet meħtieġa tal-paragrafu 7.1.4.2.1 u, barra minn hekk, il-kondizzjoni X + S fi 11.2.1.3 (a) għandha tiġi applikata għar-riżultati kklippjati tal-aċċelerazzjoni tas-sider ta' 3 ms li jirriżultaw (kif iddefiniti fil-paragrafu 7.1.4.2.1) u tiġi reġistrata bħala informazzjoni biss.

11.2.2. Il-Kontroll tal-Immarkar

11.2.2.1. Is-Servizz Tekniku li jkun wettaq it-testijiet tal-approvazzjoni għandu jivverifika li l-immarkar ikun konformi mal-kondizzjonijiet meħtieġa tal-paragrafu 4.

11.2.3. Il-Kontroll tal-Istruzzjonijiet dwar l-Installazzjoni u l-Istruzzjonijiet tal-Użu.

11.2.3.1. Is-Servizz Tekniku li jkun wettaq it-testijiet tal-approvazzjoni għandu jivverifika li l-istruzzjonijiet dwar l-installazzjoni u l-istruzzjonijiet għall-użu jkunu konformi mal-paragrafu 15.

12. IL-KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI U T-TESTIJIET TA' RUTINA

Il-konformità tal-proċeduri tal-produzzjoni għandha tkun konformi ma' dawk stabbiliti fl-Appendiċi 2 tal-Ftehim, (E/ECE/324-E/ECE/TRANS/505/Rev.2), bil-kondizzjonijiet meħtieġa li ġejjin:

12.1. Kwalunkwe sistema tat-trażżin għat-tfal approvata skont dan ir-Regolament għandha tkun immanifatturata b'tali mod li tikkonforma mat-tip approvat billi tissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa stabbiliti fil-paragrafi 6 sa 8 t'aktar fuq.

12.2. Għandu jkun hemm konformità mal-kondizzjonijiet minimi meħtieġa għall-konformità tal-proċeduri tal-kontroll tal-produzzjoni stabbiliti fl-Anness 16 għal dan ir-Regolament.

12.3. L-awtorità li tat l-approvazzjoni tat-tip tista' tivverifika fi kwalunkwe ħin il-metodi tal-kontroll tal-konformità applikati f'kull faċilità tal-produzzjoni. Il-frekwenza normali ta' dawn il-verifiki għandha tkun ta' darbtejn fis-sena.

13. IL-PIENI GĦAN-NUQQAS TA' KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

13.1. L-approvazzjoni mogħtija fir-rigward tat-trażżin għat-tfal skont dan ir-Regolament tista' tiġi rtirata jekk trażżin għat-tfal li għandu fuqu d-dettalji msemmija fil-paragrafu 5.4 ma jgħaddix mill-kontrolli ta' kif ġew deskritti fil-paragrafu 11 jew ma jkunx konformi mat-tip approvat.

13.2. Jekk Parti għall-Ftehim li tapplika dan ir-Regolament tirtira approvazzjoni li tkun tat qabel, għandha minnufih tinnotifika b'dan lill-Partijiet Kontraenti l-oħra li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola tal-komunikazzjoni konformi mal-mudell fl-Anness 1 għal dan ir-Regolament.

14. PRODUZZJONI LI TWAQQFET GĦALKOLLOX

14.1. Jekk id-detentur tal-approvazzjoni jieqaf kompletament milli jimmanifattura tip speċifiku ta' trażżin għat-tfal skont dan ir-Regolament, għandu jinforma b'dan lill-awtorità li tat l-approvazzjoni. Meta tirċievi l-komunikazzjoni rilevanti, l-awtorità għandha tinforma lill-Partijiet l-oħra għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola tal-komunikazzjoni konformi mal-mudell fl-Anness 1 għal dan ir-Regolament.

15. L-ISTRUZZJONIJIET

15.1. Kull trażżin għat-tfal għandu jkollu miegħu struzzjonijiet bil-lingwa tal-pajjiż fejn it-tagħmir ser jinbiegħ bil-kontenut li ġej:

15.2. L-istruzzjonijiet dwar l-installazzjoni għandhom jinkludu l-punti li ġejjin:

15.2.1. Għal trażżin għat-tfal tal-kategorija "universali" it-tikketta li ġejja għandha tkun viżibbli mingħajr problemi minfejn jinbiegħ mingħajr ma jitneħħa l-ippakkjar:

AVVIŻ

1. Dan huwa trażżin għat-tfal "Universali". Huwa approvat skont ir-Regolament Nru 44, serje ta' emendi 04, biex jintuża b'mod ġenerali fil-vetturi u se jaqbel ma' ħafna mis-sits tal-karozzi, imma mhux ma' kollha.

Probabbli li jaqbel jekk il-manifattur tal-vettura ddikjara fil-manwal tal-vettura li l-vettura kapaċi takkomoda trażżin għat-tfal "Universali" għall-grupp ta' din l-età.

It-tażżin għat-tfal ġie klassifikat bħala "Universali" taħt kondizzjonijiet aktar stretti minn dawk li kienu applikati għal disinji preċedenti li m'għandhomx dan l-avviż.

Jekk għandek xi dubju, ikkonsulta jew lill-manifattur tat-trażżin għat-tfal jew lill-bejjiegħ bl-imnut.

15.2.2. Għal trażżin għat-tfal tal-kategoriji "ristrett" u "semiuniversali" l-informazzjoni li ġejja għandha tkun viżibbli mingħajr problemi waqt il-bejgħ mingħajr ma jitneħħa l-ippakkjar:

Dan it-Trażżin għat-Tfal huwa kklassifikat għall-użu "(Ristrett/Semiuniversali)" u huwa adattat biex jiġi installat fil-pożizzjonijiet tas-sits tal-karozzi li ġejjin:

KAROZZA	QUDDIEM	WARA	
	Fuq barra	Fin-nofs	
(Mudell)	Iva	Iva	Le

Il-pożizzjonijiet tas-sits f'karozzi oħra jistgħu wkoll ikunu adattati biex jakkomodaw dan it-trażżin għat-tfal. Jekk għandek xi dubju, ikkonsulta jew lill-manifattur tat-trażżin għat-tfal jew lill-bejjiegħ bl-imnut.

15.2.3. Għal trażżin għat-tfal tal-kategorija "Vettura speċifika" l-informazzjoni fuq il-vettura applikabbli għandha tkun viżibbli mingħajr problemi fil-punt tal-bejgħ mingħajr ma jitneħħa l-ippakkjar.

15.2.4. Jekk it-tagħmir jeħtieġ ċinturin tas-sigurtà għall-adulti, il-kliem li ġej għandu wkoll ikun viżibbli mingħajr problemi fil-punt tal-bejgħ mingħajr ma jitneħħa l-ippakkjar:

"Adattat biss jekk il-vetturi approvati huma mgħammra b'ċinturini tas-sigurtà ta' fuq il-ħoġor/ta' 3 ankraġġi/statiċi/bl-apparat li jiġbed lura, approvati skont ir-Regolament Nru 16 tan-NU/ECE jew standards oħra ekwivalenti." (Aqta' dak li ma japplikax.)

Fil-każ tat-trażżin għall-kerrikots għandha tkun inkluża lista tal-kerrikots li t-tagħmir huwa adattat għalihom.

15.2.5. Fuq il-kaxxa tal-ippakkjar, il-manifattur tat-trażżin għat-tfal għandu jipprovdi informazzjoni dwar l-indirizz fejn il-konsumatur jista' jikteb biex jirċievi aktar informazzjoni dwar kif jiġi installat it-trażżin għat-tfal f'karozzi speċifiċi.

15.2.6. il-metodu tal-installazzjoni muri permezz ta' ritratti u/jew disinni tassew ċari;

15.2.7. l-utent għandu jiġi mgħarraf li l-oġġetti riġidi u l-partijiet tal-plastik ta' trażżin għat-tfal għandhom jitpoġġew u jiġu installati b'tali mod li ma jkunx possibbli li dawn jinqabdu minn sit li jista' jiċċaqlaq jew f'xi bieba tal-vettura, waqt l-użu ta' kuljum tal-vettura;

15.2.8. l-utent għandu jiġi mgħarraf li juża l-kerrikots b'mod perpendikulari għall-assi longitudinali tal-vettura;

15.2.9. fil-każ ta' sistemi li jħarsu lura, il-konsumatur għandu jiġi mgħarraf biex ma jużahomx fil-postijiet fejn ipoġġu bilqiegħda l-passiġġieri li huma mgħammra b'airbag. Din l-informazzjoni għandha tkun viżibbli mingħajr problemi waqt il-bejgħ mingħajr ma jitneħħa l-ippakkjar;

15.2.10. għal "Trażżin għal Bżonnijiet Speċjali" l-informazzjoni li ġejja għandha tkun viżibbli mingħajr problemi waqt il-bejgħ mingħajr ma jitneħħa l-ippakkjar:

> Dan "it-Trażżin għal Bżonnijiet Speċjali" huwa maħsub biex jagħti aktar appoġġ lil tfal li għandhom diffikultà biex ipoġġu bilqiegħda sew f'sits konvenzjonali. Dejjem ikkonsulta lit-tabib tiegħek biex tiżgura li din is-sistema ta' trażżin hija adattata għat-tifel/-tifla tiegħek.

15.2.11. Għal sistema ta' trażżin għat-tfal ISOFIX it-tikketta li ġejja għandha tkun viżibbli b'mod ċar fil-punt tal-bejgħ mingħajr ma jitneħħa l-ippakkjar:

> AVVIŻ
>
> 1. Din hija SISTEMA TAT-TRAŻŻIN GĦAT-TFAL ISOFIXT. Ġiet approvata skont ir-Regolament Nru 44, għas-serje 04 ta' emendi għall-użu ġenerali f'vetturi mgħammra b'sistemi ta' ankraġġi ISOFIX.
> 2. Se taqbel ma' vetturi b'pożizzjonijiet approvati bħala pożizzjonijiet ISOFIX (kif imfisser fid-dettal fil-manwal tal-vettura), jiddependi mill-kategorija tas-sit tat-tfal u mit-tagħmir.
> 3. Il-grupp tal-massa u l-klassi tad-daqs ISOFIX li għalihom huwa maħsub dan it-tagħmir huma: . . . . . .

15.3. L-istruzzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu l-punti li ġejjin:

15.3.1. il-gruppi tal-massa u l-apparat iffissat li għalihom huwa maħsub it-tagħmir:

15.3.2. meta t-tagħmir jiġi użat flimkien ma' ċinturin tas-sigurtà għall-adulti għandu jintuża permezz tal-kliem li ġejjin: Adattat biss għall-użu fil-vetturi elenkati mgħammra b'ċinturini tas-sigurtà ta' fuq il-ħoġor/ta' 3 ankraġġi/statiċi/bl-apparat li jiġbed lura, approvati skont ir-Regolament Nru 16 tal-ECE jew standards oħra ekwivalenti. (Aqta' dak li ma japplikax.)

15.3.3. il-metodu tal-użu għandu jintwera b'ritratti u/jew disinni tassew ċari. Fil-każ ta' sits li jistgħu jintużaw kemm iħarsu 'l quddiem u kemm iħarsu lura, trid tingħata twissija ċara biex it-trażżin jinżamm iħares lura sakemm il-massa tat-tifel hija akbar minn limitu ddikjarat, jew sakemm ma jinqabiżx xi kriterju dimensjonali ieħor.

15.3.4. it-tħaddim tal-bokkla u tal-apparat għall-aġġustament għandu jiġi spjegat b'mod li jinftiehem;

15.3.5. għandu jkun rakkomandat li kwalunkwe ċinga li żżomm it-trażżin mal-vettura għandha tkun issikkata, li kwalunkwe ċinga li trażżan it-tfal għandha tkun aġġustata skont il-ġisem tat-tfal, u li ċ-ċineg m'għandhomx jinbarmu;

15.3.6. għandha tiġi enfasizzata l-importanza li jkun żgurat li kwalunkwe ċinga ta' fuq il-ħoġor tintlibes 'l isfel, biex il-pelvi jkun marbut sew;

15.3.7. għandu jkun rakkomandat li t-tagħmir għandu jitbiddel meta dan ġie suġġett għal tensjonijiet vjolenti f'aċċident;

15.3.8. għandhom jingħataw struzzjonijiet kif jitnaddaf it-tagħmir;

15.3.9. għandha tingħata twissija ġenerali lill-utent rigward il-periklu li ssir kwalunkwe alterazzjoni jew żieda mat-tagħmir mingħajr l-approvazzjoni tal-awtorità kompetenti, u l-periklu jekk ma jiġux segwiti mill-qrib l-istruzzjonijiet tal-installazzjoni pprovduti mill-manifattur tat-trażżin għat-tfal;

15.3.10. meta s-siġġu ma jkunx provdut b'kisi tad-drapp, għandu jkun rakkomandat li s-siġġu jinżamm bogħod mid-dawl tax-xemx, inkella jista' jsir jaħraq wisq għall-ġilda tat-tfal;

15.3.11. għandu jkun rakkomandat li t-tfal ma jitħallewx fis-sistema tat-trażżin għat-tfal tagħhom mingħajr sorveljanza;

15.3.12. għandu jkun rakkomandat li kwalunkwe bagalja jew oġġett ieħor li jista' jkun il-kawża li xi ħadd iweġġa' fil-każ ta' kolliżjoni għandu jkun marbut kif suppost.

15.3.13. Għandu jkun rakkomandat li:

(a) It-trażżin għat-tfal m'għandux jintuża mingħajr il-kisi.

(b) Il-kisi tas-sit m'għandu jitbiddel mal-ebda kisi ieħor ħlief dak irrakkomandat mill-manifattur, għax il-kisi huwa parti integrali mill-attività tat-trażżin.

15.3.14. Għandu jkun hemm test jew disinn li jindika kif l-utent jista' jidentifika pożizzjoni mhux sodisfaċenti tal-bokkla taċ-ċinturin tas-sigurtà għall-adulti relattiva għall-punti tal-kuntatt prinċipali li jerfgħu t-tagħbija fuq it-trażżin. L-utent għandu jiġi mgħarraf biex jikkuntattja lill-manifattur tat-trażżin għat-tfal jekk għandu xi dubju dwar dan il-punt.

15.3.15. Jekk it-trażżin għat-tfal joffri punt tal-kuntatt li jerfa' t-tagħbija alternattiv, l-użu tiegħu għandu jiġi deskritt b'mod ċar. L-utent għandu jiġi informat dwar kif għandu jiġġudika li l-użu ta' din ir-rotta alternattiva huwa sodisfaċenti. L-utent għandu jiġi mgħarraf biex jikkuntattja lill-manifattur tat-trażżin għat-tfal jekk għandu xi dubju dwar dan il-punt. L-utent għandu jiġi mgħarraf b'mod ċar biex jibda l-installazzjoni tat-trażżin għat-tfal f'pożizzjonijiet li fihom ipoġġu l-passiġġieri tal-vettura kklassifikatai bħala "Universali" fil-manwal tal-propjetarju tal-vettura, billi juża r-rotta primarja taċ-ċinturin.

15.3.16. Għandu jkun hemm dispożizzjonijiet biex l-istruzzjonijiet jistgħu jinżammu fuq it-trażżin għat-tfal matul il-perjodu li dan idum iservi jew fil-manwal tal-vettura fil-każ ta' trażżin inkorporat.

15.3.17. Għandu jkun hemm twissija espliċita biex ma jintuża l-ebda punt ta' kuntatt li jerfa' t-tagħbija ħlief dawk deskritti fl-istruzzjonijiet u mmarkati fit-trażżin għat-tfal.

15.3.18. Għal sistema ta' trażżin għat-tfal ISOFIX, fl-istruzzjonijiet għall-użu għandhom jingħataw struzzjonijiet sabiex jinqara l-manwal tal-manifattur tal-vettura.

16. L-ISMIJIET U L-INDIRIZZI TAS-SERVIZZI TEKNIĊI RESPONSABBLI MIT-TWETTIQ TAT-TESTIJIET TA' APPROVAZZJONI, U TAD-DIPARTIMENTI AMMINISTRATTIVI

16.1. Il-Partijiet għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jikkomunikaw lis-segretarjat tan-Nazzjonijiet Uniti l-ismijiet u l-indirizzi tas-Servizzi Tekniċi responsabbli milli jwettqu t-testijiet tal-approvazzjoni u tad-dipartimenti amministrattivi li jagħtu l-approvazzjoni u fejn għandhom jintbagħtu l-formoli li jiċċertifikaw l-approvazzjoni jew l-estensjoni jew ir-rifjut jew l-irtirar tal-approvazzjoni, maħruġa f'pajjiżi oħra.

17. ID-DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻIZZJONALI

17.1. Mid-data tad-dħul fis-seħħ uffiċjali tas-serje 03 ta' emendi, l-ebda Parti Kontraenti li tapplika dan ir-Regolament ma għandha tirrifjuta li tagħti l-approvazzjoni ECE skont dan ir-Regolament kif emendat mis-sejre 03 ta' emendi.

17.2. Minn 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jagħtu approvazzjonijiet ECE biss jekk it-tip ta' trażżin għat-tfal li jiġi sottomess għall-approvazzjoni jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament kif emendat mis-serje 03 ta' emendi.

17.3. Tul il-perjodu tat-12-il xahar ta' wara d-data tad-dħul fis-seħħ tas-serje 03 ta' emendi, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament jistgħu jkomplu jagħtu approvazzjonijiet tat-tip għal dawk is-sistemi ta' trażżin għat-tfal li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament kif emendat mis-serje 02 ta' emendi.

17.4. Fl-istess perjodu ta' 12-il xahar, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament ma għandhomx jirrifjutaw li jagħtu estensjonijiet tal-approvazzjoni għas-serje preċedenti ta' emendi għal dan ir-Regolament.

17.5. Mid-data tad-dħul fis-seħħ tas-serje 03 ta' emendi, id-dispożizzjonijiet tal-Anness 16 ma' dan ir-Regolament għandhom japplikaw ukoll għal tagħmir ta' trażżin għat-tfal li diġa' jkun ngħata approvazzjoni tat-tip skont is-serje 2 ta' emendi.

17.6. Mid-data tad-dħul fis-seħħ tas-serje 03 ta' emendi, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament jistgħu jirrifjutaw il-bejgħ ta' tip ta' trażżin għat-tfal li ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-paragrafu 6.2.2 u 6.2.14 tas-serje 03 ta' emendi.

17.7. Meta jgħaddu 36 xahar mid-dħul fis-seħħ tas-serje 03 ta' emendi, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament jistgħu jirrifjutaw il-bejgħ ta' sistemi ta' trażżin għat-tfal li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tas-serje 03 ta' emendi għal dan ir-Regolament.

17.8. Mid-data tad-dħul fis-seħħ tas-suppliment 2 mas-serje 03 ta' emendi, għandha titwaħħal it-tikketta stipulata fil-paragrafu 4.5 ta' dan ir-Regolament, mat-trażżin għat-tfal kollu mmanifatturat f'konformità ma' dan ir-Regolament.

17.9. Mid-data tad-dħul fis-seħħ uffiċjali tas-serje 04 ta' emendi, l-ebda Parti Kontraenti li tapplika dan ir-Regolament ma għandha tirrifjuta li tagħti l-approvazzjoni ECE skont dan ir-Regolament kif emendat mis-sejre 04 ta' emendi.

17.10. Minn 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tas-serje 04 ta' emendi, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jagħtu approvazzjonijiet ECE biss jekk it-tip ta' trażżin għat-tfal li jiġi sottomess għall-approvazzjoni jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament kif ġie emendat mis-serje 04 ta' emendi.

17.11. Tul il-perjodu tat-12-il xahar ta' wara d-data tad-dħul fis-seħħ tas-serje 04 ta' emendi, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament jistgħu jkomplu jagħtu approvazzjonijiet tat-tip għal dawk is-sistemi ta' trażżin għat-tfal li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament kif emendat mis-serje 03 ta' emendi.

17.12. Tul il-perjodu ta' 36 xahar ta' wara d-dħul fis-seħħ tas-serje 04 ta' emendi, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament ma għandhomx jirrifjutaw l-għoti ta' estensjonijiet ta' approvazzjoni għas-serje preċedenti ta' emendi għal dan ir-Regolament.

17.13. Meta jgħaddu 48 xahar mid-dħul fis-seħħ tas-serje 04 ta' emendi, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament jistgħu jirrifjutaw il-bejgħ ta' sistemi ta' trażżin għat-tfal li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tas-serje 04 ta' emendi għal dan ir-Regolament.


17.14. Minn sitt xhur mid-data ta' dħul fis-seħħ tas-Suppliment 04 mas-serje 04 ta Emendi, l-approvazzjonijiet mogħtija skont is-serjejiet 03 u 04 ta' emendi għal sistemi ta' trażżin għat-tfal li jaqgħu fil-gruppi 0, 0 + u I, li ma jikkonformawx mal-paragrafu 6.1.11 jew 6.1.12 ma għandhomx jibqgħu validi.

17.15. Mid-data tad-dħul fis-seħħ tas-Suppliment 04 mas-serje 04 ta' Emendi għal dan ir-Regolament, bħala deroga mill-obbligi tal-Partijiet Kontraenti waqt il-perjodu tranżizzjonali stipulati fil-paragrafu 17.14 u skont id-dikjarazzjoni li saret mill-Komunità Ewropea fi żmien l-adeżjoni tagħha għall-Ftehim tal-1958 (Notifika tad-Depożitarju C.N.60.1998.TRATTATI-28), l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea jistgħu jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq ta' sistemi ta' trażżin għat-tfal li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tas-Suppliment 04 mas-serje 04 ta' emendi għal dan ir-Regolament.

ANNESS 1

IL-KOMUNIKAZZJONI

(Format massimu: A4 (210 × 297 mm))



maħruġa minn: Isem l-amministrazzjoni:

.....

.....

.....

li tikkonċerna: (2) APPROVAZZJONI MOGĦTIJA
APPROVAZZJONI ESTIŻA
APPROVAZZJONI RRIFJUTATA
APPROVAZZJONI RTIRATA
PRODUZZJONI LI TWAQQFET GĦALKOLLOX

ta' tagħmir ta' trażżin għal tfal li jirkbu bħala passiġġieri f' vetturi bil-magna, skont ir-Regolament Nru 44.

Nru tal-Approvazzjoni: ..... Nru tal-Estensjoni: .....

1.1. Trażżin għat-tfal li jħares 'il quddiem/trażżin għat-tfal li jħares lura/kerrikot;

1.2. . Kuxxin integrali/mhux integrali/parzjali/booster;

1.3. It-tip taċ-ċinturin: (għall-adulti) ċinturin bi tliet ankraġġi
(għall-adulti) ċinturin li jgħaddi minn fuq il-ħoġor/
ċinturin ta' tip speċjali/apparat li jiġbed lura;

1.4. Karatteristiċi oħra: il-montatura tas-siġġu/il-ħarsien mill-impatt .....

2. L-isem kummerċjali jew il-marka kummerċjali .....

3. L-ispeċifikazzjoni tal-manifattur tat-trażżin għat-tfal .....

4. L-isem tal-manifattur .....

5. Jekk japplika, l-isem tar-rappreżentant tiegħu .....

6. L-indirizz .....

7. Imressaq għall-approvazzjoni fi .....

8. Is-servizz tekniku li qed iwettaq it-testijiet tal-approvazzjoni .....

9. Tip ta' tagħmir: tnaqqis fil-veloċità/aċċellerazzjoni (2)

10. Id-data tar-rapport tat-test maħruġ minn dak is-servizz .....

11. In-numru tar-rapport tat-test maħruġ minn dak is-servizz .....

12. Approvazzjoni mogħtija/estiża/irrifjutata/irtirata (2) għall-użu fil-Gruppi 0, 0+, I, II jew III u għall-użu universali/semiuniversali/ristrett jew għall-użu f'vettura speċifika jew għall-użu bħala "trażżin għal bżonnijiet speċjali", il-pożizzjoni fil-vettura

13. Il-pożizzjoni u n-natura tal-immarkar: .....

14. Il-post .....

(1) In-numru li jiddistingwi l-pajjiż li ta/estenda/irrifjuta/irtira l-approvazzjoni (ara d-dispożizzjonijiet tal-approvazzjoni f'dan ir-Regolament).

(2) (Aqta' dak li ma japplikax.)

15. Id-data .....

16. Il-firma .....

17. Id-dokumenti li ġejjin, li għandhom in-numru tal-approvazzjoni muri aktar 'il fuq, huma mehmuża ma' din il-komunikazzjoni:

(a) disinni, dijagrammi u pjanijiet tat-trażżin għat-tfal, inkluż kwalunkwe apparat li jiġbed lura, montaturi għas-siġġu, ħarsien mill-impatt installati;

(b) disinni, dijagrammi u pjanijiet tal-istruttura tal-vettura u tal-istruttura tas-sit, kif ukoll tas-sistema tal-aġġustament u ż-żjidiet, inkluż kwalunkwe apparat assorbenti l-enerġija installat;


(c) ritratti tat-trażżin għat-tfal u/jew tal-istruttura tal-vettura u l-istruttura tas-sit;

(d) l-istruzzjonijiet għall-installazzjoni u għall-użu;

(e) lista tal-mudelli tal-vetturi li t-trażżin huwa maħsub għalihom.


ANNESS 2

L-ARRANĠAMENTI TAL-MARKA TAL-APPROVAZZJONI



a = 8 mm min.

Is-sistema tat-trażżin għat-tfal li għandha l-marka tal-approvazzjoni t'hawn fuq hija tagħmir li jista' jiġi installat fi kwalunkwe vettura u li jista' jintuża għal medda ta' mases ta' bejn id-9 kg u s-36 kg (il-Gruppi I sa III); hija approvata fl-Olanda (E4) taħt in-numru 042439. In-numru tal-approvazzjoni jindika li l-approvazzjoni inġħatat skont il-kondizzjonijiet meħtieġa tar-Regolament li jikkonċerna l-approvazzjoni ta'tagħmir ta' trażżin għal tfal li jirkbu bħala passiġġieri f'vetturi bil-magna ("sistema ta' trażżin għat-tfal") kif emendati mis-serje 04 ta' emendi.



a = 8 mm min.


Is-sistema tat-trażżin għat-tfal li għandha l-marka tal-approvazzjoni t'hawn fuq hija tagħmir li ma jistax jiġi installat f'kull vettura u li jintuża għal medda ta' mases ta' bejn id-9 kg u l-25 kg (il-Gruppi I u II); hija approvata fl-Olanda (E4) taħt in-numru 042450. In-numru tal-approvazzjoni jindika li l-approvazzjoni inġħatat skont il-kondizzjonijiet meħtieġa tar-Regolament li jikkonċerna l-approvazzjoni ta'tagħmir ta' trażżin għal tfal li jirkbu bħala passiġġieri f'vetturi bil-magna ("sistema ta' trażżin għat-tfal") kif emendati mis-serje 04 ta' emendi. Is-simbolu 'Y' jindika li s-sistema tinkludi ċinga li tgħaddi minn bejn il-koxox.

Nota: In-numru ta' approvazzjoni u s-simbolu (i) għandhom jitqiegħdu qrib iċ-ċirku u fuq jew taħt l-"E" jew lejn ix-xellug jew il-lemin tal-"E". Il-figuri tan-numru tal-approvazzjoni jridu jkunu fuq l-istess naħa tal-"E" u jridu jkunu orjentati fl-istess direzzjoni. Is-simbolu(i) addizzjonali jrid(u) ikun(u) dijametrikament opposti għan-numru tal-approvazzjoni. L-użu ta' numri Rumani bħala numri tal-approvazzjoni għandu jiġi evitat sabiex ma jkunx jista' jkun hemm konfużjoni ma' simboli oħra.

ANNESS 3

L-ARRANĠAMENT TAL-APPARAT GĦAT-TEST TAR-REŻISTENZA GĦAT-TRAB

(id-dimensjonijiet huma f'millimetri)



ANNESS 4

IT-TEST TAL-KORRUŻJONI

1. L-apparat tat-test

1.1. L-apparat għandu jikkonsisti minn kumpartiment għar-raxx irqiq ta' likwidu, kontenitur fejn tinżamm is-soluzzjoni tal-melħ, provvista ta' arja kkompressata kkondizjonata kif inhu xieraq, żennuna waħda jew aktar li jatomizzaw, l-appoġġi tal-kampjuni, il-faċilità li jissaħħan il-kumpartiment, u l-mezzi meħtieġa għall-kontroll. Id-daqs u l-kostruzzjoni ddettaljata tal-apparat jistgħu jintgħażlu, sakemm jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet tat-test.

1.2. Huwa importanti li jiġi żgurat li l-qtar tas-soluzzjoni li jakkumula mas-saqaf jew mal-għatu tal-kumpartiment ma jaqax fuq il-kampjuni tat-test.

1.3. Il-qtar tas-soluzzjoni li jaqa' mill-kampjuni tat-test m'għandux jerġa' jitpoġġa fil-kontenitur biex ikunu sprejjati mill-ġdid.

1.4. L-apparat m'għandux jinbena minn materjali li se jaffetwaw il-kondizzjoni tal-kurrużjoni tar-raxx irqiq tal-likwidu.

2. Il-post tal-kampjuni tat-test fil-kabinett tar-raxx irqiq tal-likwidu

2.1. Il-kampjuni, minbarra l-apparat li jiġbed lura, għandhom jiġu sostnuti jew sospiżi bejn 15° u 30° mil-linja vertikali u preferibbilment ikunu paralleli għad-direzzjoni prinċipali tal-fluss orizzontali tar-raxx irqiq tal-likwidu minn ġol-kumpartiment, ibbażat fuq is-superfiċje dominanti li tkun qed tiġi ttestjata.

2.2. L-apparat li jiġbed lura għandu jiġi sostnut jew sospiż b'mod li l-assi tar-rukkell fejn tintrefa' ċ-ċinga għandhom ikunu perpendikulari għad-direzzjoni prinċipali tal-fluss orizzontali tar-raxx irqiq tal-likwidu minn ġol-kumpartiment. Il-fetħa taċ-ċinga fl-apparat li jiġbed lura għandha tkun qed tħares ukoll f'din id-direzzjoni prinċipali.

2.3. Kull kampjun għandu jitpoġġa b'tali mod li jippermetti li r-raxx irqiq tal-likwidu joqgħod liberament fuq il-kampjuni kollha.

2.4. Kull kampjun għandu jitpoġġa b'mod li ma jħallix li s-soluzzjoni tal-melħ minn kampjun wieħed tqattar fuq kwalunkwe kampjun ieħor.

3. Is-soluzzjoni tal-melħ

3.1. Is-soluzzjoni tal-melħ għandha tiġi ppreparata billi jinħallu 5 ± 1 partijiet skont il-massa ta' melħ komuni tal-mejda f'95 parti distillat. Il-melħ għandu jkun melħ komuni li huwa sostanzjalment ħieles minn nîkil u mir-ram u li ma fihx aktar minn 0,1 fil-mija ta' jodur tas-sodju u mhux aktar minn 0,3 fil-mija tal-impuritajiet totali meta jkun xott.

3.2. Is-soluzzjoni għandha tkun tali li, meta tiġi atomizzata f'temperatura ta' 35 °C, is-soluzzjoni li tinġabar tkun f'medda ta' pH ta' 6,5 sa 7,2.

4. L-arja kkompressata

4.1. Il-provvista tal-arja kkompressata għaż-żennuna jew għaż-żennuni li jatomizzaw is-soluzzjoni tal-melħ għandha tkun ħielsa miż-żejt u mill-ħmieġ, u għandha tinżamm fi pressjoni ta' bejn 70 kN/m^2 u 170 kN/m^2.

5. Il-kondizzjonijiet fil-kumpartiment tar-raxx irqiq tal-likwidu

5.1. Iż-żona tal-espożizzjoni tal-kumpartiment tar-raxx irqiq tal-likwidu għandha tinżamm f'35 ± 5 °C. Tal-inqas żewġ reċipjenti nodfa li jiġbru r-raxx irqiq tal-likwidu għandhom jitpoġġew fiż-żona tal-espożizzjoni, ħalli ma tinġabar l-ebda qatra tas-soluzzjoni mill-kampjuni tat-test jew minn kwalunkwe sors ieħor. Ir-reċipjeni li jiġbru għandhom jitpoġġew viċin il-kampjuni tat-test, wieħed viċin kemm jista' jkun ta' kwalunkwe żennuna u wieħed 'il bogħod kemm jista' jkun miż-żennuni kollha. Ir-raxx irqiq tal-likwidu għandu jkun tali li, għal kull 80 cm^2 ta' erja orizzontali tal-ġbir, jinġabru f'kull reċipjent li jiġbor minn 1,0 sa 2,0 ml ta' soluzzjoni kull siegħa, meta mkejla fuq medja ta' mill-inqas 16-il siegħa.

5.2. Iż-żennuna jew iż-żennuni għandhom ikunu diretti jew irregolati, ħalli l-isprej ma jaffetwax direttament il-kampjuni tat-test.

ANNESS 5


IT-TEST TAL-BRIX U TAL-MICROSLIP

Figura 1

Il-Proċedura tat-tip 1

Eżempji ta' arranġamenti tat-test li jikkorrispondu mat-tip ta' apparat għall-aġġustament

Eżempju a



Eżempju b




Figura 2

Il-Proċedura tat-tip 2





Figura 3

It-Test tal-microslip

Id-distanza totali: 300 ± 20 mm



It-tagħbija ta' 50 N fuq it-tagħmir tal-ittestjar għandha tkun iggwidata vertikalment b'tali mod li t-tagħbija ma titħallix titbandal u lanqas iċ-ċinga tinbaram.

It-tagħmir li jwaħħal għandu jiġi ffissat mat-tagħbija ta' 50 N bl-istess mod bħal fil-vettura.

ANNESS 6

ID-DESKRIZZJONI TAT-TROLI

1. It-troli

1.1. Għal testijiet fuq sistemi ta' trażżin għat-tfal, it-troli, li jġorr is-sit biss, għandu jkollu massa iktar minn 380 kg. Għal testijiet fuq sistemi tat-trażżin għat-tfal fil-kategorija speċifika tal-vettura, it-troli bl-istruttura tal-vettura mwaħħla mieghu għandu jkollu massa ta' 800 kg.

2. L-iskrin tal-ikkalibrar

2.1. Għandu jitwaħħal sew skrin tal-ikkalibrar mat-troli b'linja tal-limitu tal-moviment immarkata fuqu b'mod ċar biex ikun hemm konformità mal-kriterji tal-moviment quddiem li jridu jiġu determinati mid-dokumentazzjoni fotografika.

3. Is-sit

3.1. Is-sit għandu jkun mibni kif ġej:

3.1.1. Dahar riġidu, fiss, bid-dimensjonijiet tiegħu jingħataw fl-Appendiċi 1 għal dan l-Anness. Il-parti t'isfel u l-parti ta' fuq huma magħmula minn tubu b'dijametru ta' 20 mm;

3.1.2. Postijiet bilqiegħda riġidi, li d-dimensjonijiet tagħhom huma mogħtija fl-Appendiċi 1 għal dan l-Anness. Il-parti ta' wara tal-post bilqiegħda hija magħmula minn pjanċa riġida tal-metall, li t-tarf ta' fuq tagħha hija tubu b'dijametru ta' 20 mm. Il-parti ta' quddiem tal-post bilqiegħda hija wkoll magħmula minn tubu b'dijametru ta' 20 mm;

3.1.3. Għall-aċċess għas-saljaturi tal-ankraġġ, għandhom isiru fetħiet fuq in-naħa ta' wara tal-kuxxin tas-sit, kif provdut fl-Appendiċi 1 għal dan l-Anness;

3.1.4. Il-wisa' tas-sit għandha tkun ta' 800 mm;

3.1.5. Id-dahar u l-post bilqiegħda għandhom jinksew b'fowm tal-poliuretan, li l-karatteristiċi tiegħu jingħataw fit-Tabella 1. Id-dimensjonijiet tal-kuxxin jingħataw fl-Appendiċi 1 għal dan l-Anness;

Tabella 1

Id-densità skont l-ISO 485 (kg/m^3)	43
Kemm jiflaħ jissaporti skont l-ISO 2439B.(N)	
p – 25 fil-mija	125
p – 40 fil-mija	155
Il-fattur ta' kemm jiflaħ jissaporti skont l-ISO 3386 (kPa)	4
It-titwil fil-ftuq skont l-ISO 1798 (persentaġġ)	180
Is-saħħa tal-ksur skont l-ISO 1798 (kPa)	100
Il-kompressjoni ffissata skont l-ISO 1856 (persentaġġ)	3

3.1.6. Il-fowm tal-poliuretan għandu jinkesa bi drapp li jħares mix-xemx, magħmul minn fibra tal-poly-acrylate, li l-karatteristiċi tagħha jingħataw fit-Tabella 2.

Tabella 2

Massa speċifika (g/m^2)	290
Is-saħħa tal-ksur skont id-DIN 53587 fuq kampjun tat-test wiesa' 50 mm:	
mit-tul (kg):	120
mill-wisa' (kg):	80

3.1.7. Jinkesa s-sit u d-dahar tas-sit ([1])

3.1.7.1. Il-kuxxin tal-fowm tas-sit hija magħmula minn blokka kwadra tal-fowm (800 × 575 × 135 mm) b'tali mod (ara l-Figura 1 tal-Appendiċi 1 għal dan l-Anness) li l-forma tagħha tixbah il-forma tal-pjanċa tal-qiegħ tal-aluminju kif speċifikat fil-Figura 2 tal-Appendiċi 1 għal dan l-Anness.

3.1.7.2. Sitt toqbiet jittaqbu bit-trapan fil-pjanċa tal-qiegħ sabiex din tkun tista' titwaħħal mat-troli bil-boltijiet. It-toqbiet jittaqqbu bi trapan matul l-itwal naħa tal-pjanċa, tlieta fuq kull naħa, bil-pożizzjoni tagħhom tkun dipendenti fuq il-kostruzzjoni tat-troli. Jiddaħħlu sitt boltijiet mit-toqob. Huwa rrakkomandat li l-boltijiet jiġu inkollati fuq il-pjanċa permezz ta' sustanza li twaħħal xierqa. Wara, l-boltijiet għandhom jintrabtu bl-skorfini.

3.1.7.3. Il-materjal tal-kisi (1 250 × 1 200 mm, ara l-Figura 3 tal-Appendiċi 1 għal dan l-Anness) jinqata' mill-wisa' b'tali mod li ma jkunx possibbli għall-materjal li jitrikkeb wara l-kisi. Għandu jkun hemm spazju ta' madwar 100 mm bejn it-truf tal-materjal tal-kisi. Għalhekk il-materjal għandu jinqata' b'daqs ta' 1 200 mm, bejn wieħed u ieħor.

3.1.7.4. Il-materjal tal-kisi huwa mmarkat b'żewġ linji min-naħa għall-oħra tal-materjal. Dawn jiġu mmarkati 375 mm mil-linja taċ-ċentru tal-materjal tal-kisi. (Ara l-Figura 3 tal-Appendiċi 1 għal dan l-Anness)

3.1.7.5. Il-kuxxin tal-fowm tas-sit titpoġġa rasha 'l isfel fuq il-materjal tal-kisi bil-pjanċa tal-qiegħ tal-aluminju tiġi fuq.

3.1.7.6. Fuq iż-żewġ naħat il-materjal tal-kisi jiġġebbed sakemm il-linji mmarkati fuqu jiġu jaqblu mat-truf tal-pjanċa tal-qiegħ tal-aluminju. F'kull pożizzjoni tal-bolt, isiru qatgħat żgħar u l-materjal tal-kisi jinġibed fuq il-boltijiet.

3.1.7.7. Il-materjal tal-kisi għandu jinqaras fil-pożizzjoni tal-gruvs fil-pjanċa tal-qiegħ u fil-fowm.

3.1.7.8. Il-kisi jiġi inkollat mal-pjanċa tal-aluminju b'kolla flessibbli. L-iskorfini għandhom jitneħħew qabel ma dan jiġi inkollat.

3.1.7.9. Il-biċċiet ta' materjal ċatt li jiddendlu fuq il-ġenb jintlewew għal fuq il-pjanċa u jiġu inkollati wkoll.

3.1.7.10. Il-biċċiet ta' materjal ċatt li jiddendlu fil-gruvs jintlewew 'l ġewwa u jitwaħħlu b'tejp b'saħħtu.

3.1.7.11. Il-kolla flessibbli għandha tinxef tal-inqas għal 12-il siegħa.

3.1.7.12. Il-kuxxin tad-dahar tas-sit jinkesa eżattament bl-istess mod bħas-sit, biss il-linji fuq il-materjal tal-kisi (1 250 × 850 mm) jiġu mmarkati 320 mm boghod mil-linja taċ-ċentru tal-materjal.

3.1.8. Il-linja Cr tikkoinċidi mal-linja tal-intersezzjoni bejn il-pjan ta' fuq tas-sit u l-pjan ta' quddiem tad-dahar tas-sit.

3.2. It-test tat-tagħmir li jħares lura

3.2.1. Qafas speċjali għandu jitwaħħal fuq it-troli sabiex isostni t-trażżin għat-tfal kif muri fil-Figura 1.


3.2.2. Tubu tal-azzar għandu jitwaħħal b'mod sod mat-troli b'tali mod li tagħbija ta' 5 000 ± 50 N applikata b'mod orizzontali fuq iċ-ċentru tat-tubu ma tikkawżax moviment akbar minn 2 mm.

3.2.3. Id-dimensjonijiet tat-tubu għandhom ikunu: 500 × 100 × 90 mm.

([1]) Id-dettalji tal-materjali użati f'dan il-proċess jistgħu jinkisbu mit-TNO (L-Istitut tar-Riċerka għall-Vetturi tat-Triq), Schoemakerstraat 97, 2628 VK Delft, l-Olanda.

Figura 1

L-arranġament għall-ittestjar tat-tagħmir li jħares lura



Id-dimensjonijiet f'mm

3.3. Il-pjanċa tal-qiegħ tat-troli

3.3.1. Il-pjanċa tal-qiegħ tat-troli għandha tkun magħmula minn pjanċa ċatta tal-metall ta' ħxuna u ta' materjal uniformi, ara l-Figura 2 tal-Appendiċi 3 għal dan l-Anness.

3.3.1.1. Il-pjanċa tal-qiegħ għandha tkun immontata b'mod riġidu fuq it-troli. L-għoli tal-pjanċa tal-qiegħ relattiv għall-punt tal-projezzjoni tal-assi Cr, id-dimensjoni X ([1]) fil-Figura 2, għandhom jiġu aġġustati sabiex jissodisfaw il-kondizzjonijiet meħtieġa tal-paragrafu 7.1.4.1.9.

3.3.1.2. Il-pjanċa tal-qiegħ għandha tkun iddisinjata b'tali mod li l-ebusija tas-superfiċje m'għandiex tkun inqas minn 120 HB, skont EN ISO 6506-1:1999.

3.3.1.3. Il-pjanċa tal-qiegħ għandha tkun tiflaħ għal tagħbija applikata kkonċentrata vertikali ta' 5 kN mingħajr ma tikkawża moviment vertikali akbar minn 2 mm li jirreferi għall-assi Cr u mingħajr ma jkun hemm deformazzjoni permanenti.

3.3.1.4. Il-pjanċa tal-qiegħ għandu jkollha ħruxija tas-superfiċje li ma teċċedix Ra 6,3 skont l-ISO 4287:1997.

3.3.1.5. Il-bażi għandha tkun iddisinjata b'tali mod li ma jkun hemm l-ebda deformazzjoni permanenti wara test dinamiku fuq sistema tat-trażżin għat-tfal, skont dan ir-Regolament.

4. It-tagħmir li jwaqqaf

4.1. It-tagħmir jikkonsisti minn żewġ biċċiet apparat li jassorbixxu identiċi armati b'mod parallel.

4.2. Jekk ikun meħtieġ, għandu jintuża apparat assorbenti addizzjonali għal kull żieda ta' 200 kg f'massa nominali. Kull apparat assorbenti għandu jinkludi:

4.2.1. kisi fuq barra għall-ħarsien fformat minn tubu tal-azzar;

4.2.2. tubu tal-poliuretan li jassorbi l-enerġija;

4.2.3. pum tal-azzar ippolixxjat f'forma ta' żebbuġa li jippenetra l-apparat assorbenti; u

4.2.4. xaft u pjanċa għall-impatt.

4.3. Id-dimensjonijiet tal-partijiet differenti ta' dan l-apparat assorbenti jintwerew fid-disinn riprodott fl-Appendiċi 2 għal dan l-Anness.

4.4. Il-karatteristiċi tal-materjal assorbenti jingħataw fit-Tabella 3 u fit-Tabella 4 ta' dan l-Anness.

4.5. Il-montatura tat-tagħmir li jwaqqaf għandha tinżamm tal-inqas għal 12-il siegħa f'temperatura bejn 15 u 25 °C qabel ma tintuża għat-testijiet tal-ikkalibrar deskritti fl-Anness 7 għal dan ir-Regolament. It-tagħmir li jwaqqaf għandu, għal kull tip ta' test, jissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa tar-rendiment stabbiliti fl-Appendiċi 1 u 2 tal-Anness 7. Għal testijiet dinamiċi ta' trażżin għat-tfal, il-montatura tat-tagħmir li jwaqqaf għandha tinżamm għal tal-inqas 12-il siegħa fl-istess temperatura, sa ± 2 C, bħal dak tat-test tal-ikkalibrar. Kwalunkwe tagħmir ieħor li jagħti riżultati ekwivalenti jista' jiġi aċċettat.

([1]) Id-dimensjoni X għandha tkun ta' 210 mm b'medda ta' aġġustament ta' ± 70 mm

Tabella 3

Il-Karatteristiċi tal-materjal assorbenti "A" (1)

(Il-Metodu D 735 tal- ASTM (is-Soċjetà Amerikana tal-Ittestjar u tal-Materjali) sakemm mhux iddikjarat mod ieħor)

L-ebusija tat-tagħfis (fuq struttura) A:	95 ± 2 f'temperatura ta' 20 ± 5 °C
Is-saħħa tal-ksur:	$R_o \geq 350$ kg/cm^2
It-titwil minimu:	$A_o \geq 400$ fil-mija
Il-modulu meta mtawwal 100 fil-mija:	≥ 110 kg/cm^2
meta mtawwal 300 fil-mija:	≥ 240 kg/cm^2
Il-fraġilità f'temperatura baxxa (Il-metodu D 736 tal-ASTM):	5 sigħt f'temperatura ta' – 55 °C
Is-sett tal-kompressjoni (Metodu B):	22 siegħa f'70 °C ≤ 45 fil-mija
Id-densità f'temperatura ta' 25 °C:	1,05 sa 1,10
Il-mogħdija taż-żmien fl-arja (Il-metodu D 573 tal-ASTM):	
70 siegħa f'temperatura ta' 100 °C:	L-ebusija tat-tagħfis: varjazzjoni massima ta' ± 3 is-saħħa tal-ksur: tnaqqis ta' < 10 fil-mija fir-R_o it-titwil: tnaqqis ta' < 10 fil-mija fl-A_o il-piż: tnaqqis ta' < 1 fil-mija
Għaddis fiż-żejt (il-metodu Nru 1 tal-ASTM taż-Żejt):	
70 siegħa f'temperatura ta' 100 °C:	L-ebusija tat-tagħfis: varjazzjoni massima ta' ± 4 is-saħħa tal-ksur: tnaqqis ta' < 15 fil-mija fir-R_o it-titwil: tnaqqis ta' < 10 fil-mija fl-A_o il-volum: nefħa ta' < 5 fil-mija
Għaddis fiż-żejt (il-metodu Nru 3 tal-ASTM taż-Żejt):	
70 siegħa f'temperatura ta' 100 °C:	is-saħħa tal-ksur: tnaqqis ta' < 15 fil-mija fir-R_o it-titwil: tnaqqis ta' < 15 fil-mija fl-A_o il-volum: nefħa ta' < 20 fil-mija
Tgħaddis fl-ilma distillat:	
ġimgħa f'temperatura ta' 70 °C:	is-saħħa tal-ksur: tnaqqis ta' < 35 fil-mija fir-R_o it-titwil: żieda ta' < 20 fil-mija fl-A_o

(1) L-indirizz sabiex tikseb l-istandards rilevanti ASTM huwa dan: ASTM, 1916 Race Street, Philadelphia, USA PA 19 103.

Tabella 4

Il-Karatteristiċi tal-materjal assorbenti "B"

(Il-Metodu 2000 tal-ASTM (1980) sakemm mhux iddikjarat mod ieħor)


L-ebusija tat-tagħfis (fuq struttura) A:	88 ± 2 f'temperatura ta' 20 ± 5 °C
Is-saħħa tal-ksur:	$R_o \geq 300$ kg/cm^2
It-titwil minimu:	$A_o \geq 400$ fil-mija
Il-modulu meta mtawwal 100 fil-mija:	≥ 70 kg/cm^2
meta mtawwal 300 fil-mija:	≥ 130 kg/cm^2
Il-fraġilità f'temperatura baxxa (Il-metodu D 736 tal-ASTM):	5 sigħat f'temperatura ta' – 55 °C
Is-sett tal-kompressjoni (Metodu B):	22 siegħa f'70 °C ≤ 45 fil-mija
Id-densità f'temperatura ta' 25 °C:	1,08 sa 1,12
Il-mogħdija taż-żmien fl-arja (Il-metodu D 573 tal-ASTM (1981)):	
70 siegħa f'temperatura ta' 100 °C:	L-ebusija tat-tagħfis: varjazzjoni massima ta' ± 3 is-saħħa tal-ksur: tnaqqis ta' < 10 fil-mija fir-R_o it-titwil: tnaqqis ta' < 10 fil-mija fl-A_o il-piż: tnaqqis ta' < 1 fil-mija

Għaddis fiż-żejt (il-metodu D 471 tal-ASTM taż-Żejt Nru 1 (1979)):	
70 siegħa f'temperatura ta' 100 °C:	L-ebusija tat-tagħfis: varjazzjoni massima ta' ± 4 is-saħħa tal-ksur: tnaqqis ta' < 15 fil-mija fir-R_o it-titwil: tnaqqis ta' < 10 fil-mija fl-A_o il-volum: nefħa ta' < 5 fil-mija
Għaddis fiż-żejt (il-metodu D 471 tal-ASTM taż-Żejt Nru 3 (1979)):	
70 siegħa f'temperatura ta' 100 °C:	is-saħħa tal-ksur: tnaqqis ta' < 15 fil-mija fir-R_o it-titwil: tnaqqis ta' < 15 fil-mija fl-A_o il-volum: nefħa ta' < 20 fil-mija
Tgħaddis fl-ilma distillat:	
ġimgħa f'temperatura ta' 70 °C:	is-saħħa tal-ksur: tnaqqis ta' < 35 fil-mija fir-R_o it-titwil: żieda ta' < 20 fil-mija fl-A_o


Appendiċi 1

Figura 1

Id-dimensjonijiet tas-sit u tal-kuxxins tas-sit



Blokka tal-fowm forma ta' kwadru,
sezzjoni A-A
Dimensjonijiet: 800 × 575 × 135







Figura 2

Id-dimensjonijiet tal-pjanċa tal-qiegħ tal-aluminju


Il-pjanċa tal-aluminju qabel titgħawweġ



Dimensjonijiet f'mm

Figura 3


Id-dimensjonijiet tal-materjal tal-kisi



Dimensjonijiet f'mm

Figura 4

Dehra tridimensjonali tas-sit




Appendiċi 2

It-tagħmir li jwaqqaf

L-impatt minn quddiem

dimensjonijiet (f'mm)

Figura 1



L-istat iddefinit skont id-djametru estern tat-tubu tal-poliuretan (light push fit)

$\sqrt{^{3,2}}$ l-irfinitura tassuperfiċje

Figura 1a

Il-materjal A




Figura 1b

Il-materjal B





Figura 2

Il-pum f'forma ta' żebbuġa tat-tagħmir li jwaqqaf




(*) Din id-dimensjoni tista' tvarja bejn 43 u 49 mm

Dimensjonijiet f'mm

Figura 3

Il-pum f'forma ta' żebbuġa tat-tagħmir li jwaqqaf




Dimensjonijiet f'mm

Figura 4

It-tagħmir li jwaqqaf (armat)

L-impatt minn wara

dimensjonijiet (f'mm)




L-istat iddefinit skont id-djametru estern tat-tubu tal-poliuretan (light push fit)

Figura 5

Tubu tal-poliuretan

L-impatt minn wara

dimensjonijiet f'mm



Appendiċi 3

L-ARRANĠAMENT U L-UŻU TAL-ANKRAĠĠI FUQ IT-TROLI TAT-TEST

1. L-ankraġġi għandhom jitqiegħdu f'pożizzjoni kif muri fil-figura t'aktar 'l isfel.

   Meta titwaħħal il-pjanċa standard tal-ankraġġ mal-punti tal-ankraġġ A u B jew B0, il-pjanċi għandhom ikunu mmontati bil-bolt fid-direzzjoni trasversali orizzontali bis-superfiċje angolata tħares ġewwa, u għandu jkun liberu sabiex idur madwar l-assi.

2. It-trażżin għat-tfal fil-kategoriji "universali" u "ristrett" għandhom jużaw il-punti għall-ankraġġi li ġejjin:

2.1. Għat-trażżin għat-tfal li jużaw ċinturini ta' fuq il-ħoġor, il-punti A u B;

2.2. Għat-trażżin għat-tfal li jużaw ċinturini ta' fuq il-ħoġor u dawk dijagonali, il-punti A, B0 u C.

2.3. Għal trażżin għat-tfal li jużaw żieda ISOFIX, l-iktar punt fuq wara H1 u H2.

3. L-ankraġġi A, B u/jew (l-aktar lura) H1 H2 u D għandhom jintużaw għat-trażżin għat-tfal fil-kategorija "semiuniversali" li għandhom ankraġġi ta' fuq addizzjonali wieħed biss.

4. L-ankraġġi A, B u/jew (l-aktar lura) H1 H2, E u F għandhom jintużaw għat-trażżin għat-tfal fil-kategorija "semiuniversali" li għandhom ankraġġi ta' fuq addizzjonali wieħed biss.

5. Il-punti tal-ankraġġi R1, R2, R3, R4 u R5 huma l-punti tal-ankraġġi addizzjonali għas-sistemi tat-trażżin għat-tfal li jħarsu lura fil-kategorija "semiuniversali" li għandhom ankraġġ addizzjonali wieħed jew aktar (ara l-paragrafu 8.1.3.5.3.).

6. Ħlief fil-każ tal-punt C, (li jirrapreżenta l-pożizzjoni tal-ingassa ta' mal-kolonna) il-punti li jikkorrispondu għall-arranġament tal-ankraġġ juru fejn it-truf taċ-ċinturin għandhom jintrabtu mat-troli jew mat-transducer (kull apparat maħsub biex jibdel sinjal li mhux elettriku f'sinjal elettriku) tat-tagħbija, skont il-każ. L-istruttura li qed iġġorr l-ankraġġi għandha tkun riġida. L-ankraġġ ta' fuq m'għandux jiġi spostat b'aktar minn 0.2 mm fid-direzzjoni lonġitudinali meta tiġi applikata tagħbija ta' 980 N f'dik id-direzzjoni. It-troli għandu jkun mibni b'tali mod li m'għandha sseħħ l-ebda deformazzjoni permanenti fil-partijiet li jġorru l-ankraġġi matul it-test.


7. Għall-kerrikots tal-grupp 0, il-punti A1 u/jew B1 jistgħu jintużaw alternattivament, kif speċifikat mill-manifattur tas-sistemi tat-trażżin. A1 u B1 jinstabu fuq linja trasversali li tgħaddi minn R1 f'distanza ta' 350 mm minn R1.

8. Għall-ittestjar tat-trażżin għat-tfal fil-kategoriji "universali" u "ristretta", mas-sit tat-test għandu jitwaħħal ċinturin standard tal-apparat li jinġibed lura, kif speċifikat fl-Anness 13. L-istrixxi li jintużaw bejn l-apparat li jiġbed lura u l-pjanċa tal-ankraġġ A1 taċ-ċinturin tas-sigurtà standard għandha tiġi mġedda għal kull test dinamiku.

9. Għall-ittestjar tat-trażżin għat-tfal bl-irbit ta' fuq, għandu jintuża l-ankraġġ G1 jew G2.

10. Fil-każ ta' trażżin għat-tfal li juża riġel ta' appoġġ, is-Servizz Tekniku għandu jagħżel l-ankraġġi li għandhom jintużaw skont il-paragrafi 2, 3, 4 jew 5 t'aktar fuq u bl-appoġġ għar-riġlejn aġġustat kif speċifikat fil-paragrafu 7.1.4.1.9.

Figura 1



Id-distanza D1 u D2 għandhom ikunu:


D1 = 325 mm għall-vetturi bi xkaffa għall-pakketti (F1 D1 E1)

D1 = 1 025 mm għall-vetturi b'sits ta' wara bid-dahar jintewa (tat-tip estate) (F2 D2 E2)

Id- dimensjonijiet li jirreferu għas - Cr
għandhom tolleranza ta': ± 2 mm
barra d - distanza tal- qiegħ sas- Cr ± 10 mm

Distanza C – Re = 530 mm
Re jinstab fuq il- linja ċentrali tar - rukkel li jiġbed lura
Angolu "ANG" = 30° massimu


Figura 2



Distanza C – Re = 530 mm
Re jinstab fuq il-linja ċentrali tar-rukkel li jiġbed lura
Angolu "ANG" = 30° massimu

L-erja tal-qiegħ hija ombreġġjata bil-linji

Figura 3


600
82
142
121
3
Il-punt tal-ankraġġ l-iktar 'il quddiem H1, H2
Il-punt tal-ankraġġ l-iktar lura H1, H2
28
58
Il-punt tal-ankraġġ H1
Il-punt tal-ankraġġ H2
280 ± 0,1
Il-punti tal-ankraġġ H1 & H2 – 6 mm ± 0,1 mm
Il-linja ċentrali CRS

ANNESS 7

IL-KURVA TAT-TNAQQIS FIL-VELOĊITÀ JEW L-AĊĊELLERAZZJONI TAT-TROLI, BĦALA FUNZJONI TAL-ĦIN

F'kull każ il-proċeduri tal-ikkalibrar u l-kejl għandhom jikkorrespondu għal dawk definiti fl-Istandard Internazzjonali ISO 6487:2002; it-tagħmir tal-kejl għandu jikkorrispondi mal-ispeċifikazzjoni ta' kanal tad-dejta bil-klassi tal-frekwenza tal-kanal ta' (CFC) 60.


Appendiċi 1

Il-kurva tat-tnaqqis fil-veloċità jew l-aċċellerazzjoni tat-troli, bħala funzjoni tal-ħin

L-impatt minn quddiem

Id-definizzjoni tal-kurvi differenti

Ħin (ms)	Aċċellerazzjoni (g) Kuritur baxx	Aċċellerazzjoni (g) Kuritur għoli
0	—	10
20	0	—
50	20	28
65	20	—
80	—	28
100	0	—
120	—	0



Is-segment addizzjonali (ara l-paragrafu 8.1.3.1.1.3.2) japplika biss għall-islitta tal-aċċellerazzjoni


Appendiċi 2

Il-kurva tat-tnaqqis fil-veloċità jew l-aċċellerazzjoni tat-troli, Bħala funzjoni tal-ħin

L-impatt minn wara

Id-definizzjoni tal-kurvi differenti

Ħin (ms)	Aċċellerazzjoni (g) Kuritur baxx	Aċċellerazzjoni (g) Kuritur għoli
0	—	21
10	0	
10	7	—
20	14	—
37	14	—
52	7	—
52	0	
70	—	21
70	—	0



Is-segment addizzjonali (ara l-paragrafu 8.1.3.1.1.3.2) japplika biss għall-islitta tal-aċċellerazzjoni

ANNESS 8

ID-DESKRIZZJONI TAL-MANIKINI

1. Ġenerali

1.1. Il-manikini stipulati f'dan ir-Regolament huma deskritti fl-Appendiċi 1 sa 3 għal dan l-Anness, u fid-disinni tekniċi prodotti mit-TNO (L-Istitut tar-Riċerka għall-Vetturi tat-Triq), Schoemakerstraat 97, 2628 VK Delft, il-Pajjiżi l-Baxxi.

1.2. Jistgħu jintużaw manikini alternattivi sakemm:

1.2.1. Tista' tinwera l-ekwivalenza tagħhom għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti, u

1.2.2. L-użu tagħhom huwa ddokumentat fir-rapport tat-test, u fil-formola tal-komunikazzjoni deskritta fl-Anness 1 għal dan ir-Regolament.

Appendiċi 1

ID-DESKRIZZJONI TAL-MANIKINI TA' DISA' XHUR U TA' TLIET, SITT U 10 SNIN

1. Ġenerali

1.1. Id-dimensjonijiet u l-mases tal-manikini deskritti aktar 'l isfel huma bbażati fuq l-antropometrija ta' 50 fil-mija tat-trabi li għandhom disa' xhur, u tliet„ sitt u 10 snin rispettivament.

1.2. Il-manikini jikkonsistu fi skeletru tal-metall u tal-poliester b'komponenti tal-ġisem magħmula minn forom tal-poliuretan.

1.3. Għal disinn li juri l-bċejjeċ tal-manikin bħallikieku mifrudin minn xulxin, ara l-Figura 9.

2. Il-kostruzzjoni

2.1. Ir-ras

2.1.1. Ir-ras hija magħmula mill-polijuretejn u rrinforzata minn strixxi tal-metall. Ġewwa r-ras ikun possibbli li jiġi installat it-tagħmir tal-kejl fuq blokka tal-polijamide fiċ-ċentru tal-gravità.

2.2. L-irkiekel (tas-sinsla tad-dahar tal-manikin)

2.2.1. L-irkiekel tal-għonq

2.2.1.1. L-għonq huwa magħmul minn ħames ċrieki tal-poliuretan li fihom ċentru ta' elementi tal-poliammid. Il-blokka tal-ewwel u t-tieni rkiekel tal-għonq hija magħmula mill-poliammid.

2.2.2. L-irkiekel tal-ġenbejn

2.2.2.1. Il-ħames irkiekel tal-ġenbejn huma magħmula mill-poliammid.

2.3. Is-sider

2.3.1. L-iskeletru tas-sider jikkonsisti minn qafas tal-azzar f'forma ta' tubu li fuqu huma armati l-ġogi tad-dirgħajn. Is-sinsla tikkonsisti minn kejbil tal-azzar b'erba' terminali mwaħħla bil-kamin.

2.3.2. L-iskeletru huwa miksi bil-poliuretan. Fil-ħofra tas-sider jista' jitpoġġa tagħmir għall-kejl.

2.4. Id-dirgħajn u r-riġlejn

2.4.1. Id-dirgħajn u r-riġlejn huma wkoll magħmula mill-polijuretejn, irrinforzat b'elementi tal-metall fil-forma ta' tubi, strixxi u pjanċi kwadri. L-irkopptejn u l-minkbejn huma mgħammra b'ġogi tal-pern li jistgħu jiġu aġġustati. Il-ġogi tal-parti ta' fuq tad-driegħ u tal-parti ta' fuq tar-riġel jikkonsistu minn ġogi magħmula minn boċċa u sokit li jistgħu jiġu aġġustati.

2.5. Il-pelvi

2.5.1. Il-pelvi huwa magħmul minn poliester irrinforzat bil-ħġieġ li huwa wkoll miksi bil-poliuretan.

2.5.2. Il-forma tal-parti ta' fuq tal-pelvi, li hija importanti biex tiġi ddeterminata s-sensittività għat-tagħbija addominali, hija simulata kemm jista' jkun possibbli mill-forma ta' pelvi tat-tfal.

2.5.3. Il-ġogi tal-ġenbejn jinstabu eżatt taħt il-pelvi.

2.6. Il-montatura tal-manikin.

2.6.1. L-għonq, is-sider u l-pelvi

2.6.1.1. L-irkiekel tal-ġenbejn u tal-pelvi huma mwaħħla b'kamin fuq il-kejbil tal-azzar u t-tensjoni tagħhom hija aġġustata permezz ta' skorfina. L-irkiekel tal-għonq huma armati u aġġustati bl-istess mod. Minħabba li l-kejbil tal-azzar ma jridx jitħalla ħieles li jiċċaqlaq minn ġos-sider, ma jridx kun possibbli li tiġi aġġustata t-tensjoni tal-irkiekel tal-ġenbejn mill-għonq jew bil-kontra.

2.6.2. Ir-ras u l-għonq

2.6.2.1. Ir-ras tista' tiġi armata u aġġustata permezz ta' bolt u skorfina li jgħaddu mill-blokka tal-ewwel u tat-tieni rukkell tal-għonq.

2.6.3. It-torso, id-dirgħajn u r-riġlejn

2.6.3.1. Id-dirgħajn u r-riġlejn jistgħu jiġu armati u aġġustati mat-torso permezz ta' ġogi magħmula minn boċċa u sokit.

2.6.3.2. Għall-ġogi tad-dirgħajn il-boċċi jitqabbdu mat-torso; fil-każ tal-ġogi tar-riġlejn, dawn jitqabbdu mar-riġlejn.

3. Il-karatteristiċi prinċipali

3.1. Il-massa

Tabella 1

Komponent	Massa f'kgs skont il-grupp tal-età			
	disa' xhur	tliet snin	sitt snin	10 snin
Ir-ras u l-għonq	2.20 ± 0.10	2.70 ± 0.10	3.45 ± 0.10	3.60 ± 0.10
It-torso	3.40 ± 0.10	5.80 ± 0.15	8.45 ± 0.20	12.30 ± 0.30
Il-parti ta' fuq tal-id (2x)	0.70 ± 0.05	1.10 ± 0.05	1.85 ± 0.10	2.00 ± 0.10
Il-parti ta' isfel tal-id (2x)	0.45 ± 0.05	0.70 ± 0.05	1.15 ± 0.05	1.60 ± 0.10
Il-parti ta' fuq tas-sieq (2x)	1.40 ± 0.05	3.00 ± 0.10	4.10 ± 0.15	7.50 ± 0.15
Il-parti ta' isfel tas-sieq (2x)	0.85 ± 0.05	1.70 ± 0.10	3.00 ± 0.10	5.00 ± 0.15
Total	9.00 ± 0.20	15.00 ± 0.30	22.00 ± 0.50	32.00 ± 0.70

3.2. Id-dimensjonijiet prinċipali

3.2.1. Id-dimensjonijiet prinċipali, ibbażati fuq il-Figura 1 ta' dan l-Anness, jingħataw fit-Tabella 2.

Figura 1

Id-dimensjonijiet prinċipali tal-manikin




Tabella 2

Nru	Id-dimensjonijiet	Id-dimensjonijiet f'mm skont il-grupp tal-età			
		disa' xhur	tliet snin	sitt snin	10 snin
1	Mill-parti ta' wara tan-natka sa quddiem tal-irkoppa	195	334	378	456
2	Mill-parti ta' wara tan-natka sal-*popliteus*, bilqiegħda	145	262	312	376
3	Iċ-ċentru tal-gravità tas-sit	180	190	190	200
4	Iċ-ċirkonferenza tas-sider	440	510	580	660
5	Il-fond tas-sider	102	125	135	142
6	Id-distanza bejn l-għadam tal-ispallaId-distanza bejn l-għadam tal-ispalla	170	215	250	295
7	Il-wisa' tar-ras	125	137	141	141
8	It-tul tar-ras	166	174	175	181
9	Iċ-ċirkonferenza tal-ġenbejn, bilqiegħda	510	590	668	780
10	Iċ-ċirkonferenza tal-ġenbejn, wieqaf (ma tintweriex)	470	550	628	740
11	Il-fond tal-ġenbejn, bilqiegħda	125	147	168	180
12	Il-wisa' tal-ġenbejn, bilqiegħda	166	206	229	255
13	Il-wisa' tal-għonq	60	71	79	89
14	Mis-sit sal-minkeb	135	153	155	186
15	Il-wisa' tal-ispalla	216	249	295	345
16	L-għoli tal-għajn, bilqiegħda	350	460	536	625
17	L-għoli, bilqiegħda	450	560	636	725
18	L-għoli tal-ispalla, bilqiegħda	280	335	403	483
19	Mill-qiegħ tas-sieq sal-*popliteus*, bilqiegħda	125	205	283	355
20	L-istatura (ma tintweriex)	708	980	1 166	1 376
21	L-għoli tal-koxxa, bilqiegħda	70	85	95	106

4. L-aġġustament tal-ġogi

4.1. Ġenerali

4.1.1. Biex jinkisbu riżultati li jistgħu jiġu riprodotti billi jintużaw l-manikini, huwa essenzjali li jkunu speċifikati u aġġustati l-frizzjoni fil-ġogi differenti, it-tensjoni fil-kejbils tal-għonq u tal-ġenbejn, u l-ebusija tal-parti li tiddaħħal fl-addome.

4.2. L-aġġustament tal-kejbil tal-għonq

4.2.1. Poġġi t-torso fuq dahru fi pjan orizzontali.


4.2.2. Arma l-montatura kompleta tal-għonq mingħajr ir-ras.

4.2.3. Issikka l-vit tal-apparat li jżid it-tensjoni fuq il-blokka tal-ewwel u tat-tieni rukkell tal-għonq.

4.2.4. Għaddi żbarra jew vit bir-ras u bil-kamin adattat mill-blokka tal-ewwel u tat-tieni rukkell tal-għonq.

4.2.5. Ħoll il-vit tal-apparat li jżid it-tensjoni sakemm il-blokka tal-ewwel u tat-tieni rukkell tal-għonq titniżżel b'10 ± 1 mm meta tiġi applikata tagħbija ta' 50 N diretta 'l isfel fuq l-iżbarra jew fuq il-vit bir-ras u bil-kamin minn ġo l-blokka tal-ewwel u tat-tieni rukkell tal-għonq (ara l-Figura 2).

Figura 2



4.3. Il-ġog tal-ewwel u tat-tieni rukkell tal-għonq


4.3.1. Poġġi t-torso fuq dahru fi pjan orizzontali.

4.3.2. Arma l-montatura kompleta tal-għonq u tar-ras

4.3.3. Issikka l-vit u l-iskorfina tal-aġġustament minn ġor-ras u minn ġol-blokka tal-ewwel u tat-tieni rukkell tal-għonq bir-ras f'pożizzjoni orizzontali.

4.3.4. Ħoll l-iskorfina tal-aġġustament sakemm ir-ras tibda tiċċaqlaq (ara l-Figura 3).

Figura 3



4.4. Il-ġogi tal-ġenbejn

4.4.1. Poġġi l-pelvi fuq żaqqu fi pjan orizzontali.


4.4.2. Arma l-parti ta' fuq tar-riġel mingħajr il-parti t'isfel.

4.4.3. Issikka l-iskorfina tal-aġġustament filwaqt li l-parti ta' fuq tar-riġel tkun f'pożizzjoni orizzontali.

4.4.4. Ħoll l-iskorfina tal-aġġustament sakemm il-parti ta' fuq tar-riġel tibda tiċċaqlaq.

4.4.5. Il-ġog tal-ġenbejn għandu jkun ikkontrollat ta' sikwit fil-fażijiet tal-bidu minħabba problemi ta' "running in" (ara l-Figura 4).

Figura 4



4.5. Il-ġogi tal-irkoppa


4.5.1. Poġġi r-riġel ta' fuq f'pożizzjoni orizzontali.

4.5.2. Arma l-parti t'isfel tar-riġel.

4.5.3. Issikka l-iskorfina tal-aġġustament tal-ġog tal-irkoppa filwaqt li l-parti t'isfel tar-riġel tkun f'pożizzjoni orizzontali.

4.5.4. Ħoll l-iskorfina tal-aġġustament sakemm ir-ras tibda tiċċaqlaq (ara l-Figura 5).

Figura 5



4.6. Il-ġogi tal-ispalla

4.6.1. Poġġi t-torso f'pożizzjoni veritikali.


4.6.2. Arma l-parti ta' fuq tad-driegħ mingħajr il-parti t'isfel tad-driegħ.

4.6.3. Issikka l-iskorfini tal-aġġustament tal-ispalla filwaqt li l-parti ta' fuq tad-driegħ tkun f'pożizzjoni orizzontali.

4.6.4. Ħoll l-iskorfini tal-aġġustament sakemm il-parti ta' fuq tad-driegħ tibda tiċċaqlaq (ara l-Figura 6).

4.6.5. Il-ġogi tal-ispalla għandhom jiġu kkontrollati ta' sikwit fil-fażijiet inizjali minħabba problemi sakemm joqgħod il-manikin.

Figura 6



4.7. Il-ġogi tal-minkeb


4.7.1. Poġġi l-parti ta' fuq tad-driegħ f'pożizzjoni vertikali.

4.7.2. Arma l-parti t'isfel tad-driegħ.

4.7.3. Issikka l-iskorfina tal-aġġustament tal-minkeb filwaqt li l-parti t'isfel tad-driegħ tkun f'pożizzjoni orizzontali.

4.7.4. Ħoll l-iskorfina tal-aġġustament sakemm ir-ras tibda tiċċaqlaq (ara l-Figura 7).

Figura 7




4.8. Il-kejbil tal-ġenbejn

4.8.1. Arma l-parti ta' fuq tat-torso, l-irkiekel tal-ġenbejn, il-parti t'isfel tat-torso, it-tidħil, il-kejbil u l-molla tal-addome.

4.8.2. Issikka l-iskorfina tal-aġġustament tal-kejbil fil-parti t'isfel tat-torso sakemm il-molla tkun ikkompressata għal 2/3 tat-tul tagħha mingħajr tagħbija (ara l-Figura 8).

Figura 8



4.9. L-ikkalibrar tal-parti li tiddaħħal fl-addome

4.9.1. Ġenerali

4.9.1.1. It-test għandu jitwettaq permezz ta' magna adattata li tipproduċi t-tensjoni.

4.9.2. Poġġi l-parti li tiddaħħal fl-addome fuq blokka riġida bl-istess tul u wisa' tal-kolonna tas-sinsla tal-ġenbejn. Il-ħxuna ta' din il-blokka għandha tkun tal-inqas darbtejn dik tal-kolonna tas-sinsla tal-ġenbejn (ara l-Figura 9).

4.9.3. Għandha tiġi applikata tagħbija inizjali ta' 20 N.

4.9.4. Għandha tiġi applikata tagħbija kostanti ta' 50 N.

4.9.5. Il-liwja tal-parti li tiddaħħal fl-addome wara żewġ minuti għandha tkun:


għall- manikin ta' disa' xhur: 11,5 ± 2,0 mm

manikin ta' tliet snin: 11,5 ± 2,0 mm

manikin ta' sitt snin: 13,0 ± 2,0 mm

manikin ta' 10 snin: 13,0 ± 2,0 mm

Figura 9



5. It-tagħmir tal-kejl

5.1. Ġenerali

5.1.1. Il-proċeduri tal-ikkalibrar u tal-kejl għandhom jiġu bbażati fuq l-istandards intenazzjonali tal-ISO 6487 (1980).

5.2. L-installazzjoni tal-aċċellerometru fis-sider

L-aċċellerometru għandu jkun armat fil-ħofra mħarsa fis-sider.

5.3. L-indikazzjoni tal-penetrazzjoni addominali

5.3.1. Kampjun tat-tafal artab għandu jitqabbad b'mod vertikali mal-parti ta' quddiem tal-irkiekel tal-ġenbejn permezz ta' tejp irqiq li jwaħħal.

5.3.2. Liwja fit-tafal artab ma tfissirx neċessarjament li kien hemm penetrazzjoni.

5.3.3. Il-kampjuni tat-tafal artab għandhom ikunu tal-istess tul u wisa' bħall-kolonna tas-sinsla tal-ġenbejn; il-ħxuna tal-kampjuni għandha tkun ta' 25 ± 2 mm.

5.3.4. Għandu jintuża biss it-tafal artab provdut mal-manikini.

5.3.5. It-temperatura tat-tafal artab matul it-test għandha tkun ta' 30 ± 5 °C.

Appendiċi 2

ID-DESKRIZZJONI TAL-MANIKIN TAT-"TARBIJA TAT-TWELID"

Il-manikin jinkludi ras, torso, dirgħajn u riġlejn bħala unità waħda. It-torso, id-dirgħajn u r-riġlejn jinħadmu mis-Sorbothane ġewwa forma waħda u jinksew b'ġilda tal-PVC u li fiha sinsla ta' molla tal-azzar. Ir-ras hija biċċa fowm tal-polijuretejn maħduma f'forma u miksija b'ġilda tal-PVC u hija mwaħħla mat-torso b'mod permanenti. Il-manikin huwa mlibbes b'libsa tal-qoton/polijester li tiġġebbed skont il-forma.

Id-dimensjonijiet u d-distribuzzjoni tal-massa tal-manikin huma bbażati fuq dawk ta' 50 fil-mija tat-trabi tat-twelid u jingħataw fit-Tabelli 1 u 2 u fil-Figura 1.

Tabella 1

Id-dimensjonijiet prinċipali tal-manikin tat-"tarbija tat-twelid"

Dimensjoni		mm	Dimensjoni		mm
A	Koxxa-Qurriegħa	345	F	Il-wisa' tas-sider	105
B	Koxxa - Qiegħ tas-sieq (bir-riġel dritt)	250	G	Il-fond tas-sider	100
C	Il-wisa' tar-ras	105	H	Il-wisa' tal-ġenbejn	105
D	Il-fond tar-ras	125	I	C ta' G mill-parti ta' fuq tar-ras	235
E	Il-wisa' tal-ispalla	150			

Tabella 2


Id-distribuzzjoni tal-massa tal-manikin tat-"tarbija tat-twelid" (*)

Ir-ras u l-għonq	0,7 kg
It-torso	1,1 kg
Id-dirgħajn	0,5 kg
Ir-riġlejn	1,1 kg
Massa totali	3,4 kg

(*) Il-ħxuna tal-ġilda tal-PVC għandha tkun $1 \begin{smallmatrix} + 0{,}5 \text{ mm} \\ - 0 \end{smallmatrix}$
Il-gravità speċifika għandha tkun ta' 0,865 ± 0,1.

Figura 1

L-ikkalibrar tal-manikin tat-tarbija



1. L-EBUSIJA TAL-ISPALLA

1.1. Poġġi l-manikin fuq dahru fuq superfiċje orizzontali u sostni t-torso min-naħa waħda, biex ma jkunx jista' jiċċaqlaq. (il-Figura 2)

1.2. Applika tagħbija ta' 150 N, fuq pompa (plunger) b'wiċċ ċatt b'dijametru ta' 40 mm, b'mod orizzontali, f'direzzjoni perpendikulari għall-assi superjuri-inferjuri tal-manikin. L-assi tal-pompa għandha tkun fiċ-ċentru tal-ispalla tal-manikin u ħdejn il-punt A fuq l-ispalla (ara l-Figura 2). Il-liwja laterali tal-pompa mill-punt tal-ewwel kuntatt mad-driegħ għandha tkun ta' bejn 30 mm u 50 mm.

1.3. Irrepeti fuq l-ispalla opposta – dawwar l-appoġġ ta' taħt fuq.

2. L-EBUSIJA TAL-ĠOG TAR-RIĠEL

2.1. Poġġi l-manikin fuq dahru fuq pjan orizzontali (il-Figura 3) u orbot iż-żewġ partijiet tar-riġel t'isfel flimkien, billi ġġib f'kuntatt il-parti ta' ġewwa tal-irkoppa.

2.2. Applika tagħbija vertikali fuq l-irkopptejn b'pompa b'wiċċ ċatt b'daqs ta' 35 mm × 95 mm bil-linja taċ-ċentru tal-pompa tiġi fuq il-parti l-aktar għolja tal-irkopptejn.

2.3. Applika forza biżżejjed fuq il-pompa biex tgħawweġ il-ġenbejn sakemm il-wiċċ tal-pompa jkun 85 mm fuq mill-pjan tal-appoġġ. Din il-forza għandha tkun bejn 30 N u 70 N. Kun żgur li l-partijiet t'isfel tad-digħajn u tar-riġlejn ma jiġu f'kuntatt mal-ebda superfiċje matul it-test.

3. IT-TEMPERATURA

L-ikkalibrar għandu jitwettaq f'temperatura ta' bejn 15 °C u 30 °C.

Figura 2





Figura 3



Appendiċi 3

ID-DESKRIZZJONI TAL-MANIKIN TA' 18-IL XAHAR

1. ĠENERALI

1.1. Id-dimensjonijiet u l-mases tal-manikin huma bbażati fuq l-antropometrija ta' 50 fil-mija tat-trabi ta' 18-il xahar.

2. IL-KOSTRUZZJONI

2.1. Ir-ras

2.1.1. Ir-ras tikkonsisti minn kranju ta' plastik semi-riġidu miksi b'ġilda tar-ras. Il-kranju għandu ħofra li taħseb għall-armar ta' tagħmir tal-kejl (mhux obbligatorju).

2.2. L-għonq

2.2.1. L-għonq jikkonsisti minn tliet partijiet:

2.2.2. Kolonna solida tal-lastku,

2.2.3. Ġog taċ-ċirkonferenza esterna (OC) li tista' tiġi aġġustata fil-parti ta' fuq tal-kolonna tal-lastku, li tippermetti rotazzjoni taħt frizzjoni li tista' tiġi aġġustata madwar l-assi laterali.

2.2.4. Ġog li ma jistax jiġi aġġustat fil-bażi tal-għonq.

2.3. It-torso

2.3.1. It-torso jikkonsisti minn skeletru tal-plastik, miksi b'sistema ta' mili/ġilda. It-torso għandu ħofra fuq quddiem tal-iskeletru u joqgħod mili tal-fowm biex tinkiseb l-ebusija korretta tat-toraċi. It-torso għandu ħofra fuq in-naħa ta' wara li taħseb għall-montatura tat-tagħmir tal-kejl.

2.4. L-addome

2.4.1. L-addome tal-manikin huwa element f'parti waħda li jista' jiġi ddeformat li jiddaħħal fil-fetħa ta' bejn it-toraċi u l-pelvi.

2.5. Is-sinsla tal-ġenbejn

2.5.1. Is-sinsla tal-ġenbejn tikkonsisti minn kolonna tal-lastku li hija armata bejn l-iskeletru tat-toraċi u l-pelvi. L-ebusija tas-sinsla tal-ġenbejn hija ffissata minn qabel permezz ta' kejbil tal-metall li jgħaddi miċ-ċentru vojt tal-kolonna tal-lastku.

2.6. Il-pelvi

2.6.1. Il-pelvi huwa magħmul minn plastik semi-riġidu, u huwa magħmul fil-forma ta' pelvi tat-tfal. Huwa miksi minn sistema ta' ġilda tal-ġisem, li tissimula l-laħam/il-ġilda ta' madwar il-pelvi u n-natka.

2.7. Il-ġog tal-ġenbejn

2.7.1. Il-ġogi tal-ġenbejn jiġu armati mal-parti t'isfel tal-pelvi. Il-ġog jippermetti rotazzjoni madwar assi laterali kif ukoll għar-rotazzjoni madwar assi f'angolu rett mal-assi laterali permezz ta' ġimbal joint. Il-frizzjoni li tista' tiġi aġġustata tapplika għaż-żewġ assi.

2.8. Il-ġog tal-irkoppa

2.8.1. Il-ġog tal-irkoppa jippermetti l-flessjoni u l-estensjoni tar-riġel t'isfel taħt frizzjoni li tista' tiġi aġġustata.

2.9. Il-ġog tal-ispalla

2.9.1. Il-ġog tal-ispalla jiġi armat fuq l-iskeletru tat-toraċi. Il-waqqafiet li jfaqqgħu meta jidħlu f'posthom jippermettu li d-driegħ jitqiegħed f'żewġ pożizzjonijiet inizjali.

2.10. Il-ġog tal-minkeb

2.10.1. Il-ġog tal-minkeb jippermetti l-flessjoni u l-estensjoni tad-driegħ t'isfel. Il-waqqafiet li jfaqqgħu meta jidħlu f'posthom jippermettu li d-driegħ t'isfel jitqiegħed f'żewġ pożizzjonijiet inizjali.

2.11. Il-montatura tal-manikin.

2.11.1. Il-kejbil tas-sinsla huwa armat fis-sinsla tal-ġenbejn.

2.11.2. Is-sinsla tal-ġenbejn hija armata fl-iskeletru bejn il-pelvi u s-sinsla tat-toraċi.

2.11.3. Il-parti li tiddaħħal fl-addome hija mwaħħla bejn it-toraċi u l-pelvi.

2.11.4. L-għonq huwa armat fuq il-parti ta' fuq tat-toraċi.

2.11.5. Ir-ras hija armata fuq l-għonq bl-użu tal-pjanċa komuni għaż-żewġ partijiet.

2.11.6. Jiġu armati d-dirgħajn u r-riġlejn.

3. IL-KARATTERISTIĊI PRINĊIPALI

3.1. Il-massa

Tabella 1

Id-distribuzzjoni tal-massa għall-manikin ta' 18-il xahar

Komponent	Il-massa (kg):
Ir-ras u l-għonq	2,73
It-torso	5,06
Il-parti ta' fuq tad-driegħ	0,27
Il-parti ta' isfel tad-driegħ	0,25
Il-parti ta' fuq tar-riġel	0,61
Il-parti ta' isfel tar-riġel	0,48
Massa totali	11,01

3.2. Id-dimensjonijiet prinċipali

3.2.1. Id-dimensjonijiet prinċipali, ibbażati fuq il-Figura 1 ta' dan l-anness (riprodotti hawn taħt), jingħataw fit-tabella 2.

Figura 1

Id-dimensjonijiet prinċipali tal-manikin




Tabella 2

Nru	Dimensjoni	Il-valur (mm)
1	Mill-parti ta' wara tan-natka sa quddiem tal-irkoppa	239
2	Mill-parti ta' wara tan-natka sal-*popliteus*, bilqiegħda	201
3	Iċ-ċentru tal-gravità tas-sit	193
4	Iċ-ċirkonferenza tas-sider	474
5	Il-fond tas-sider	113
7	Il-wisa' tar-ras	124
8	It-tul tar-ras	160
9	Iċ-ċirkonferenza tal-ġenbejn, bilqiegħda	510
10	Iċ-ċirkonferenza tal-ġenbejn, wieqaf (ma tintweriex)	471
11	Il-fond tal-ġenbejn, bilqiegħda	125
12	Il-wisa' tal-ġenbejn, bilqiegħda	174

Nru	Dimensjoni	Il-valur (mm)
13	Il-wisa' tal-għonq	65
14	Mis-sit sal-minkeb	125
15	Il-wisa' tal-ispalla	224
17	L-għoli, bilqiegħda	495 (*)
18	L-għoli tal-ispalla, bilqiegħda	305
19	Mill-qiegħ tas-sieq sal-*popliteus*, bilqiegħda	173
20	L-istatura (ma tintweriex)	820 (*)
21	L-għoli tal-koxxa, bilqiegħda	66

(*) In-natka tal-manikin, bid-dahar u r-ras iserrhu ma' wiċċ vertikali.

4. L-AĠĠUSTAMENT TAL-ĠOGI

4.1. Ġenerali

4.1.1. Biex jinkisbu riżultati li jistgħu jiġu riprodotti bl-użu tal-manikini, huwa essenzjali li jiġu aġġustati l-frizzjoni fil-ġogi differenti, it-tensjoni fis-sinsla tal-ġenbejn u l-ebusija tal-parti li tiddaħħal fl-addome.


Il-partijiet kollha jridu jiġu kkontrollati għal ħsarat qabel dawn l-istruzzjonijiet.

4.2. Is-sinsla tal-ġenbejn

4.2.1. Is-sinsla tal-ġenbejn hija kkalibrata qabel ma tiġi armata fil-manikin.

4.2.2. Waħħal il-pjanċa tal-montatura t'isfel tas-sinsla tal-ġenbejn ma' tagħmir b'tali mod li n-naħa ta' quddiem tas-sinsla tal-ġenbejn tinsab fil-qiegħ (il-Figura 2).

Figura 2



4.2.3. Applika forza 'l isfel ta' 250 N mal-pjanċa tal-montatura ta' fuq. L-ispostament 'l isfel li jirriżulta għandu jiġi rreġistrat bejn sekonda u tnejn wara l-bidu tal-appikazzjoni tal-forza, u għandu jkun bejn 9 u 12-il mm.

4.3. L-addome


4.3.1. Immonta l-parti li tiddaħħal fl-addome fuq blokka riġida bl-istess tul u wisa' tal-kolonna tas-sinsla tal-ġenbejn. Il-ħxuna ta' din il-blokka għandha tkun tal-inqas darbtejn dik tal-kolonna tas-sinsla tal-ġenbejn (il-Figura 3).

4.3.2. Għandha tiġi applikata tagħbija inizjali ta' 20 N.

4.3.3. Għandha tiġi applikata tagħbija kostanti ta' 50 N.

4.3.4. Wara żewġ minuti, il-liwja tal-parti li tiddaħħal fl-addome għandha tkun ta' 12 ± 2 mm.


Figura 3



4.4. L-aġġustament tal-għonq

4.4.1. Arma l-għonq sħiħ, li jikkonsisti mill-kolonna tal-lastku, mill-ġog tal-bażi f'forma ta' sfera u mill-ġog tal-OC ma' superfiċje vertikali b'tali mod li n-naħa ta' quddiem tkun tħares 'l isfel (il-Figura 4).

Figura 4



4.4.2. Applika forza ta' 100 N b'direzzjoni vertikali fuq l-assi tal-linja tal-OC. Il-pożizzjoni tal-ġog tal-OC għandha turi spostament 'l isfel ta' bejn 22 ± 2 mm.

4.5. Il-ġog tal-OC

4.5.1. Arma l-montatura kompleta tal-għonq u tar-ras

4.5.2. Poġġi t-torso fuq dahru fi pjan orizzontali.

4.5.3. Issikka l-vit u l-iskorfina tal-aġġustament minn ġor-ras u mill-ġog tal-OC permezz ta' spàner apposta (torque wrench) sakemm ir-ras ma tkunx tista' tiċċaqlaq minħabba l-gravità.

4.6. Il-ġenb

4.6.1. Arma r-riġel ta' fuq, mingħajr ir-riġel t'isfel, mal-pelvi.

4.6.2. Poġġi r-riġel ta' fuq f'pożizzjoni orizzontali.

4.6.3. Żid il-frizzjoni eżerċitata fuq l-assi laterali sakemm ir-riġel ma jkunx jista jiċċaqlaq minħabba l-gravità.

4.6.4. Poġġi r-riġel ta' fuq f'pożizzjoni orizzontali, fid-direzzjoni tal-assi laterali.

4.6.5. Żid il-frizzjoni fil-gimbal joint sakemm ir-riġel ta' fuq ma jiċċaqlaqx minħabba l-gravità.

4.7. L-irkoppa

4.7.1. Arma r-riġel t'isfel mar-riġel ta' fuq.

4.7.2. Poġġi r-riġlejn ta' fuq u t'isfel f'pożizzjoni orizzontali, bir-riġel ta' fuq sostnut.

4.7.3. Issikka l-iskorfina tal-aġġustament fl-irkoppa sakemm ir-riġel t'isfel ma' jkunx jista' jiċċaqlaq minħabba l-gravità.

4.8. L-ispalel

4.8.1. Estendi d-driegħ t'isfel u poġġi d-driegħ ta' fuq fl-ogħla pożizzjoni li jfaqqa' fiha.

4.8.2. Il-waqqafiet li jfaqqgħu meta jidħlu f'posthom fl-ispalla għandhom jingħataw servis jew jinbidlu jekk id-driegħ ma jibqax f'din il-pożizzjoni.

4.9. Il-minkeb

4.9.1. Poġġi d-driegħ ta' fuq fl-aktar pożizzjoni baxxa li jfaqqa' fiha, u d-driegħ t'isfel fil-pożizzjoni ta' waqfa ta' fuq li jfaqqa' fiha.

4.9.2. Il-waqqafiet li jfaqqgħu fil-minkeb għandhom jingħataw servis jew jinbidlu jekk id-driegħ t'isfel ma jibqax f'din il-pożizzjoni.

5. IT-TAGĦMIR TAL-KEJL

5.1. Ġenerali

5.1.1. Għalkemm saru tħejjijiet biex il-manikin tat-18-il xahar jiġi mgħammar b'numru ta' transducers, huwa mgħammar b'mod standard b'sostituzzjonijiet ta' daqs u piż ugwali.

5.1.2. Il-proċeduri tal-ikkalibrar u tal-kejl għandhom jiġu bbażati fuq l-istandard intenazzjonali tal-ISO 6487:(1980).

5.2. L-installazzjoni tal-aċċellerometru fis-sider

5.2.1. L-aċċellerometru għandu jkun armat fil-ħofra fis-sider. Dan isir mill-parti ta' wara tal-manikin.

5.3. L-indikazzjoni tal-penetrazzjoni addominali

5.3.1. Jekk ikun hemm jew ma jkunx hemm penetrazzjoni addominali trid tiġi vvalutata billi tintuża fotografija ta' veloċità għolja (high speed photography).

ANNESS 9

IT-TEST TAL-IMPATT MINN QUDDIEM KONTRA OSTAKLU

1. L-installazzjonijiet, il-proċedura u t-tagħmir tal-kejl

1.1. Fejn isir it-test

L-erja għat-test għandha tkun kbira biżżejjed biex takkomoda l-mogħdija tar-rankatura, l-ostaklu u l-installazzjonijiet tekniċi meħtieġa għat-test. L-aħħar parti tal-mogħdija, għal tal-inqas 5 m qabel l-ostaklu, trid tkun orizzontali, ċatta u lixxa.

1.2. L-ostakolu

L-ostaklu jikkonsisti minn blokka tal-konkrit rrinforzat wiesgħa mhux inqas minn 3 m fuq quddiem u għolja mhux inqas minn 1.5 m. L-ostaklu jrid ikun ta' tali ħxuna li jiżen tal-inqas 70 tunnellata metrika. Il-wiċċ ta' quddiem irid ikun vertikali, perpendikulari għall-assi tal-mogħdija tar-rankatura, u miksi b'bords tal-plajwud bi ħxuna ta' 20 ± 1 mm f'kondizzjoni tajba. L-ostaklu għandu jew ikun marbut mal-art jew impoġġi fuq l-art b'tagħmir addizzjonali għat-twaqqif biex ikun limitat l-ispostament tiegħu, jekk ikun meħtieġ. Ostaklu b'karatteristiċi differenti, imma li jagħti riżultati tal-inqas li jwasslu għall-istess konklużjoni, jistgħu wkoll jiġu użati.

1.3. Il-propulsjoni tal-vettura

Fil-mument tal-impatt, il-vettura m'għandhiex tiġi aktar soġġetta għall-azzjoni ta' kwalunkwe tagħmir li jidderieġi jew ta' kwalunkwe tagħmir li jimbotta addizzjonali. Għandha tilħaq l-ostaklu f'rotta perpendikulari għall-ħajt tal-kolliżjoni; it-telfien massimu fl-allinjament laterali permess bejn il-linja medjana vertikali ta' quddiem tal-vettura u l-linja medjana vertikali tal-ħajt tal-kolliżjoni huwa ta' ± 30 cm.

1.4. L-istat tal-vettura

1.4.1. Il-vettura li qed tiġi ttestjata trid jew tkun mgħammra bil-komponenti u t-tagħmir kollha normali inklużi fil-piż tas-servizz mingħajr passiġġieri tagħha jew tkun f'tali kondizzjoni li tissodisfa din il-kondizzjoni meħtieġa fir-rigward tal-komponenti u t-tagħmir tal-kumpartiment tal-passiġġieri u lid-distribuzzjoni tal-piż tas-servizz tal-vettura kollha.

1.4.2. Jekk il-vettura hija misjuqa permezz ta' mezzi esterni, l-installazzjoni tal-fjuwil trid tkun tal-inqas sa 90 % tal-kapaċità tagħha, jew bi fjuwil jew b'likwidu li ma jaqbadx, b'densità u viskożità simili għal dawk tal-fjuwil li jintuża normalment. Is-sistemi l-oħra kollha (il-kontenituri tal-fluwidu tal-brejkijiet, ir-radjatur, eċċ.) iridu jkunu vojta.

1.4.3. Jekk il-vettura tinsaq permezz tal-magna tagħha stess, it-tank tal-fjuwil għandu jkun tal-inqas 90 % mimli. It-tankijiet l-oħra kollha li jżommu xi likwidu għandhom jimtlew sa fejn jifilħu jimtlew.

1.4.4. Jekk il-manifattur jitlob hekk, is-Servizz Tekniku responsabbli mit-twettiq it-testijiet jista' jippermetti li tintuża l-istess vettura użata għal testijiet provduti minn Regolamenti oħra (inklużi testijiet li jistgħu jaffetwaw l-istruttura tagħha) ukoll għat-testijiet provduti f'dan ir-Regolament.

1.5. Il-veloċità tal-impatt

Il-veloċità tal-impatt għandha tkun ta' 50 + 0/– 2 km/h. Madankollu, jekk it-test twettaq b'veloċità ta' impatt akbar u l-vettura ssodisfat il-kondizzjonijiet stipulati, it-test jitqies bħala sodisfaċenti.

1.6. L-istrumenti tal-kejl

It-tagħmir użat biex tiġi rreġistrata l-veloċità li tissemma fil-paragrafu 1.5t'aktar fuq għandha tkun eżatta sa 1 fil-mija.

ANNESS 10

IL-PROĊEDURA TAT-TEST TAL-IMPATT MINN WARA

1. L-installazzjonijiet, il-proċeduri u t-tagħmir tal-kejl

1.1. Fejn isir it-test

L-erja tat-test għandha tkun kbira biżżejjed biex takkomoda s-sistema tal-propulsjoni tal-apparat tal-impatt u biex tippermetti l-ispostament ta' wara l-impatt tal-vettura milquta u l-installazzjoni tat-tagħmir tat-test. Il-parti fejn isiru l-impatt tal-vettura u l-ispostament għandhom ikunu orizzontali. (In-niżla għandha tkun ta' inqas minn 3 fil-mija mkejla fuq kwalunkwe tul ta' metru.)

1.2. L-apparat tal-impatt

1.2.1. L-apparat tal-impatt għandu jkun magħmul mill-azzar u jkun ta' kostruzzjoni riġida.

1.2.2. Is-superfiċje tal-impatt għandha tkun ċatta u wiesgħa tal-inqas 2 500 mm u għolja tal-inqas 800 mm. It-truf tagħha għandhom jiġu ttondjati għal kurvatura b'radju ta' bejn 40 u 50 mm. Din għandha tinkesa b'saff ta' plajwudd oħxon 20 ± 1 mm.

1.2.3. Fil-mument tal-impatt għandhom jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet meħtieġa li ġejjin:

1.2.3.1. is-superfiċje tal-impatt għandha tkun vertikali u perpendikulari għall-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura milquta;

1.2.3.2. id-direzzjoni tal-moviment tal-apparat tal-impatt għandha tkun sostanzjalment orizzontali u parallel għall-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura milquta;

1.2.3.3. id-devjazzjoni laterali massima permessa bejn il-linja vertikali medjana tas-superfiċje tal-apparat tal-impatt u l-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura milquta għandha tkun ta' 300 mm. Barra minn dan, is-superfiċje tal-impatt għandha testendi fuq il-wisa' kollha tal-vettura milquta;

1.2.3.4. l-għoli mill-art tal-parti t'isfel tas-superfiċje tal-impatt għandha tkun ta' 175 ± 25 mm.

1.3. Il-propulsjoni tal-apparat tal-impatt

L-apparat tal-impatt jista' jew jintrabat sew ma' kerġ (ostaklu li jimxi) jew jifforma parti minn pendlu.

1.4. Dispożizzjonijiet speċjali applikabbli fejn jintuża ostaklu li jimxi

1.4.1. Jekk l-apparat tal-impatt jintrabat ma' kerġ (ostaklu li jimxi) permezz ta' element li jrażżan, dan tal-aħħar irid ikun riġidu u m'għandux ikun jista' jiġi deformat mill-impatt; il-kerġ għandha, fil-mument tal-impatt, tkun tista' tiċċaqlaq liberament u m'għandiex tkun aktar soġġett għall-azzjoni tat-tagħmir li jimbuttah.

1.4.2. Il-massa tal-kerġ u tal-apparat tal-impatt flimkien għandha tkun ta' 1 100 ± 20 kg.

1.5. Dispożizzjonijiet speċjali applikabbli fejn jintuża pendlu

1.5.1. Id-distanza bejn iċ-ċentru tas-superfiċje tal-impatt u l-assi tar-rotazzjoni tal-pendlu m'għandhiex tkun inqas minn 5 m.

1.5.2. L-apparat ta l-impatt għandu jkun sospiż liberament permezz ta' dirgħajn riġidi, li jkunu marbuta miegħu b'mod riġidu. Sostanzjalment, il-pendlu li huwa magħmul b'dan il-mod m'għandux ikun jista' jiġi deformat mill-impatt.

1.5.3. Għandu jiġi inkorporat tagħmir li jwaqqaf fil-pendlu biex jipprevjeni kwlaunkwe impatt sekondarju mill-apparat tal-impatt fuq il-vettura tat-test.

1.5.4. Fil-mument tal-impatt, il-veloċità taċ-ċentru tal-perkussjoni tal-pendlu għandha tkun bejn 30 u 32 km/s.

1.5.5. Il-massa mnaqqsa "m_r" fiċ-ċentru tal-perkussjoni tal-pendlu hija definita bħala funzjoni tal-massa totali "m", tad-distanza "a" (*) bejn iċ-ċentru tal-perkussjoni u l-assi tar-rotazzjoni, u tad-distanza "l" bejn iċ-ċentru tal-gravità u l-assi tar-rotazzjoni, permezz tal-ekwazzjoni li ġejja:

(*) Id-distanza "a" hija ugwali għat-tul tal-pendlu sinkroniku li qed jiġi kkunsidrat.

$$m_r = m \cdot \frac{1}{a}$$

1.5.6. Il-massa mnaqqsa "m_r" għandha tkun 1 100 ± 20 kg.

1.6. Id-dispożizzjonijiet ġenerali li jirrelataw mal-massa u mal-veloċità tal-apparat tal-impatt

Jekk it-test twettaq b'veloċità tal-impatt akbar minn dawk stipulati fil-paragrafu 1.5.4 u/jew b'massa akbar minn dawk stipulati fil-paragrafi 1.5.3 jew 1.5.6, u l-vettura ssodisfat il-kondizzjonijiet meħtieġa stipulati, it-test għandu jiġi kkunsidrat sodisfaċenti.

1.7. L-istat tal-vettura matul it-test

Il-vettura li qed tiġi ttestjata għandha jew tkun mgħammra bil-komponenti u t-tagħmir normali kollha inklużi fil-piż tas-servizz mingħajr il-passiġġieri tagħha jew tkun f'tali kondizzjoni li tissodisfa din il-kondizzjoni meħtieġa fejn għandha x'taqsam id-distribuzzjoni tal-piż tas-servizz tal-vettura fit-total tagħha.

1.8. Il-vettura kompleta bit-trażżin għat-tfal installat skont l-istruzzjonijiet tal-installazzjoni għandha titpoġġa fuq wiċċ iebes, ċatt u livell, bill-ħendbrejk imniżżel u f'ger newtrali. Jista' jiġi ttestjat aktar minn trażżin għat-tfal wieħed fl-istess test tal-impatt.

ANNESS 11

Ankraġġi addizzjonali meħtieġa biex jintrabat it-trażżin għat-tfal tal-kategorija semiuniversali ma' vetturi bil-magna

1. Dan l-anness japplika biss ankraġġi addizzjonali biex jintrabat trażżin għat-tfal tal-kategorija "semiuniversali" jew ma' żbarri jew ma' oġġetti oħra speċjali użati biex jitwaħħal sew ittagħmir tat-trażżin għat-tfal mal-qafas, kemm jekk jintuża l-ankraġġi tar-Regolament Nru 14 u kemm jekk le.

2. L-ankraġġi għandhom jiġu determinati mill-manifattur tat-trażżin għat-tfal u d-dettalji għandhom jitressqu għall-approvazzjoni lis-Servizz Tekniku li qed iwettaq it-testijiet.


   Is-Servizzi Tekniċi jistgħu jqisu l-informazzjoni miksuba mingħand il-manifattur tal-vettura.

3. Il-manifattur tat-trażżin għat-tfal għandu jipprovdi l-partijiet meħtieġa għall-installazzjoni tal-ankraġġi u pjanta speċjali għal kull vettura li turi l-pożizzjoni eżatta tagħhom.

4. Il-manifattur tat-trażżin għat-tfal għandu jindika jekk l-nkraġġi meħtieġa biex jintrabat it-trażżin mal-istruttura tal-karrozza huwiex skont il-kondizzjonijiet meħtieġa tal-pożizzjoni u tas-saħħa tal-paragrafu 3 quddiem fir-rakkomandazzjoni mogħtija lill-Gvernijiet li bihsiebhom jadottaw kondizzjonijiet meħtieġa speċifiċi fir-rigward ta' ankraġġi għat-trażżin għat-tfal użati fil-karozzi tal-passiġġieri. [1]

[1] Ara t-test tar-Regolament Nru 16.

ANNESS 12



Dimensjonijiet f'mm

ANNESS 13

IĊ-ĊINTURIN TAS-SIGURTÀ STANDARD

1. Iċ-ċinturin tas-sigurtà għat-test dinamiku u għall-kondizzjoni meħtieġa tat-tul massimu għandu jsir skont waħda mill-konfigurazzjonijiet murija fil-Figura 1. Dawn huma ċinturin bi tliet ankraġġi li jingħibed lura u ċinturin statiku b'żewġ ankraġġi.

2. Iċ-ċinturin bi tliet ankraġġi li jingħibed lura għandu l-partijiet riġidi li ġejjin: apparat li jiġbed lura (R), ingassa ta' mal-kolonna (P), żewġ punti għall-ankraġġ (A1 u A2) (ara l-Figura 1), u parti ċentrali (N, fid-dettal fil-Figura 3). L-apparat li jiġbed lura għandu jkun konformi mal-kondizzjonijiet meħtieġa tar-Regolament Nru 16 għall-forza li biha jiġbed lura. Id-dijametru tar-rukkell tal-apparat li jiġbed lura huwa ta' 33 ± 0,5 mm.

3. Iċ-ċinturin li jingħibed lura għandu jiġi installat mal-ankraġġi fuq is-sit tat-test, deskritti fl-Appendiċi 1 u 4 tal-Anness 6, kif ġej:

L-ankraġġ għaċ-ċinturin A1 għandu jitwaħħal mal-ankraġġ tat-troli B0 (lejn in-naħa ta' barra)

L-ankraġġ għaċ-ċinturin A2 għandu jitwaħħal mal-ankraġġ tat-troli A (lejn in-naħa ta' ġewwa)

L-ingassa ta' mal-kolonna taċ-ċinturin P għandha titwaħħal mal-ankraġġ tat-troli C.

L-apparat li jiġbed lura taċ-ċinturin R għandu jitwaħħal mal-ankraġġ tat-troli b'tali mod li l-linja taċ-ċentru tar-rukkell titqiegħed fuq Re.

Il-valur ta' X fil-Figura 1 t'aktar 'l isfel huwa ta' 200 ± 5 mm. It-tul effettiv taċ-ċinga bejn A1 u l-linja taċ-ċentru tar-rukkell tal-apparat li jiġbed lura Re (meta l-istrixxi jkunu estratti għalkollox, inkluż it-tul minimu ta' 150 mm għall-ittestjar tal-kategoriji universali u semiuniversali għandu jkun ta' 28 205 mm meta dan jitkejjel f'linja dritta mingħajr tagħbija u fuq superfiċje orizzontali; dan it-tul jista' jiġi miżjud għall-ittestjar tal-kategorija ristretta; għall-kategoriji kollha bit-trażżin għat-tfal installat għandu jkun hemm minimu ta' tul ta' ċinga ta' 150 mm fuq ir-rukkell tal-apparat li jiġbed lura.

4. Il-kondizzjonijiet meħtieġa taċ-ċinga huma kif ġej:

Materjal: poliester *spinnblack* — wisa: 48 ± 2 mm at 10 000 N

— il-ħxuna: 1,0 ± 0,2 mm

— it-titwil: 8 ± 2 fil-mija at 10 000 N

5. Iċ-ċinturin statiku b'żewġ ankraġġi kif muri fil-Figura 1 jikkonsisti f'żewġ pjanċi tal-ankraġġ standard kif muri fil-Figura 2 u ċinga li tissodisfa l-kondizzjonijiet meġtieġa tal-paragrafu 4 t'aktar fuq.

6. Il-pjanċi tal-ankraġġ taċ-ċinturin b'żewġ ankraġġi għandhom jitwaħħlu mal-ankraġġ tat-troli A u B. Il-valur ta' Y fil-Figura 1 huwa ta' 1 300 ± 5 mm. Din hija l-kondizzjoni meħtieġa tat-tul massimu għall-approvazzjoni tat-trażżin għat-tfal universali b'ċinturini b'żewġ ankraġġi (ara l-para. 6.1.9)

Figura 1

Il-konfigurazzjonijiet taċ-ċinturini tas-sigurtà standard




Figura 2

Pjanċa tal-ankraġġ standard tipika

Dimensjonijiet f'mm




Figura 3

Il-parti ċentrali tal-konfigurazzjoni taċ-ċinturin standard

Irfinatura: Kisja bil-kromju





Figura 4


Saldatura fil-post

Dimensjonijiet f'mm



ANNESS 14

L-ISKEMA TAL-APPROVAZZJONI TAT-TIP (FLOW CHART ISO 9002:2000)



Noti:

(0) jew standard ekwivalenti għal dan bl-esklużjoni permissibbli tal-kondizzjonijiet meħtieġa relatati mal-kunċetti ta' disinn u ta' żvilupp, il-punt 7.3 "Is-sodisfazzjon tal-klijent u t-titjib kontinwu"

(1) dawn it-testijiet għandhom isiru mis-Servizz Tekniku

(2) żjara għand il-manifattur għal spezzjoni u għal teħid ta' kampjuni bl-addoċċ mill-Awtorità jew mis-Servizz Tekniku

(a) jekk ma jkunx hemm ISO 9002:2000: darbtejn fis-sena

(b) jekk ma jkunx hemm ISO 9002:2000: darba fis-sena

(3) testijiet skont l-Anness 16

(a) jekk ma jkunx hemm ISO 9002:2000:

(i) tal-Awtorità jew tas-Servizz Tekniku matul iż-żjara tan-nota f'qiegħ il-paġna 2a

(ii) tal-manifattur bejn iż-żjajjar tan-nota f'qiegħ il-paġna 2b

(b) jekk ma jkunx hemm ISO 9002:2000: meħud mill-manifattur, proċedura kkontrollata matul iż-żjara tan-nota f'qiegħ il-paġna 2b.

ANNESS 15

NOTI TA' SPJEGAZZJONI

In-noti ta' spjegazzjoni provduti f'dan l-Anness jirrigwardaw diffikultajiet fl-interpretazzjoni tar-Regolament. Dawn huma maħsuba bħala gwida għas-Servizzi Tekniċi li qed iwettqu t-testijiet.

Il-paragrafu 2.10.1

Apparat li jaġġusta malajr jista' jkun ukoll tagħmir b'xaft u molla għar-rotazzjoni simili għal apparat li jiġbed lura li jinħall b'mod manwali. L-apparat li jaġġusta għandu jiġi ttestjat skont il-kondizzjonijiet meħtieġa tal-paragrafi 7.2.2.5 u 7.2.3.1.3.

Il-paragrafu 2.19.2.

Trażżin semiuniversali speċifikat biex jitwaħħal mas-sit ta' wara kemm f'vetturi tat-tip saloon (karozza li fiha fejn joqgħodu s-sewwieq u l-passiġġieri huwa maqtugħ minn fejn jitqiegħdu l-bagalji) u kemm f'dawk tat-tip estate, li fihom il-montatura taċ-ċinturin kollu huwa identiku, huwa "tip" wieħed.

Il-paragrafu 2.19.3

Għandu jitqies is-sinfikat tal-bidliet fid-dimensjonijiet u/jew fil-massa tas-sit, fl-ikkuttunar jew fil-ħarsien mill-impatt u fil-karatteristiċi li jassorbixxu l-enerġija jew fil-kulur tal-materjal meta tittieħed id-deċiżjoni jekk jinħoloqx tip ġdid.

Il-paragrafi 2.19.4 u 2.19.5.

Dawn il-paragrafi m'għandhomx japplikaw għal kwalunkwe ċinturin tas-sigurtà approvat separatament skont ir-Regolament Nru 16 li huwa bżonnjuż biex jintrabat it-trażżin għat-tfal mal-vettura jew biex jitrażżan it-tifel.

Il-paragrafu 6.1.2.

Għal trażżin għat-tfal li jħares lura, il-pożizzjoni korretta tal-parti ta' fuq tat-trażżin relattiva għar-ras tal-manikin ta' tifel(tifla) hija żgurata billi jiġi installat l-akbar manikin, li t-tagħmir kien speċifikat għalih, fil-konfigurazzjoni l-aktar mimduda, u filwaqt li jkun żgurat li linja orizzontali fl-għoli tal-għajn tgħaddi taħt il-parti ta' fuq tas-sit.

Il-paragrafu 6.1.8.

Il-kondizzjoni meħtieġa ta' 150 mm tapplika wkoll għall-kerrikots.

Il-paragrafu 6.2.4.

Il-limitu ta' moviment aċċettabbli taċ-ċinturin tal-ispalla huwa li t-tarf li jinsab aktar 'l isfel tal-parti tal-ispalla taċ-ċinturin tas-sigurtà standard m'għandux ikun aktar baxx mill-minkeb tal-manikin fil-punt tal-ħruġ massimu tal-manikin.

Il-paragrafu 6.2.9.

Huwa mifhum li dan japplika wkoll għat-tagħmir li għandhom tagħmir tal-qfil bħal dan anki jekk dan mhux meħtieġ għal dak il-grupp. Għalhekk it-test għandu jkun applikat biss għal tagħmir tal-grupp 2, imma skont il-forza provduta, jiġifieri darbtejn il-massa tal-manikin tal-grupp 1.

Il-paragrafu 7.1.3.

It-test tal-qlib ta' taħt fuq ser jitwettaq bl-użu tal-istess proċedura tal-installazzjoni u parametri bħal dawk definiti għat-test dinamiku.

Il-paragrafu 7.1.3.1.

Mhux permess li jitwaqqaf it-tagħmir matul il-qlib.

Il-paragrafu 7.1.4.2.2.

Il-kliem ta' dan il-paragrafu jirreferi għall-aċċellerazzjonijiet li jirrapreżentaw it-tagħbijiet tat-tensjoni fis-sinsla tal-manikin.

Il-paragrafu 7.1.4.3.1.

Is-sinjali viżibbli tal-penetrazzjoni tfisser il-penetrazzjoni tat-tafal permezz tat-tidħil tal-addome (taħt pressjoni mit-trażżin) imma mhux it-tagħwiġ tat-tafal mingħajr kompressjoni f'direzzjoni orizzontali bħal ma jiġri per eżempju permezz ta' tagħwiġ sempliċi tas-sinsla. Ara wkoll l-interpretazjoni tal-paragrafu 6.2.4.

Il-paragrafu 7.2.1.5.

Ikun hemm konformità mal-ewwel sentenza jekk l-id tal-manikin setgħet tilħaq il-bokkla.

Il-paragrafu 7.2.2.1.

Għandu jintuża biex ikun żgurat li ċineg għall-gwida approvati separatament jistgħu jitwaħħlu u jinqalgħu faċilment

Il-paragrafu 7.2.4.1.1.

Huma meħtieġa żewġ ċineg. Kejjel it-tagħbija li tqatta' ċ-ċinga tal-ewwel ċinga. Kejjel il-wisa' tat-tieni ċinga b'75 fil-mija ta' din it-tagħbija.

Il-paragrafu 7.2.4.4.

M'għandhomx ikunu permessi oġġetti li jistgħu jiżżarmaw jew jinħallu mill-kamin u fejn l-armar mill-ġdid mhux korrett huwa probabbli meta jsir minn utent li mhux imħarreġ u jista' jirriżulta f'konfigurazzjoni perikoluża.

Il-paragrafu 8.1.2.2.

"Marbut mas-sit" tfisser is-sit tat-test kif provdut fl-Anness 6. "Tagħmir speċifiku jista" tfisser li trażżin "speċifiku" normalment għandu jiġi ttestjat għall-qlib meta jkun installat fis-sit tat-test, imma li l-ittestjar fis-sit tal-vettura kien permess.

Il-paragrafu 8.2.2.1.1.

"B'kunsiderazzjoni għall-kondizzjonijiet normali tal-użu" tfisser li dan it-test għandu jitwettaq bit-trażżin armat fuq is-sit tat-test jew fuq is-sit tal-vettura imma mingħajr il-manikin.

Il-manikin għandu jintuża biss biex jiġi jitqiegħed it-tagħmir għall-aġġustament fil-pożizzjoni tiegħu. Fl-ewwel każ iċ-ċineg għandhom jiġu aġġustati skont il-paragrafi 8.1.3.6.3.2. jew 8.1.3.6.3.3. (skont liema huwa xieraq). It-test imbagħad għandu jitwettaq wara li jitneħħa l-manikin.

Il-paragrafu 8.2.5.2.6.

Dan il-paragrafu m'għandux japplika għaċ-ċineg tal-gwida li huma approvati separatament skont dan ir-Regolament.

ANNESS 16

IL-KONTROLL TAL-KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

1. It-testijiet

Is-sistemi tat-trażżin għat-tfal għandhom ikunu meħtieġa juru l-konformità mal-kondizzjonijiet meħtieġa li fuqhom huma bbażati t-testijiet li ġejjin:

1.1. Il-verifika tal-limitu tas-sokra u għal kemm idumu jservu l-apparat li jiġbed lura li jissakkar f'emerġenza

Skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 8.2.4.3 fid-direzzjoni l-inqas favorevoli kif jixraq wara li jkunu għaddew mill-ittestjar ta' kemm idumu jservu provdut fid-dettall fil-paragrafi 8.2.4.2, 8.2.4.4 u 8.2.4.5 bħala kondizzjoni meħtieġa tal-paragrafu 7.2.3.2.6.

1.2. Il-verifika ta' kemm iservu l-apparat li jiġbed lura li jissakkar awtomatikament

Skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 8.2.4.2 ikkompletati mit-testijiet fil-paragrafi 8.2.4.4 u 8.2.4.5 bħala kondizzjoni meħtieġa tal-paragrafu 7.2.3.1.3.

1.3. It-test tas-saħħa taċ-ċineg wara l-ikkondizzjonar

Skont il-proċedura deskritta fil-paragrafu 7.2.4.2. wara l-ikkondizzjonar skont il-kondizzjonijiet meħtieġa tal-paragrafi 8.2.5.2.1 sa 8.2.5.2.5.

1.3.1. It-test tas-saħħa taċ-ċineg wara l-brix

Skont il-proċedura deskritta fil-paragrafu 7.2.4.2 wara l-ikkondizzjonar skont il-kondizzjonijiet meħtieġa deskritti fil-paragrafu 8.2.5.2.6.

1.4. It-test tal-microslip

Skont il-proċedura deskritta fil-paragrafu 8.2.3 ta' dan ir-Regolament.

1.5. L-assorbiment tal-enerġija

Skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 7.1.2 ta' dan ir-Regolament.

1.6. Il-verifika tal-kondizzjonijiet meħtieġa ta' rendiment tas-sistema tat-trażżin għat-tfal meta din tiġi soġġetta għat-test dinamiku xieraq

Skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 8.1.3 bi kwalunkwe bokkla li ġiet ikkondizzjonata minn qabel skont il-kondizzjonijiet meħtieġa tal-paragrafu 7.2.1.7 b'tali mod li jkun hemm konformità mal-kondizzjonijiet meħtieġa xierqa tal-paragrafu 7.1.4 (għar-rendiment totali tat-trażżin għat-tfal) u tal-paragrafu 7.2.1.8.1 (għar-rendiment ta' kwalunkwe bokkla mgħobbija).

1.7. It-test tat-temperatura

Skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 7.1.5 ta' dan ir-Regolament.

2. Il-frekwenza u r-riżultati tat-testijiet

2.1. Il-frekwenza tal-ittestjar skont il-kondizzjonijiet meħtieġa tal-paragrafi 1.1 sa 1.5 u 1.7 għandha ssir fuq bażi kkontrollata b'mod statistiku u kif jinzerta skont waħda mill-proċeduri regolari tal-assigurazzjoni tal-kwalità, u trid issir mill-inqas darba fis-sena.

2.2. Il-kondizzjonijiet minimi għall-kontroll tal-konformità tas-sistemi tat-trażżin għat-tfal tal-kategoriji "Universali", "Semiuniversali" u "Ristretta", f'relazzjoni għat-testijiet dinamiċi skont il-paragrafu 1.6.

Skont l-awtoritajiet rilevanti, id-detentur ta' approvazzjoni se jissuperviżjona l-kontroll tal-konformità billi jsegwi l-metodu tal-kontroll tal-grupp (il-paragrafu 2.2.1.) jew billi jesgwi l-metodu tal-kontroll kontinwu (il-paragrafu 2.2.2).

2.2.1. Il-kontroll tal-grupp għas-sistemi tat-trażżin għat-tfal

2.2.1.1. Id-detentur ta' approvazzjoni jrid jaqsam is-sistemi tat-trażżin għat-tfal fi gruppi li jkunu kemm jista' jkun uniformi fejn jikkonċerna l-materja prima jew il-prodotti intermedji involuti fil-manifattura tagħhom (il-kulur different tal-qoxra, il-manifattura differenti tat-tagħmir li jikkontrolla ċ-ċaqliq) kif ukoll il-kondizzjonijiet tal-produzzjoni. In-numri fi grupp ma jridux jeċċedu l-5 000 unità.

Bi ftehim mal-awtoritajiet rilevanti, it-testijiet jistgħu jsiru mill-awtoritajiet tas-Servizz Tekniku jew taħt ir-responsabilità tad-detentur ta' approvazzjoni.

2.2.1.2. Irid jittieħed kampjun minn kull grupp skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2.2.1.4 minn minimu ta' 20 fil-mija tal-kwantità tal-grupp, li għandu jiġi prodott mill-grupp effettiv.

2.2.1.3. Il-karatteristiċi tas-sistemi tat-trażżin għat-tfal u n-numru ta' testijiet dinamiċi li għandhom isiru jingħataw fil-paragrafu 2.2.1.4.

2.2.1.4. Sabiex jiġi aċċettat, grupp ta' sistemi tat-trażżin għat-tfal irid jissodisfa l-kondizzjonijiet li ġejjin:

In-numru fil-grupp	In-numru ta' kampjuni/ il-karatteristiċi tas-sistemi tat-trażżin għat-tfal	In-numru kkumbinat ta' kampjuni	Il-kriterji ta' aċċettazzjoni	Il-kriterji ta' ċaħda	Il-grad ta' severità tal-kontroll
N < 500	L-ewwel = 1MH	1	0	—	Normali
	It-tieni = 1MH	2	1	2	
500 < N < 5 000	L-ewwel = 1MH	2	0	2	Normali
	It-tieni = 1MH	4	1	2	
N < 500	L-ewwel = 2MH	2	0	2	Imsaħħaħ
	It-tieni = 2MH	4	1	2	
500 < N < 5 000	L-ewwel = 2MH + 2LH	4	0	2	Imsaħħaħ
	It-tieni = 2MH + 2LH	8	1	2	

Nota:

MH = tfisser konfigurazzjoni aktar iebsa (l-inqas riżultati tajbin miksuba fl-approvazzjoni jew fl-estensjomi tal-approvazzjoni)
LH tfisser konfigurazzjoni inqas iebsa

Dan il-pjan ta' teħid ta' kampjuni doppju jaħdem kif ġej:

Għal kontroll normali, jekk l-ewwel kampjun ma jkun fih l-ebda unità difettuża, il-grupp jiġi aċċettat mingħajr ma jiġi ttestjat it-tieni kampjun. Jekk ikollu żewġ unitajiet difettużi, il-grupp jiġi miċħud. Fl-aħħar nett, jekk ikollu unità difettuża waħda, jiġi estrattat it-tieni kampjun u jrid ikun in-numru kumulattiv, li jissodisfa l-kondizzjoni tal-kolonna 5 tat-tabella t'aktar fuq.

Ikun hemm bidla minn kontroll normali għal kontroll imsaħħaħ jekk, minn 5 gruppi konsekuttivi, tnejn jiġu miċħuda. Il-kontroll normali jerġa' jinbeda jekk jiġu aċċettati 5 gruppi konsekuttivi.

Jekk kwalunkwe grupp jiġi miċħud, il-produzzjoni titqies bħala li mhix konformi u l-grupp m'għandux jiġi rilaxxat.

Jekk żewġ gruppi konsekuttivi li jiġu soġġetti għall-kontroll imsaħħaħ jiġu miċħuda, jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 13.

2.2.1.5. Il-kontroll tal-konformità tas-sistemi tat-trażżin għat-tfal isir billi jibda bil-grupp li ġie manifatturat wara l-ewwel grupp li kien soġġett għall-kwalifikazzjoni tal-produzzjoni.

2.2.1.6. Ir-riżultati tat-test deskritti fil-paragrafu 2.2.1.4 m'għandhomx jeċċedu L, fejn L huwa l-valur ta' limitu preskritt għal kull test tal-approvazzjoni.

2.2.2. Kontroll kontinwu

2.2.2.1. Id-detentur ta' approvazzjoni għandu jkun obbligat li jwettaq kontroll kontinwu tal-kwalità tal-proċess tal-manifattura tiegħu fuq bażi statistika u permezz tat-teħid tal-kampjuni. Bi ftehim mal-awtoritajet rilevanti, it-testijiet jistgħu jsiru mill-awtoritajiet tas-Servizz Tekniku jew taħt ir-responsabilità tad-detentur ta' approvazzjoni li jkun responsabbli għat-traċċabilità tal-prodott.

2.2.2.2. Il-kampjuni jridu jittieħdu skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2.2.2.4.

2.2.2.3. Il-karatteristika tas-sistemi tat-trażżin għat-tfal tittieħed bl-addoċċ u t-testijiet li għandhom isiru huma deskritti fil-paragrafu 2.2.2.4.

2.2.2.4. il-kontroll għandu jissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa li ġejjin.

Sistemi tat-trażżin tat-tfal meħuda	Il-grad ta' severità tal-kontroll
0,02 ifisser sistema waħda tat-trażżin għat-tfal meħuda minn kull 5 000 li ġew manifatturati	Normali
0,05 ifisser sistema waħda tat-trażżin għat-tfal meħuda minn kull 2 000 li ġew manifatturati	Imsaħħaħ

Dan il-pjan ta' teħid ta' kampjuni doppju jaħdem kif ġej:

Jekk is-sistema tat-trażżin għat-tfal titqies bħala konformi, il-produzzjoni tkun konformi.

Jekk is-sistema tat-trażżin għat-tfal ma tissodisfax il-kondizzjonijiet meħtieġa, għandha tittieħed it-tieni sistema tat-trażżin għat-tfal,

Jekk it-tieni sistema tat-trażżin għat-tfal tissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa, il-produzzjoni tkun konformi,

Jekk iż-żewġ sistemi tat-trażżin għat-tfal (l-ewwel u t-tieni) ma jissodisfawx il-kondizzjonijiet meħtieġa, il-produzzjoni ma tkunx konformi u s-sistemi tat-trażżin għat-tfal li x'aktarx jippreżentaw l-istess nuqqas għandhom jiġu rtirati, u għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa sabiex tiġi stabbilita mill-ġdid il-konformità tal-produzzjoni.

Il-kontroll imsaħħaħ se jieħu post dak normali jekk, minn 10 000 sistema tat-trażżin għat-tfal li jiġu manifatturati konsekuttivament, il-produzzjoni jkollha tiġi rtirata darbtejn.

Il-kontroll normali jibda mill-ġdid jekk 10 000 sistema tat-trażżin għat-tfal li jiġu manifatturati konsekuttivament jitqiesu bħala konformi.

Jekk il-produzzjoni li tiġi soġġetta għall-kontroll imsaħħaħ tkun ġiet irtirata f'żewġ okkażjonijiet konsekuttivi, jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 13.

2.2.2.5. Il-kontroll kontinwu fuq is-sistemi tat-trażżin għat-tfal isir billi jibda wara l-kwalifikazzjoni tal-produzzjoni.

2.2.2.6. Ir-riżultati tat-test deskritti fil-paragrafu 2.2.2.4 m'għandhomx jeċċedu L, fejn L huwa l-valur ta' limitu preskritt għal kull test tal-approvazzjoni.

2.3. Għal tagħmir inkorporat f'vetturi speċifiċi għandhom japplikaw il-frekwenzi tat-test li ġejjin:

Trażżin għat-tfal, minbarra l-booster cushions: Darba kull tmien ġimgħat

Booster cushions: Darba kull 12-il ġimgħa

F'kull test il-kondizzjonijiet meħtieġa kollha skont il-paragrafi 7.1.4 u 7.2.1.8.1 iridu jiġu ssodisfati. Jekk it-testijiet kollha matul sena waħda juru riżultati sodisfaċenti, il-manifattur, wara ftehim mal-awtorità kompetenti, jista' jnaqqas il-frekwenzi kif ġej:

Trażżin għat-tfal, minbarra l-booster cushions: Darba kull 16-il ġimgħa

Booster cushions: Darba kull 24-il ġimgħa

Madankollu, għandha tiġi permessa frekwenza minima ta' test fis-sena fejn il-produzzjoni annwali hija ta' 1 000 sistema tat-trażżin għat-tfal jew inqas.

2.3.1. Għat-tagħmir ta' vetturi speċifiċi skont il-paragrafu 2.1.2.4.1, il-manifattur tat-trażżin għat-tfal jista' jagħżel il-proċeduri tal-Konformità tal-Produzzjoni jew skont il-paragrafu 2.2, fuq sit tat-test, jew skont il-paragrafu 2.3, f'qafas ta' bodi ta' vettura.

2.3.2. Fejn kampjun tat-test ma jgħaddix minn test partikolari li jkun ġie soġġett għalih, għandu jsir test ieħor għall-istess rekwiżit fuq mill-inqas tliet kampjuni oħra. Fil-każ tat-testijiet dinamiċi, jekk wieħed minn dawn tal-aħħar ifalli, il-produzzjoni titqies li mhix konformi u l-frekwenza għandha tiġi miżjuda għal waħda ogħla, jekk dik li kienet aktar baxxa kienet intużat skont il-paragrafu 2.3 u għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa sabiex tiġi stabbilita mill-ġdid il-konformità tal-produzzjoni.

2.4. Meta jinstab li l-produzzjoni mhix konformi skont il-paragrafi 2.2.1.4, 2.2.2.4 jew 2.3.2, id-detentur tal-approvazzjoni jew ir-rappreżentant tiegħu li kien akkreditat b'mod xieraq għandu:

2.4.1. Jinnotifika lill-Awtorità Kompetenti li tat l-approvazzjoni tat-tip fejn jindika x'passi ttieħdu biex terġa' tiġi stabbilita l-konformità tal-produzzjoni.

2.5. Il-manifattur irid jinforma lill-awtorità kompetenti fuq bażi ta' kull tliet xhur, dwar il-volum tal-prodotti magħmula skont kull numru tal-approvazzjoni, billi jipprovdi mezz ta' kif jiġu identifikati liema prodotti jikkorrispondu ma' dak in-numru tal-approvazzjoni.

ANNESS 17

IT-TEST TAL-MATERJAL ASSORBENTI L-ENERĠIJA


1. Il-forma tar-ras

1.1. Il-forma tar-ras għandha tikkonsisti minn emisfera solida tal-injam b'segment iżgħar f'forma ta' sfera miżjud kif muri fil-Figura A hawn isfel. Din għandha tkun mibnija b'mod li tkun tista' titwaqqa' liberament tul l-assi mmarkat u għandu jkollha fejn jintrama aċċellerometru biex titkejjel l-aċċellerazzjoni tul id-direzzjoni tal-waqgħa.

1.2. Il-forma tar-ras għandu jkollha massa totali ta' 2,75 ± 0,05 kg, bl-aċċellerometru inkluż.

Figura A

Il-forma tar-ras



Dimensjonijiet f'mm

2. It-tagħmir tal-kejl

L-aċċellerazzjoni għandha tiġi rreġistrata matul it-test, billi jintuża tagħmir skont il-klassi tal-kanal tal-frekwenza 1 000 kif speċifikat fl-aħħar verżjoni tal-ISO 6487.

3. Il-proċedura

3.1. It-trażżin għat-tfal immontat kompletament għandu jitqiegħed fir-reġjun tal-impatt fuq superfiċje riġidu u ċatt, li d-dimensjonijiet minimi tiegħu jkunu ta' 500 x 500 mm, biex id-direzzjoni tal-impatt tkun perpendikulari għas-superfiċje ta' ġewwa tas-sistema tat-trażżin għat-tfal fl-erja tal-impatt.

3.2. Għolli l-forma tar-ras għal għoli ta' 100 -0/+5 mm mis-superfiċji ta' fuq rispettivi tat-trażżin għat-tfal immontat sal-iktar punt baxx fuq il-forma tar-ras, u ħalliha taqa'. Irreġistra l-aċċelerazzjoni li tkun għaddiet minnha l-forma tar-ras matul l-impatt.

ANNESS 18

IL-METODU LI BIH TIĠI DDEFINITA L-ERJA TAL-IMPATT TAR-RAS TAT-TAGĦMIR B'POST FEJN ISSERRAĦ ID-DAHAR U GĦAT-TAGĦMIR LI JĦARES LURA GĦAD-DEFINIZZJONI TAD-DAQS MINIMU TAL-MADGARDS TAL-ĠENB

1. Poġġi t-tagħmir fuq is-sit tat-test deskritt fl-Anness 6. Tagħmir li jista' jitmejjel għandu jitqiegħed fil-pożizzjoni l-aktar dritta. Poġġi l-iżgħar manikin fit-tagħmir skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur. Immarka punt "A" fuq il-post fejn jistrieħ id-dahar fuq l-istess livell orizzontali tal-ispalla tal-iżgħar manikin f'punt 2 cm ġewwa mit-tarf ta' barra tad-driegħ. Is-superfiċji kollha ta' ġewwa 'l fuq mill-pjan orizzontali li jgħaddi mill-punt A għandhom jiġu ttestjati skont l-Anness 17. Din l-erja għandha tinkludi s-superfiċji ta' ġewwa ta' fejn jistrieħ id-dahar u l-madgards tal-ġenb, inklużi t-trufijiet ta' fuq ġewwa (iż-żona tar-radju) tal-madgards tal-ġenb. Fil-każ ta' apparat għall-kerrikots fejn, skont l-istruzzjonijiet tal-apparat u l-istruzzjonijiet tal-manifattur, installazzjoni simetrika tal-manikin ma tkunx possibbli, l-erja li tikkonforma mal-Anness 17, għandha tinkludi l-erjas kollha 'l fuq mill-punt "A", kif iddefinit qabel, fid-direzzjoni tar-ras, meta mkejla b'dan il manikin fil-kerrikot fl-agħar pożizzjoni tiegħu li tkun konsistenti mal-istruzzjonijiet tal-manifattur u l-kerrikot ippożizzjonat fuq il-bank tat-test.

   Jekk installazzjoni simmetrika tal-manikin fil-kerrikot tista' tkun possibbli, l-erja ta' ġewwa kollha għandha tkun konfomi mal-Anness 17.


2. Għat-tagħmir li jħares lura għandu jkun hemm madgards tal-ġenb b'fond minimu ta' 90 mm imkejjel mill-medjan tas-superfiċje ta' fejn jistrieħ id-dahar. Dawn il-madgards tal-ġenb għandhom jibdew fil-pjan orizzontali li jgħaddi mill-punt "A" u jkomplu sal-parti ta' fuq nett tad-dahar tas-sit. Bil-bidu minn punt 90 mm 'l isfel mill-parti ta' fuq tad-dahar tas-sit, il-fond tal-madgards tal-ġenb jista' jitnaqqas bil-mod.

3. Il-kondizzjoni meħtieġa fil-paragrafu 2 t'aktar fuq għad-daqs minimu tal-madgards tal-ġenb ma' tapplikax għat-trażżin għat-tfal tal-gruppi tal-massa II u III fil-kategorija tal-vettura speċifika li ser jintuża fl-erja tal-bagalji skont il-paragrafu 6.1.2 ta' dan ir-Regolament.

ANNESS 19

ID-DESKRIZZJONI TAL-IKKONDIZZJONAR TAL-APPARAT LI JAĠĠUSTA ARMATI DIRETTAMENT FUQ IT-TRAŻŻIN GĦAT-TFAL

Figura 1



1. Il-metodu

1.1. Bl-istrixxi ssettjati fil-pożizzjoni ta' referenza deskritta fil-paragrafu 8.2.7., iġbed tal-inqas 50 mm tal-istrixxi mill-ankraġġ integrali li jikkontrolla ċ-ċaqliq billi tiġbed fuq it-tarf liberu tal-istrixxi.

1.2. Waħħal il-parti aġġustata tal-ankraġġ integrali li jikkontrolla l-moviment mat-tagħmir li jiġbed A.

1.3. Attiva l-apparat li jaġġusta u iġbed tal-inqas 150 mm tal-istrixxi fl-ankraġġ integrali li jikkontrolla ċ-ċaqliq. Dan jirrapreżenta nofs ċiklu wieħed u jpoġġi it-tagħmir li jiġbed A fil-pożizzjoni massima ta' qligħ tal-istrixxi.

1.4. Qabbad it-tarf liberu tal-istrixxi mat-tagħmir li jiġbed B.

2. Iċ-ċiklu huwa:

2.1. Iġbed B tal-inqas 150 mm filwaqt li A ma jeżerċita l-ebda tensjoni fuq l-ankraġġ integrali li jikkontrolla ċ-ċaqliq.


2.2. Attiva l-apparat li jaġġusta u iġbed A filwaqt li B ma jeżerċita l-ebda tensjoni fuq it-tarf liberu tal-istrixxi.

2.3. Fit-tmiem ta' tefgħa, itfi l-apparat li jaġġusta.

2.4. Irrepeti ċ-ċiklu kif speċifikat fil-paragrafu 7.2.2.7.

ANNESS 20

IT-TAGĦMIR TIPIKU TAT-TEST TAS-SAĦĦA TAL-BOKKLA




dimensjonijiet f'mm

a = is-superfiċjef'punt A:

ANNESS 21

L-INSTALLAZZJONI TAT-TEST DINAMIKU TAL-ĦBIT



1. Il-metodu

1.1. Iċ-ċinturin ta' fuq il-ħoġor biss

Qiegħed iċ-ċellula tal-karga 1 mal-pożizzjoni ta' fuq in-naħa ta' barra kif muri aktar fuq. Installa t-trażżin għat-tfal u applika tensjoni fuq iċ-ċinturin ta' referenza fil-pożizzjoni ta' fuq in-naħa ta' barra biex tinkiseb tagħbija ta' 75N ± 5N fuq il-pożizzjoni ta' fuq in-naħa ta' barra.

1.2. Iċ-ċinturin ta' fuq il-ħoġor u dak dijagonali

1.2.1. Qiegħed iċ-ċellula tal-karga 1 mal-pożizzjoni ta' fuq in-naħa ta' barra kif muri aktar fuq. Installa t-trażżin għat-tfal fil-pożizzjoni korretta. Jekk jitwaħħal tagħmir tal-qfil mat-trażżin għat-tfal u jaġixxi fuq iċ-ċinturin dijagonali, poġġi ċ-ċellula tal-karga 2 f'pożizzjoni konvenjenti wara t-trażżin għat-tfal bejn it-tagħmir tal-qfil u l-bokkla kif muri aktar fuq. Jekk m'hemm l-ebda tagħmir tal-qfil imwaħħal jew jekk it-tagħmir tal-qfil huwa mwaħħal mal-bokkla, qiegħed iċ-ċellula tal-karga f'pożizzjoni konvenjenti bejn l-ingassa tal-kolonna u t-trażżin għat-tfal.

1.2.2. Aġġusta l-parti ta' fuq il-ħoġor taċ-ċinturin ta' referenza biex tikseb tagħbija ta' tensjoni ta' 50N ± 5N fiċ-ċellula tal-karga 1. Għamel marka bil-ġibs fuq l-istrixxi fejn jgħaddu minn ġol-bokkla simulata. Filwaqt li ċ-ċinturin jinżamm f'din il-pożizzjoni, aġġusta d-dijagonali biex tinkiseb tensjoni ta' 50N ± 5N fuq iċ-ċellula tal-karga 2 jew billi taqfel l-istrixxi fit-tagħmir tal-qfil tal-istrixxi tat-trażżin għat-tfal jew billi ġġebbed iċ-ċinturin viċin tal-apparat standard li jiġbed lura.

1.2.3. Ohroġ l-istrixxi kollha mir-rukkell tal-apparat li jiġbed lura u dawwar lura b'tensjoni fiċ-ċinturin ta' 4 ± 3 N bejn l-apparat li jiġbed lura u l-ingassa tal-kolonna. Ir-rukkell għandu jissakkar qabel it-test dinamiku. Wettaq it-test dinamiku tal-kraxx.

1.2.4. Qabel ma tibda l-installazzjoni, ikkontrolla t-trażżin għat-tfal biex tiddetermina l-konformità mal-paragrafu 6.2.1.3. Jekk hemm tibdil fit-tensjoni tal-installazzjoni minħabba l-bidla fil-funzjoni tal-angolu, allura ttestja għall-kondizzjoni li toħloq l-installazzjoni l-aktar illaxkata, wettaq l-installazzjoni u kkawża tensjoni fil-pożizzjoni l-aktar issikkata u mbagħad erġa' qiegħed it-trażżin għat-tfal fil-pożizzjoni għall-agħar każ mingħajr ma terġa' żżid it-tensjoni fiċ-ċinturin għall-adulti. Wettaq it-test dinamiku.

1.3. Iż-żidiet ISOFIX

Għal sistema tat-trażżin għat-tfal ISOFIX b' ankraġġi tal-koljatura tas-sit b'pożizzjonijiet aġġustabbli ISOFIX. Waħħal is-sistema tat-trażżin għat-tfal ISOFIX mingħajr il-passiġġier mal-ankraġġi tal-koljatura tas-sit H1-H2 fil-pożizzjoni xierqa tat-test. Ħalli l-mekkaniżmi tal-imqafel tat-trażżin għat-tfal ISOFIX jiġbdu s-sistema tat-trażżin

għat-tfal ISOFIX mingħajr il-passiġġier lejn il-koljatura tas-sit. Applika forza addizzjonali ta' 135 ± 15 N fi pjan parallel għas-superfiċje tal-kuxxin tas-sit tal-bank tat-test fid-direzzjoni tal-koljatura tas-sit sabiex tegħleb il-forzi tal-frizzjoni bejn is-sistema tat-trażżin għat-tfal ISOFIX u l-kuxxin tas-sit, waqt li tgħin l-effetti ta' awto-tensjoni tal-mekkaniżmu tal-imqafel. Il-forza għandha tiġi applikata fuq jew b'mod ugwali madwar il-linja taċ-ċentru tat-trażżin għat-tfal ISOFIX u f'għoli ta' mhux iktar minn 100 mm 'il fuq mis-superfiċje tal-kuxxin tal-bank tat-test. Jekk ikun meħtieġ, aġġusta l-irbit ta' fuq sabiex tinkiseb tagħbija ta' tensjoni ta' 50 ± 5 N (*). Qiegħed il-manikin tat-test xieraq fit-trażżin għat-tfal meta s-sistema tat-trażżin għat-tfal ISOFIX tkun ġiet aġġustata b'dan il-mod.

Nota

1. L-installazzjoni titwettaq wara li jitqiegħed il-manikin fit-trażżin għall-paragrafi 1.1 u 1.2.

2. Minħabba li l-kuxxin tal-fowm tat-test ser jikkompressa wara l-installazzjoni tat-trażżin għat-tfal, it-test dinamiku jrid jitwettaq, possibilment, mhux aktar minn 10 minuti wara l-installazzjoni. Biex il-kuxxin titħalla terġa' tikseb il-forma tagħha, il-perjodu minimu bejn żewġ testijiet fejn tintuża l-istess kuxxin għandu jkun ta' 20 minuta.

3. Iċ-ċelluli tal-karga jitwaħħlu direttament fuq l-istrixxi taċ-ċinturin jistgħu jiġu skonnettjati b'mod elettriku, imma jridu jitħallew fil-post matul it-test dinamiku. Il-massa ta' kull ċellula m'għandhiex teċċedi l-250 gramma. Alternattivament, iċ-ċellula tal-karga tal-istrixxi taċ-ċinturin ta' fuq il-ħoġor tista' tiġi sostitwita minn ċellula tal-karga mwaħħla fil-punt tal-ankraġġ.

4. Fil-każ tat-trażżin mgħammar b'i tagħmir maħsub biex iżid it-tensjoni taċ-ċinturin tas-sigurtà għall-adulti, il-metodu tat-test għandu jkun:

   Installa s-sistema tat-trażżin għat-tfal kif meħtieġ f'dan l-Anness u mbagħad applika t-tagħmir li jżid it-tensjoni kif iddikjarat fl-istruzzjonijiet tal-manifattur. Jekk l-apparat ma jkunx jista' jiġi applikat minħabba tensjoni żejda mela dan jitqies bħala apparat mhux aċċettabbli.

5. M'għandha tiġi applikata l-ebda forza addizzjonali fuq is-sistema tat-trażżin għat-tfal għajr il-minimu meħtieġ sabiex jinkisbu l-forzi korretti tal-installazzjoni kif speċifikat fil-paragrafi 1.1 u 1.2.2.

6. F'każ ta' kerrikot installat kif deskritt fil-paragrafu 8.1.3.5.6, il-kollegament bejn iċ-ċinturin tas-sigurtà għall-adulti u t-trażżin għandu jkun simulat. Ċinturin tas-sigurtà għall-adulti twil 500 mm u b'tarf ħieles (imkejjel kif deskritt fl-Anness 13) jiġi kollegat bil-pjanċa tal-ankraġġ deskritta fl-Anness 13 mal-punti tal-ankraġġ preskritti. It-trażżin imbagħad jiġi kollegat maċ-ċinturini tas-sigurtà għall-adulti b'tarf ħieles. It-tensjoni fuq iċ-ċinturin tas-sigurtà għall-adulti, imkejla bejn il-punt tal-ankraġġ u t-trażżin, għandha tkun ta' 50 ± 5 N.

(*) Fil-każ ta' trażżin mgħammar b'apparat maħsub biex iżid it-tensjoni tal-irbit ta' fuq, il-metodu tat-test għandu jkun:
Installa s-sistema tat-trażżin għat-tfal ISOFIX kif meħtieġ f'dan l-Anness u mbagħad applika l-apparat li jżid it-tensjoni kif iddikjarat fl-istruzzjonijiet tal-manifattur. Jekk l-apparat ma jkunx jista' jiġi applikat minħabba tensjoni żejda mela dan jitqies bħala apparat mhux aċċettabbli.

ANNESS 22

IT-TEST TAL-BLOKKA TAL-ĠISEM TAL-PARTI T'ISFEL TAT-TORSO

Figura 1

Il-blokka tal-manikin P10 maqtugħa

Materjal: EPS (40 sa 45 g/l)




Figura 2

It-test tal-ġbid tal-booster bl-użu tal-blokka tal-manikin

